MALTA
INLESTU GĦALL-FUTUR

# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT

# 2018

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI

# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT 2018

Ottubru 2018

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta VLT 1061

Tel.: (+356) 2200 0000
Sit elettroniku: http://www.opm.gov.mt

***Cataloguing-in-Publication Data***
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
It-Twettiq tal-Baġit, 2018
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni, 2018

29.7, 21 cm

ISBN: 978-99957-1-340-9

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta

Tel.: (+356) 2125 0550

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz:  €5.00

| | |
|---|---|
| OPM | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| MFH | Ministeru għas-Saħħa |
| MEIB | Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji ż-Żgħar |
| MEDE | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| MEW | Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġjar tal-Ilma |
| MEAE | Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza |
| MFIN | Ministeru għall-Finanzi |
| MOT | Ministeru għat-Turiżmu |
| MHAS | Ministeru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali |
| MJCL | Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali |
| MESDC | Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima |
| MFTP | Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ |
| MTIP | Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali |
| MGOZ | Ministeru għal Għawdex |
| MFCS | Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali |

DAĦLA

Ta' kull sena s-Servizz Pubbliku baqa' jagħti rendikont tal-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Baġit. Baqa' jsir għaliex nemmnu li huwa eżerċizzju ta' kontabilità u trasparenza, mhux biss lejn is-Servizz Pubbliku nnifsu imma iktar u iktar lejn il-poplu.

Din hija l-ħames sena konsekuttiva li fiha qegħdin nagħtu dan ir-rendikont. Rendikont ta' fejn wasalna fl-implimentazzjoni tiegħu kif ukoll ta' Baġits preċedenti, li l-miżuri tagħhom ma kinux għadhom twettqu fit-totalità tagħhom. Għalhekk dan l-eżerċizzju ma nsejjaħlux biss wieħed li jassigura kontabilità u trasparenza, iżda eżerċizzju ta' kontinwità fejn il-miżuri tal-Baġit jibqgħu jiġu segwiti sakemm ikunu implimentati sal-aħħar.

Is-Servizz Pubbliku qed ikompli jkun katalista fejn jidħol it-tiġdid tiegħu. Matul din is-sena saru diversi inizjattivi biex is-Servizz Pubbliku jkompli joffri servizz ta' kwalità liċ-ċittadin, anke permezz tal-effiċjenza u l-immedjatezza li ġġib magħha t-teknoloġija. Dan permezz tal-introduzzjoni ta' aktar *mobile apps* u siti kompatibbli mal-mowbajl. Mhux hekk biss. Aktar servizzi baqgħu jiġu introdotti fis-sit elettroniku servizz.gov.mt biex iċ-ċittadin ikun jista' wkoll jinqeda mill-kumdità ta' daru. Ħidmet is-Servizz Pubbliku ma waqfitx hawnhekk. Nedejna iktar *Key Performance Indicators* li permezz tagħhom is-Servizz Pubbliku jistabbilixxi l-miri tiegħu, jippjana ħidmietu u jwettaq dak li jkun ġie ppjanat.

Din is-sena wkoll erġajna rajna l-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku li saret appuntament annwali fil-kalendarju tagħna. Matulha jingħata l-għarfien dwar ħidmietu u anke jingħataw rikonoxximenti lil dipartimenti u uffiċjali li jkunu spikkaw minn oħrajn. Barra minn hekk din il-ġimgħa sservi wkoll ta' pjattaforma għall-pubbliku, biex anke hu jsemma' leħnu dwar ħidmietna.

Dan kollu sar fl-istess ħin li nkunu għaddejjin fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Baġit. Għal darb' oħra, is-Servizz Pubbliku rnexxielu jżid ir-rata marbuta mat-twettiq tal-miżuri maħsuba għall-2018. Fil-fatt, ir-rata ta' implimentazzjoni ta' din is-sena hija ta' 79%. Ma' dawn, is-Servizz Pubbliku rnexxielu wkoll jimplimenta 45 miżura oħra minn baġits preċedenti li fis-sena tagħhom kienu għadhom fil-proċess ta' implimentazzjoni. Dan huwa riżultat pożittiv ieħor għas-Servizz Pubbliku, iżda mhux biss. Meta wieħed jara x'tip ta' miżuri ġew implimentati matul is-sena, wieħed jifhem li dan verament huwa Servizz Pubbliku li qed iħalli r-riżultati mixtieqa.

Dawn ir-riżultati jkomplu jagħtuna l-enerġija biex inwettqu iktar, għal Servizz Pubbliku dinamiku, li ma jibżax jiġġedded u jinbidel maż-żminijiet, li filwaqt li jservi bħala l-id amministrattiva tal-Gvern ifassal il-pjani tiegħu u jimplimentahom, għall-ġid taċ-ċittadin u biex dejjem iwassal servizz ta' eċċellenza.

**MARIO CUTAJAR**
Segretarju Permanenti Ewlieni

L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 106 | Nisfruttaw l-opportunitajiet li se ġġib magħha l-Brexit; Is-settur tas-servizzi finanzjarji se jkompli jikber billi jifrex fl-oqsma tal-ekonomija diġitali, *payment services* u istituzzjonijiet li joperaw fi tranżazzjonijiet ta' flus elettroniċi. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Saru numru ta' laqgħat ma' entitajiet privati u dawk li jirrappreżentaw l-industrija fir-Renju Unit. | Twaqqaf *working group* intern biex jimmonitorja l-iżviluppi marbuta ma' Brexit f'dak li għandu x'jaqsam ma' *insurances* u *payment services*, kif ukoll jistudja diversi *white papers* li jkun qed jippubblika l-Gvern tar-Renju Unit konnessi mas-servizzi finanzjarji. | Għadda mill-Parlament Malti Att ta' liġi li se jkun qed ipoġġi qafas regolatorju li jinċentiva l-ekonomija diġitali f'pajjiżna. | Mistenni li jitwaqqfu numru ta' *stakeholder groups* li fost affarijiet oħra se jkunu qed jiddiskutu kif Malta tista' tkompli tippożizzjona ruħha sabiex tisfrutta benefiċċji li jistgħu jinħolqu minħabba Brexit f'dak li għandu x'jaqsam ma' servizzi finanzjarji. | Implimentata |
| 107 | Twaqqfet *taskforce* li se tkun qed tevalwa proposti għall-implimentazzjoni ta' strateġija nazzjonali tal-*Blockchain*. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Wara t-twaqqif tat-*Taskforce* fl-2017, saru laqgħat interni u tlesta abbozz li jinkludi l-istrateġija nazzjonali għall-*Blockchain* u l-qafas legali ta' kif se tkun qed tiġi regolata t-teknoloġija tad-Distributed Ledger Technology (DLT).<br><br>Bdiet u spiċċat il-konsultazzjoni pubblika rigward l-istrateġija nazzjonali tal-*Blockchain*. | Ġie evalwat il-*feedback* milqugħ waqt il-konsultazzjoni pubblika u ġie rivedut l-abbozz leġiżlattiv.<br><br>Il-liġi tressqet quddiem il-Parlament u sar l-ewwel, it-tieni u t-tielet qari tagħha.<br><br>Twaqqaf bil-liġi r-regolatur tad-DLT permezz tal-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 108 | Se nkunu qegħdin ninvestu fi *Blockchain Lab* fil-MITA. | L-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Malta (MITA) | Ħarġet sejħa għall-offerti għall-ingaġġ ta' konsulent biex jassisti lill-MITA fit-twaqqif ta' laboratorju u ta' ċentru maħsub għall-*Blockchain*.<br><br>Ħarġet sejħa għall-offerti biex jiġi identifikat spazju fiżiku maħsub għal-laboratorju tal-*Blockchain*. | Saret l-evalwazzjoni u ġie ingaġġat il-konsulent magħżul.<br><br>Bdiet u tlestiet l-evalwazzjoni għal spazju fiżiku għal laboratorju tal-*Blockchain* u ntgħażel l-offerent preferut.<br><br>Bdiet ħidma biex jintgħażel proġett pilota li juża *Blockchain* fil-Gvern. | L-iskop oriġinali wara t-twaqqif ta' *Blockchain Lab* twessa' sabiex iservi bħala *Emerging Technologies Lab*. Dan il-laboratorju se joffri għodda u servizzi biex ħaddiema mill-MITA, uffiċjali tal-Gvern u saħansitra *startups* ikunu jistgħu jużaw din l-għodda li tirrifletti teknoloġiji ġodda.<br><br>Għaldaqstant, ħarġet sejħa għall-offerti għax-xiri ta' apparat ġdid biex jintuża f'dan il-laboratorju. | Is-sejħa għall-offerti maħruġa għax-xiri ta' għodda ġdida hija mistennija li tagħlaq f'dan il-perjodu, u wara l-evalwazzjoni tinxtara. B'hekk, il-laboratorju l-ġdid jibda jitħaddem sal-aħħar tas-sena. | Implimentata |
| 109 | Teknoloġija tal-*Blockchain*; Se jkun qed jiġi varat ukoll programm ta' taħriġ għall-impjegati fiċ-ċivil biex jibdew jifhmu l-użu ta' din it-teknoloġija. | L-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Malta (MITA) | Ġie ingaġġat konsulent u ġie varat programm ta' taħriġ fejn bdew sessjonijiet u seminars fuq *Blockchain* lil nies li mhumiex tekniċi fis-settur pubbliku. | Tkomplew is-sessjonijiet u seminars fuq *Blockchain*.<br><br>Ġie organizzat ukoll taħriġ fuq *Blockchain* għan-nies tekniċi. | Ġie konkluż it-taħriġ fuq *Blockchain* għan-nies tekniċi u anke għal dawk li mhumiex. Dan it-taħriġ kien immirat speċifikament għan-nies tal-MITA u għall-uffiċjali tal-Gvern. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 110 | Il-Gvern se jkun ukoll qed iniedi *web portal* li jservi bħala mezz ta' komunikazzjoni ma' dawk kollha interessati fi *blockchain* u *cryptocurrencies*. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Il-ħidma fuq l-iżvilupp u t-tnedija ta' *web portal* hija marbuta mat-twaqqif tar-regolatur għad-Distributed Ledger Technology (DLT) u t-twaqqif tal-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta. | Twaqqfu r-regolatur għad-DLT kif ukoll l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta u bdiet il-ħidma fuq l-iżvilupp tal-*web portal* għall-*blockchain* u *cryptocurrencies*. | L-iżvilupp fuq il-*web portal* għall-*blockchain* u *cryptocurrencies* tkompla u bdew il-preparamenti għat-tnedija tal-*portal*. | Mistenni li jitnieda l-*web portal* għall-*blockchain* u *cryptocurrencies*. | Implimentata |
| 111 | Teknoloġija tal-*Blockchain*; Il-Gvern se jkompli wkoll jgħin *startups* li jaħdmu fuq din it-teknoloġija u jipprovdi s-sapport meħtieġ. Għalhekk, se jkun qed jitwaqqaf *Blockchain Hub.* | L-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Malta (MITA) | Il-MITA ħarġet skema bl-isem ta' YouStartIT bl-għan li tgħin *startups* li jaħdmu fuq din it-teknoloġija u jiġi pprovdut is-sapport meħtieġ.<br><br>Ġiet organizzata attività taħt l-isem ta' din l-iskema li wasslet biex jintgħażlu l-ewwel erba' *startups* b'ideat tal-*Blockchain*. | Ġew iffirmati l-kuntratti mal-erba' *startups* u beda l-proċess ta' *mentoring*.<br><br>L-*istartups* ingħataw ukoll parti mill-fondi skont il-progress li ntlaħaq magħhom. | Kompla l-*mentoring* tal-*istartups* bl-involviment ukoll ta' *mentors* esterni permezz ta' *networking events.*<br><br>Ħarġet sejħa oħra għall-edizzjoni tal-programm YouStartIT, immirata għall-*istartups* li jużaw it-teknoloġija tal-*Blockchain* u teknoloġiji emerġenti. | Huwa mistenni li l-*istartups* magħżula fit-tieni sejħa jingħataw parti mill-fondi skont il-progress li jkun intlaħaq minnhom flimkien ma' kull għajnuna meħtieġa oħra biex iħaddmu teknoloġija *Blockchain* u tekonoloġiji emerġenti.<br><br>Jiġu ffirmati l-kuntratti mal-*istartups* magħżula fl-aħħar sejħa tal-programm YouStartIt.<br><br>Jitnieda l-*Blockchain Hub*. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 112 | Se jiddaħħal qafas regolatorju ġdid li se jipprovdi inċentivi għal tkabbir tas-settur tal-*gaming* b'mod li se jżid il-valur miżjud filwaqt li jkun hemm tisħiħ ta' salvagwardji għal logħob b'responsabbiltà. | L-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob (MGA) | Tlesta abbozz ta' liġi li jipprovdi qafas regolatorju ġdid li fost l-oħrajn jissalvagwardja l-logħob b'responsabbiltà. Dan l-abbozz ġie ppreżentat fil-Parlament u għadda mill-ewwel u t-tieni qari.<br><br>Bdiet ħidma fuq *policies* u proċeduri interni ġodda fl-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob (MGA) biex tassigura konformità mar-regolamenti l-ġodda. | Sar taħriġ intern lill-uffiċjali tal-MGA u tnedew ukoll il-*policies* u l-proċeduri interni l-ġodda.<br><br>Sar it-tielet qari u l-liġi ġiet approvata mill-Parlament. | Il-liġi l-ġdida daħlet fis-seħħ f'Awwissu. | | Implimentata |
| 125 | Wara s-suċċess tal-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment, il-Gvern se jkun qiegħed iġedded l-istess Programm sabiex nattiraw aktar investiment lejn xtutna u li għandu jwassal għal dħul addizzjonali akbar. | Aġenzija ta' Malta għall-Programm tal-Investitur Individwali (MIIPA) | Tnediet konsultazzjoni pubblika dwar il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment u ġew evalwati s-sottomissjonijiet milqugħa. | Tħejja rapport intern bl-ewwel sett ta' rakkom-andazzjonijiet ibbażati fuq is-sottomissjonijiet milqugħa. | Ir-rakkoman-dazzjonijiet ġew ippreżentati lill-membri tal-bord tal-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment għall-kunsiderazzjoni tagħhom. | Mistenni li jiġi finalizzat ir-rapport, jinħareġ għall-pubbliku u tkompli l-ħidma fuq l-emendi fil-liġi li jirriflettu t-tibdil fil-Programm tal-Investitur Individwali. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 217 | Se jibdew konsultazzjonijiet fuq riformi li jridu jidħlu, fejn fost l-oħrajn hemm ir-riforma dwar l-użu tal-kannabis għal raġunijiet mediċi. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Saru l-ewwel, it-tieni u t-tielet qari fil-Parlament u ġie approvat l-abbozz ta' liġi dwar l-użu tal-kannabis għal raġunijiet mediċi. | | | | Implimentata |
| 218 | Se jibdew konsultazzjonijiet fuq riformi li jridu jidħlu; id-dibattitu fuq it-traffikar uman. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Saru laqgħat mal-Kumitat Interministerjali sabiex jitħejja dokument għall-konsultazzjoni pubblika rigward id-dibattitu fuq it-traffikar uman. | Komplew il-laqgħat mal-Kumitat Interministerjali, kif ukoll diskussjonijiet ma' diversi *stakeholders* biex jibda jitfassal dokument għal konsultazzjoni pubblika.<br><br>Twaqqaf kumitat konsultattiv bil-għan li jkun hemm qafas legali aktar robust sabiex jipprevieni l-problema tat-traffikar uman, jissaħħaħ l-infurzar mill-awtoritajiet Maltin u tingħata aktar għajnuna professjonali lill-vittmi. | Kompla x-xogħol tal-Kumitat Interministerjali biex jitħejja dokument għall-approvazzjoni interna. Dan għandu jwassal għal tibdil fil-liġi relatat mat-traffikar uman, b'enfasi akbar fuq il-protezzjoni tal-vittmi. | Id-dokument huwa mistenni li jiġi approvat internament u jinħareġ għall-konsultazzjoni pubblika. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 220 | Se jibdew konsultazzjonijiet fuq riformi li jridu jidħlu; kwoti tan-nisa. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Bdew laqgħat ta' konsultazzjoni interna bil-għan li jkun propost mekkaniżmu elettorali li jassigura bilanċ aħjar bejn is-sessi fil-Parlament. | Twaqqaf formalment Kumitat Tekniku għat-Tisħiħ tad-Demokrazija Rappreżentattiva. Ġew finalizzati proposti leġiżlattivi. | Bdiet ħidma mill-Kumitat Tekniku għat-Tisħiħ tad-Demokrazija Rappreżentattiva fuq *green paper* li ser tanalizza s-sitwazzjoni kurrenti u tressaq proposti legali f'dan ir-rigward għal konsultazzjoni pubblika. | Mistenni li l-*green paper* tiġi approvata internament u tinħareġ għall-konsultazzjoni pubblika. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 221 | Se jibdew konsultazzjonijiet fuq riformi li jridu jidħlu; il-possibbiltà ta' estensjoni tal-Vot 16 fl-elezzjonijiet ġenerali u dawk tal-Parlament Ewropew. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Servizzi Finanzjarji u Identità) | Wara li saret konsultazzjoni pubblika fl-2017 u ġie approvat l-abbozz ta' liġi, sar l-ewwel, it-tieni u t-tielet qari fil-Parlament fejn kienet emendata l-Kostituzzjoni ta' Malta biex tippermetti li żgħażagħ ta' 16-il sena jkunu jistgħu jivvutaw fl-elezzjonijiet ħenerali u tal-Parlament Ewropew. | | | | Implimentata |

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 187 | Investiment f'żewġ Ċentri tas-Saħħa ġodda; wieħed f'Ħal Kirkop. | Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) | Beda xogħol ta' kisi fuq il-faċċata u bdew il-preparamenti għas-sistemi tad-dawl, l-ilma u l-arja kkundizzjonata. Tlesta wkoll ix-xogħol fuq iż-żewġ rampi; waħda li permezz tagħha ċ-ċentru tas-saħħa se jkun aċċessibbli għal kulħadd u l-oħra li minnha tgħaddi l-ambulanza. | Tlesta x-xogħol fuq is-sistemi tad-dawl u l-ilma kif ukoll ix-xogħol ta' kisi u żebgħa. Twaħħlet is-sistema tal-gassijiet mediċi u komplew it-testijiet meħtieġa biex jiġu kkummissjonati s-sistemi kollha tad-dawl u l-ilma. | Ġiet installata l-għamara kif ukoll l-apparat mediku. Tlestew l-aħħar xogħlijiet ta' estetika u xogħlijiet oħra tekniċi.<br><br>Iċ-Ċentru tas-Saħħa f'Ħal Kirkop ġie inawgurat f'Settembru. | | Implimentata |
| 188 | Investiment f'żewġ Ċentri tas-Saħħa ġodda; u l-ieħor f'Raħal Ġdid, li se jservi ta' Ċentru Reġjonali. | Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) | Inħarġet sejħa għall-offerti għal Project Management and Technical Supervisory Services u tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti milqugħa.<br><br>Saret l-evalwazzjoni tad-Design and Build Tender, liema sejħa nħarġet fl-aħħar kwart tal-2017.<br><br>Ġiet ippubblikata wkoll sejħa għall-offerti oħra għax-xiri ta' apparat mediku u l-għamara. | Intgħażel il-kuntrattur għall-Project Management and Technical Supervisory Services.<br><br>Għalqet is-sejħa għall-offerti għall-apparat mediku u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti milqugħa.<br><br>Bdiet ukoll ħidma fuq tliet sejħiet għall-offerti oħra relatati mal-infrastruttura tal-IT tal-proġett. | Instemgħu t-tliet appelli relatati mas-sejħa maħruġa fuq Design and Build u reġa' beda l-proċess ta' evalwazzjoni.<br><br>Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti tal-apparat mediku.<br><br>Is-sejħa għall-offerti tal-għamara għalqet u l-offerti ġew evalwati. | Mistenni li titlesta l-evalwazzjoni tal-offerti relatata mad-Design and Build u jiġi ffirmat il-Grant Agreement għall-fondi Ewropej. B'hekk ikun jista' jinbeda x-xogħol fiċ-Ċentru Reġjonali f'Raħal Ġdid kif previst għal din is-sena. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 189 | Is-sena li ġejja wkoll se jkompli, u jiġi intensifikat, ix-xogħol ta' *refurbishing* f'ċentri tas-saħħa eżistenti bi prijorità jkun iċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira li kien tħalla fi stat ħażin. | Dipartiment tal-Kura tas-Saħħa Primarja (PHC) | Bdiet ħidma biex jinstab post alter-nattiv għaċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira sakemm jitlesta r-*refurbishing*.<br><br>Bdiet u tlestiet l-ewwel fażi ta' ħidma ta' modernizzar tal-*clinics* fiċ-Ċentru tal-Floriana kif ukoll ta' tindif fiċ-Ċentru ta' Birkirkara. | Bdew jitfasslu d-disinni u s-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' għamara u apparat li se jintuża fic-Ċentru tas– Saħħa fil-Gżira. Beda t-tfassil ta' pjan għar-rilokazzjoni temporanja tal-istaff u l-apparat.<br><br>Beda x-xogħol ta' modernizzar tal-kwartieri tal-istaff fiċ-Ċentru tal-Floriana. Beda x-xogħol ukoll ta' modernizzar fiċ-Ċentru ta' Birkirkara u fiċ-Ċentru ta' Bormla. | Tlesta t-tfassil tad-disinni tal-kmamar taċ-Ċentru tal-Gżira u ġiet iffinalizzata l-pjanta ta' kif se jsir ir-*refurbishment*. Instab post temporanju fil-Gżira fejn jista' jibda jingħata servizz ta' tabib u *nurse* sakemm isir ir-*refurbishment*.<br><br>Tkompla x-xogħol ta' modernizzar tal-kwartieri tal-istaff fiċ-Ċentru tal-Floriana. Tkompla wkoll ix-xogħol ta' modernizzar fiċ-Ċentru ta' Birkirkara u fiċ-Ċentru ta' Bormla. | Mistenni li tinħareġ is-sejħa għall-offerti relatata mar-*refurbishment* taċ-Ċentru tal-Gżira, li tinkludi wkoll xiri ta' għamara u apparat, u tibda l-evalwazzjoni tal-offerti milqugħa.<br><br>Mistenni wkoll li titnieda kampanja informattiva biex tgħarraf lill-pubbliku dwar iċ-ċaqliq temporanju tas-servizzi. Issir il-mobilizzazzjoni biex titbattal l-għamara u t-tagħmir tekniku miċ-Ċentru eżistenti.<br><br>Mistenni wkoll li jitlesta x-xogħol ta' modernizzar u tisbiħ fiċ-Ċentru tal-Floriana, fiċ-Ċentru ta' Birkirkara u dak f'Bormla. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 190 | Il-Gvern se jibda ħidma biex tinħoloq National Cancer Research Foundation bil-ħsieb li ninċentivaw ir-riċerka li tista' tgħin fil-ġlieda kontra l-kanċer f'Malta. | Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (CMO) | Twaqqaf grupp ta' ħidma u ġew ippreparati t-termini ta' referenza, l-att notarili għall-Fondazzjoni u proposti għal min jista' jkun membru fil-Bord tal-Gvernaturi. Beda wkoll xogħol fuq id-dokument legali għat-twaqqif tal-Fondazzjoni. | Bdiet ħidma ta' kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta sabiex jinstabu mezzi kif il-Fondazzjoni maħsuba tkun tista' tikkollabora ma' oħra mwaqqfa taħt l-Uffiċċju tal-President ta' Malta. | Komplew id-diskussjonijiet mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta. | Mistennija tkompli l-ħidma mal-Uffiċċju tal-President ta' Malta biex jintlaħaq qbil fuq l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 191 | Se tkompli l-ħidma fuq il-Pjan Nazzjonali tal–Kanċer b'investiment fil-prevenzjoni, partikolarment b'kampanji innovattivi li jiffukaw fuq l-istil ta' ħajja li ngħixu u li għandu jgħin fit-tnaqqis tal-inċidenza ta' tipi ta' kanċer partikolari. | Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzzjoni ta' Mard | Ġiet organizzata kampanja fuq il-kanċer tal-musrana biex intejbu l-għarfien tal-pubbliku fuq l-importanza tal-prevenzjoni u l-istil ta' ħajja li ngħixu biex innaqqsu r-riskju ta' dan it-tip ta' kanċer. Ħarġet is-sejħa għall-offerti għall-ingaġġ ta' esperti (*interviewers*) fil-qasam tal-Motivational Interviewing – li huwa *counselling* iffukat biex iqanqal bidla fl-imġiba tal-klijent biex jipprattika stil ta' ħajja aktar san. | Ġiet organizzata kampanja oħra bl-isem kids4health biex nagħtu tagħrif lill-ġenituri fuq l-importanza tad-dieta, partikolarment id-daqs tal-porzjon tal-ikel. Ġew imnedija linji gwida ġodda fuq id-dieta għat-tfal bejn it-3 snin u t-12-il sena. Is-sejħa għall-offerti għall-ingaġġ ta' esperti reġgħet ħarġet għat-tieni darba. | Ġiet ingaġġata l-persuna li se tagħti t-taħriġ tal-Motivational Interviewing. Ġew identifikati l-professjonisti li se jattendu għal dan it-taħrig. Saret ukoll laqgħa bejn l-*istakeholders* sabiex tiġi ppjanata l-kampanja kontra t-tabakk. | Mistenni li nieħdu sehem fil-kampanja Pink October, isir it-taħriġ relatat mal-Motivational Interviewing, issir il-kampanja kontra l-użu tat-tabakk u ssir l-evalwazzjoni tagħha. B'hekk il-ħidma prevista għall-2018 marbuta mal-Pjan Nazzjonali tal-Kanċer tkun ġiet imwettqa. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 192 | Matul is-sena 2018 il-Gvern se jkun qiegħed jinvesti aktar fil-ġlieda kontra d-dijabete, partikolarment bl-estensjoni tal-programm tal-*glucose monitoring sticks* u l-aċċess għall-*analogue insulins*. | Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (CMO) | **(A) Estensjoni tal-Programm tal-Glucose Monitoring Sticks**<br><br>Saret ħidma biex jintbagħtu l-ewwel ittri informattivi lill-pazjenti NIDDM Type 2 li qegħdin fuq trattament orali u li għandhom l-Iskeda 2 magħrufa bħala l-karta r-roża. Dawn issa jistgħu jaqilbu għall-Iskeda 5 (il-kartuna s-safra) u hekk ikunu intitolati għall-*meters* u l-*glucose sticks* b'xejn hekk kif jiġi mniedi l-proġett.<br><br>**(B) Aċċess għal Analogue Insulins**<br><br>Bdew jiġu abbozzati l-ispeċifikazzjonijiet tal-mediċini skont il-kriterji l-ġodda. | **(A) Estensjoni tal-Programm tal-Glucose Monitoring Sticks**<br><br>Intbagħtu l-ittri ta' intitolament lil dawk eliġibbli. Bdiet id-distribuzzjoni tal-*meters* u l-*glucose sticks* b'xejn.<br><br>**(B) Aċċess għal Analogue Insulins**<br><br>Tkompla l-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet tal-mediċini bi preparazzjoni għal ħruġ ta' sejħa għall-offerti għax-xiri ta' insulini ġodda. | **(B) Aċċess għal Analogue Insulins**<br><br>Kompliet il-ħidma fuq is-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' insulini ġodda. | **(B) Aċċess għal Analogue Insulins**<br><br>Titkompla l-ħidma fir-rigward tas-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' insulini ġodda. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 193 | Se nkunu qegħdin naġġornaw it-trattament tal-HIV. | Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (CMO) | Ġew diskussi r-rakomandazzjonijiet tal-Government Formulary List Advisory Committee (GFLAC) dwar dan it-trattament mill-Advisory Committee for Health Care Benefits (ACHCB) bi tħejjija għax-xiri ta' mediċini ġodda. | Bdew diskussjonijiet dwar ix-xiri tal-mediċini l-ġodda għat-trattament tal-HIV. | Kompliet il-ħidma fir-rigward ta' xiri ta' mediċini ġodda kif ukoll analiżi dwar is-sostenibbiltà tax-xiri tal-mediċini eżistenti. | Mistennija tkompli l-ħidma fir-rigward ta' xiri ta' mediċini ġodda. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 194 | Se nkunu qegħdin invaraw ukoll programm tat-trattament tal-Epatite Ċ. | Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (CMO) | Saru konsultazzjonijiet interni kif ukoll pubbliċi bi preparazzjoni għat-tnedija ta' programm għat-trattament tal-Epatite Ċ. | Intemmu l-konsultazzjonijiet, ġie varat il-programm u bdew jitqassmu l-mediċini lill-pazjenti eliġibbli taħt il-programm il-ġdid. | | | Implimentata |
| 195 | Il-Gvern se jinvesti wkoll f'aktar tilqim billi fis-sena li ġejja tkun introdotta t-tilqima kontra l-*pneumococcus* fil-Programm Nazzjonali tat-Tilqim. Tilqima li se tnaqqas ħafna infezzjonijiet serji fit-tfal taħt il-ħames snin, fosthom il-meninġite u anke infezzjonijiet fid-demm. | Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (CMO) | Saru diskussjonijiet interni u tressqu r-rakkomandazzjonijiet tekniċi aġġornati mill-Advisory Committee for Immunisation Practices u d-Directorate for Pharmaceutical Affairs. Dawn ġew ippreżentati u evalwati. | Il-Government Formulary List Advisory Committee ressaq ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Advisory Committee for Health Care Benefits (ACHCB) u nħareġ il-Medicinal Product Summary Sheet (MPSS). Dan wassal biex it-tilqim ikun jista' jiġi inkluż fil-formularju uffiċjali tal-Gvern. | Kompliet il-ħidma fir-rigward ta' xiri ta' mediċini ġodda kif ukoll analiżi dwar is-sostenibbiltà tax-xiri tal-mediċini eżistenti. | Mistennija tkompli l-ħidma fir-rigward ta' xiri ta' mediċini ġodda. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 196 | Wara li permezz tas-servizz tal-IVF b'xejn diversi familji gawdew mit-twelid ta' wlied tant mistennija, l-impenn favur il-ħajja se jkompli. It-twessigħ u l-estensjoni ta' dan is-servizz se jkunu sostnuti b'tisħiħ fil-liġi li tkun tirrifletti aħjar l-avvanzi teknoloġiċi sabiex aktar koppji jkunu jistgħu jibbenefikaw minn din l-opportunità. | Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern (CMO) | Bdew diskussjonijiet bejn il-Ministeru tas-Saħħa u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali dwar it-tfassil tat-tibdiliet fil-liġi. | L-Abbozz għall-Emendi fl-Att tal-Protezzjoni tal-Embrijun tressaq għall-istadji tal-ewwel u t-tieni qari fil-Parlament. L-abbozz ġie approvat waqt it-tielet qari f'Ġunju.<br><br>Bdew diskussjonijiet mal-assoċjazzjonijiet konċernati sabiex jiġi mfassal protokoll għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Health Committee fil-Parlament. | Tkomplew id-diskussjonijiet mar-rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet, fosthom il-Malta College of Obstetricians and Gynaecologists u l-Maltese Paediatric Association. Dan sabiex ikun jista' jiġi mfassal protokoll għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-Health Committee fil-Parlament.<br><br>Twaqqaf ukoll *working group* biex jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-liġi l-ġdida. | Mistenni li titkompla l-ħidma tal-*working group* biex jiġu stabilliti *clinical pathways* u *treatment protocols* definiti għall-persuni li se jibbenifikaw minn servizzi ġodda. Isiru laqgħat mal-Awtorità għall-Protezzjoni tal-Embrijun biex is-sistemi tal-IT fl-isptarijiet jiġu aġġornati biex ikopru s-servizzi ġodda. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 197 | Inizjattivi koperti mill-ftehim bejn il-Gvern u l-VGH; se jsir investiment fi sptar ġdid, *state of the art*, bi 350 sodda, li mhux biss se jkun l-ikbar sptar li qatt kellu Għawdex iżda se joffri l-aqwa servizzi tas-saħħa b'xejn lill-Għawdxin kollha. | Dipartiment tal-Kura tas-Saħħa Primarja (PHC) | Komplew id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u Steward Healthcare biex il-proġett jimxi 'l quddiem bl-aħjar mod possibbli. | Komplew id-diskussjonijiet ma' Steward Healthcare. | Inħatar kumitat bil-għan li jidentifika l-pendenzi li joħorġu mill-kuntratt u jissuġġerixxi soluzzjonijiet possibbli għad-diskussjoni bejn iż-żewġ partijiet. | Mistenni li l-kumitat maħtur ikompli bid-diskussjonijiet għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 198 | Inizjattivi koperti mill-ftehim bejn il-Gvern u l-VGH; hemm ukoll maħsub investiment f'ċentru tas-saħħa primarja ġdid. | Dipartiment tal-Proġetti Speċjali | Saru diskussjonijiet interni dwar pjan ta' azzjoni għat-twettiq ta' din il-miżura. | Intlaqgħet offerta alternattiva mill-Ministeru għal Għawdex għall-akkommodazzjoni taċ-ċentru tas-saħħa ġdid fiċ-ċentru tar-Rabat, Għawdex. | Tkompliet il-ħidma fuq iċ-ċentru tas-saħħa l-ġdid fir-Rabat, Għawdex, li tinkludi wkoll it-tfassil tas-servizzi l-ġodda. | Mistennija tkompli l-ħidma fuq iċ-ċentru tas-saħħa l-ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 199 | Inizjattivi koperti mill-ftehim bejn il-Gvern u l-VGH; hemm ukoll maħsub investiment fi proġett ta' Ċentru għar-Riċerka Medika. | Dipartiment tal-Proġetti Speċjali | Komplew id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u Steward Healthcare biex il-proġett jimxi 'l quddiem bl-aħjar mod possibbli. | Tkomplew id-diskussjonijiet ma' Steward Healthcare. | Inħatar kumitat bil-għan li jidentifika l-pendenzi li joħorġu mill-kuntratt u jissuġġerixxi soluzzjonijiet possibbli għad-diskussjoni bejn iż-żewġ partijiet. | Mistenni li l-kumitat maħtur ikompli bid-diskussjonijiet għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 200 | Il-ftehim għall-investiment fl-Isptar San Luqa se jissarraf f'bini ta' sptar ġdid għar-rijabilitazzjoni. | Dipartiment tal-Proġetti Speċjali | Komplew id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u Steward Healthcare biex il-proġett jimxi 'l quddiem bl-aħjar mod possibbli. | Tkomplew id-diskussjonijiet ma' Steward Healthcare. | Inħatar kumitat bil-għan li jidentifika l-pendenzi li joħorġu mill-kuntratt u jissuġġerixxi soluzzjonijiet possibbli għad-diskussjoni bejn iż-żewġ partijiet. | Mistenni li l-kumitat maħtur ikompli bid-diskussjonijiet għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 201 | Il-ftehim għall-investiment fl-Isptar San Luqa se jissarraf f'ċentru tal-Orthotics u Prosthetics. | Dipartiment tal-Proġetti Speċjali | Komplew id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u Steward Healthcare biex il-proġett jimxi 'l quddiem bl-aħjar mod possibbli. | Tkomplew id-diskussjonijiet ma' Steward Healthcare. | L-operat taċ-Ċentru ġie mniedi filwaqt li komplew id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u Steward Healthcare. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 202 | Il-ftehim għall-investiment fl-Isptar San Luqa se jissarraf f'ċentru ieħor ġdid għad-Dermatoloġija. | Dipartiment tal-Proġetti Speċjali | Komplew id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u Steward Healthcare biex il-proġett jimxi 'l quddiem bl-aħjar mod possibbli. | Tkomplew id-diskussjonijiet ma' Steward Healthcare. | Inħatar kumitat bil-għan li jidentifika l-pendenzi li joħorġu mill-kuntratt u jissuġġerixxi soluzzjonijiet possibbli għad-diskussjoni bejn iż-żewġ partijiet. | Mistenni li l-kumitat maħtur ikompli bid-diskussjonijiet għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 203 | L-Isptar Karen Grech se jinbidel f'ċentru modern għall-Ġerjatrija, li se jkun l-ewwel tat-tip tiegħu f'pajjiżna. | Dipartiment tal-Proġetti Speċjali | Komplew id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u Steward Healthcare biex il-proġett jimxi 'l quddiem bl-aħjar mod possibbli. | Tkomplew id-diskussjonijiet ma' Steward Healthcare. | Inħatar kumitat bil-għan li jidentifika l-pendenzi li joħorġu mill-kuntratt u jissuġġerixxi soluzzjonijiet possibbli għad-diskussjoni bejn iż-żewġ partijiet. | Mistenni li l-kumitat maħtur ikompli bid-diskussjonijiet għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 204 | Se jitkompla l-proċess biex l-Isptar Mater Dei jkollu Outpatients Block ġdid li permezz tiegħu jiżdied in-numru ta' kliniċi fejn l-ispeċjalisti jkunu jistgħu jaraw aktar pazjenti. Fiż-żewġ proġetti hu maħsub l-involviment ta' Private Public Partnership. | Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) | Kompliet il-ħidma bejn il-Ministeru għas-Saħħa u l-Isptar Mater Dei biex jitlestew id-dokumenti meħtieġa għat-tfassil ta' pjan ta' ħidma għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Kompliet il-ħidma flimkien mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) fuq id-disinn tal-pjanti meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permess. | Tkompla t-tfassil tal-pjanti mill-FMS b'konsultazzjoni ma' Mater Dei u entitajiet oħra sabiex dawn jiġu sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permess. | Mistenni li jiġu ffinalizzati l-pjanti u jiġu sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 205 | Se jinbdew il-preparamenti għal parkeġġ ieħor fl-Isptar Mater Dei. Parkeġġ maħsub li jsir taħt l-art biex iservi għall-ħtiġiet tal-pazjenti, viżitaturi u staff tal-isptar. Fiż-żewġ proġetti hu maħsub l-involviment ta' Private Public Partnership. | Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) | Kompliet il-ħidma bejn il-Ministeru għas-Saħħa u l-Isptar Mater Dei biex jitlestew id-dokumenti meħtieġa għat-tfassil ta' pjan ta' ħdima għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Kompliet il-ħidma flimkien mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) fuq id-disinn tal-pjanti meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permess.<br><br>Beda wkoll jitħejja studju dwar l-impatt tat-traffiku, kif rikjest mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Tkompla xogħol fuq l-istudju dwar l-impatt tat-traffiku. | Mistenni li jiġi approvat l-istudju dwar l-impatt tat-traffiku mill-Awtorità tat-Trasport u mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 219 | Se jibdew konsultazzjonijiet fuq riformi li jridu jidħlu; ir–riforma Parlamentari | Ufficcju tad-Deputat Prim Ministru | Bdiet ħidma fuq ir-riforma Parlamentari permezz tal-ewwel inizzjattiva li ser tgħin lill-Parlament ikun aktar family friendly bid-deċiżjoni li kull nhar ta' Erbgħa, il-Parlament jiltaqa' fl-4pm minflok fis-6pm.<br><br>Bdew laqgħat interni bil-ħsieb li jitħejja dokument għal konsultazzjoni pubblika rigward ir-riforma Parlamentari. | Kompliet il-ħidma dwar ir-riformi Parlamentari | Ir-riformi Parlamentari (eskluż dik tat-tisħiħ tad-Demokrazija rappreżentattiva) qed jitmexxew mill-Uffiċċju tad-Deputat Prim Ministru | Mistennija jitkomplew id-diskussjonijiet dwar ir-riforma Parlamentari mid-Deputat Prim Ministru flimkien mal-Oppożizzjoni | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INVESTIMENT
U N-NEGOZJI Ż-ŻGĦAR

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 105 | Qegħdin nistudjaw kif noħolqu strutturi li jattiraw kumpaniji, b'mod partikolari attivi fl-industrija tal-avjazzjoni u dik marittima. | Malta Enterprise | Saret ħidma li wasslet għal reviżjoni leġiżlattiva fil-qasam tal-avjazzjoni u l-marittimu bil-għan li Malta tibqa' kompetittiva u attraenti għall-investituri barranin f'suq daqshekk aggressiv. | Bdiet ħidma mill-Malta Industrial Parks (MIP) fuq proġett li ser jgħin biex jinħolqu spazji ġodda u jilqgħu aktar kumpaniji f'dan is-settur. | Kompliet il-ħidma mill-MIP biex jinħolqu spazji ġodda. | Mistennija tkompli l-ħidma biex jissaħħu l-oqsma industrijali tal-avjazzjoni u dak marittimu. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 118 | Twaqqfet u bdiet bil-ħidma tagħha l-Malta UK Business Promotion Taskforce li l-membri tagħha ġejjin minn diversi oqsma tan-negozju. | Malta Enterprise | Il-Malta UK Business Promotion Taskforce kompliet il-ħidma tagħha, b'mod partikolari fuq xogħol ta' riċerka mir-Renju Unit. Ir-riċerka tolqot diversi setturi, fosthom il-manifattura, l-industrija tal-farmaċewtika, oqsma finanzjarji, l-assigurazzjoni u teknoloġija diġitali. | Tlesta pjan t'azzjoni mit-*taskforce* u komplew id-diskussjonijiet mal-investituri. | Kompliet il-ħidma mal-kumpaniji interessati biex nattiraw aktar investiment lejn pajjiżna. | Mistenni li jkomplu l-laqgħat mal-kumpaniji interessati. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 119 | Is-settur tal-manifattura; Għaddejja ħidma kontinwa mal-Ministeru għall-Edukazzjoni sabiex isir taħriġ speċjalizzat għall-industriji bħalma huma s-setturi tal-avjazzjoni, stampar avvanzat u *nursing*. | Malta Enterprise | Kompla jingħata t-taħriġ ippjanat għas-sena skolastika 2017/2018 fl-oqsma tal-avjazzjoni, stampar avvanzat u *nursing* fl-MCAST. Dan filwaqt li l-Malta Enterprise bdiet ħidma u fasslet pjan ta' aktar taħriġ flimkien mal-MCAST biex ikunu jistgħu jitnedew korsijiet f'dan is-settur. | Tlesta t-taħriġ fid-diversi oqsma filwaqt li kompliet il-ħidma biex jingħata aktar taħriġ. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 120 | Wara li twaqqaf iċ-ċentru tal-Business 1st, huwa mistenni li se jitnedew numru ta' servizzi favur in-negozju. | Business 1st | Kompliet il-ħidma f'Business 1st li wasslet diversi dipartimenti biex jibdew joffru s-servizzi tagħhom direttament minn post wieħed. Dawn jinkludu d-Dipartiment tal-VAT, l-Awtorità tal-Ippjanar, id-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali, l-Awtorità tat-Turiżmu, il-Measures and Support Division u Malta Enterprise fost oħrajn. Dan filwaqt li komplew ukoll diskussjonijiet ma' numru t'entitajiet oħra biex jibdew joffru s-servizz tagħhom b'appuntament minn Business 1st. | Kompliet il-ħidma fuq is-servizzi offruti relatati mal-VAT u t-Taxxa Interna. Beda jingħata wkoll servizz ġdid minn Identity Malta filwaqt li saru l-preparamenti biex jibda jingħata servizz ġdid ieħor mill-Awtorità għar-Riżorsi Ambjentali (ERA). | Kompliet il-ħidma minn Business 1st biex ikompli jsaħħaħ is-servizzi mogħtija lin-negozji. | Mistennija tkompli l-ħidma minn Business 1st biex ikompli jsaħħaħ l-għajnuna tiegħu lin-negozji filwaqt li jintroduċi servizzi ġodda. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 121 | Mistenni jitwettaq tibdil fiż-żewġ skemi tal-MicroInvest u l-BusinessStart. Fir-rigward tal-MicroInvest, se ngħollu l-valur tal-assistenza minn €30,000 għal €50,000 għal dawk l-intrapriżi bbażati f'Malta, filwaqt li għan-negozji bbażati f'Għawdex din l-għajnuna se tiżdied għal €70,000. Meta n-negozju jkollu maġġoranza ta' ishma f'isem in-nisa u fil-każ ta' nisa li huma *self-employed,* l-inċentiv mistenni jitla' wkoll għal €70,000. Din l-iskema issa mistennija tinfetaħ ukoll għal negozji li jimpjegaw mhux aktar minn 50 ħaddiem *full-time.* | Business 1st | Tfassal pjan dwar kif l-iskemi tal-MicroInvest u BusinessStart ser jiġu aġġornati.<br><br>Il-pjan u l-linji gwida relatati mal-iskema BusinessStart ġew diskussi u tnedew. Saru wkoll diskussjonijiet dwar l-iskema MicroInvest u ġiet approvata. | L-iskema MicroInvest ġiet ippubblikata permezz ta' Avviż Legali.<br><br>B'hekk, intrapriżi bbażati f'Malta kif ukoll f'Għawdex se jkunu qed jibbenefikaw mir-rati l-ġodda stabbiliti f'din l-iskema. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 129 | Biex inkomplu nattiraw aktar investiment u xogħol lejn Għawdex, li jkun ifisser aktar xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin, se jkun qed jingħata bidu għall-proġett tal-*hub* għar-riċerka u l-ICT fil-binjiet eżistenti tal-eks MDP u proġetti li jwasslu biex ikun hemm aktar spazji ta' uffiċini fiż-żona industrijali tax-Xewkija. | Malta Enterprise | Beda u tlesta x-xogħol ta' twaqqigħ u skavar tal-pedamenti għall-binja prinċipali tal-Enterprise Hub. Saru investigazzjonijiet dettaljati tas-soqfa u l-kolonni tal-konkos fil-binja skedata u beda studju dwar l-aħjar metodu ta' konservazzjoni u restawr.<br><br>Parti minn dan il-proġett jinkludi wkoll l-iżvilupp ta' *workshop complex* li ser jinkorpora fih spazji ġodda għall-uffiċini.<br><br>Beda u tlesta l-iskavar għall-pedamenti tat-toroq tal-madwar kif ukoll ħidma fuq l-iskavar tal-ġibjuni. | Kompliet il-ħidma fuq il-binja prinċipali u beda x-xogħol fuq il-parkeġġ sotterran.<br><br>Tlestiet il-ħidma fuq l-aċċess għall-*workshop complex* u l-iskavar tal-ġibjuni. | Kompla x-xogħol infrastrutturali tal-Enterprise Hub.<br><br>Beda t-tqegħid tal-kolonni u travi u sar xogħol fuq is-soqfa. Saru wkoll xogħlijiet fuq il-provvista ta' servizzi tad-dawl u ilma għall-*workshop complex*. | Mistenni li jitlesta x-xogħol infrastrutturali tal-pjan terran u jibda l-bini u t-tisqif fl-ewwel pjan tal-Enterprise Hub filwaqt li jitkompla x-xogħol fuq il-*workshop complex*. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 228 | Il-Malta Enterprise tfittex li ttejjeb l-inċentivi li huma diġà eżistenti u li toħloq oħrajn ġodda li jindirizzaw il-bżonnijiet preżenti tal-kumpaniji. | Malta Industrial Parks | Saret ħidma mill-Malta Enterprise biex ittejjeb l-inċentivi għall-kumpaniji. Dawn jinkludu l-Investment Aid Tax Credits 2014-2020, il-Qualifying Employment in Innovation and Creativity, l-iStartup Advance, is-Certify 2018-2020, il-Business Advisory Services 2018-2020, il-Cooperate for Growth u l-Gozo Transport Grants. | Kompliet il-ħidma mill-Malta Enterprise biex ittejjeb l-inċentivi għall-kumpaniji li daħlu fis-seħħ fl-ewwel sitt xhur ta' din is-sena. | Kompliet il-ħidma mill-Malta Enterprise f'dan ir-rigward, filwaqt li komplew jiżdiedu l-inċentivi għall-kumpaniji. | Mistennija jidħlu fis-seħħ aktar inċentivi. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Is-sena d-dieħla se ntejbu wkoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema li jinsabu fil-Community Worker Scheme billi nżidu €200 fil-pagament tagħhom ta' kull xahar. | Jobsplus | Iż-żieda fil-paga ta' ħaddiema li jagħmlu parti mill-Community Worker Scheme daħlet fis-seħħ f'Jannar. | | | | Implimentata |
| 62 | Il-Ministeru għall-Edukazzjoni se jagħmel studju u jidħol f'diskussjonijiet ma' kull min b'xi mod hu involut fit-trasport ta' studenti minn u lejn l-iskejjel Indipendenti u tal-Knisja, sabiex jitfassal pjan ta' kif il-miżura ta' trasport b'xejn għall-istudenti minn u lejn dawn l-iskejjel, tidħol fis-seħħ mis-sena skolastika 2018/2019. | Loġistika, Sapport u Amministrazzjoni | Inkitbet *white paper* dwar is-suġġett u tressqet għall-konsultazzjoni pubblika. Ġiet ippubblikata wkoll Public Market Consultation (PMC) indirizzata b'mod speċjali għal operaturi li joffru servizz. | Wara l-għeluq tal-PMC, ġie ppubblikat dokument sabiex l-operaturi li wrew interess jissottomettu l-offerti tagħhom. F'Ġunju beda l-proċess ta' negozjati mal-operaturi li ssottomettew l-offerti. | Ġie konkluż il-proċess tan-negozjati. Saret il-loġistika neċessarja inkluż *website* ta' informazzjoni għall-pubbliku u beda jiġi offrut is-servizz. | | Implimentata |
| 164 | Il-Gvern determinat li jkompli jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u joffri aktar opportunitajiet lill-gradi tal-għalliema. Għalhekk, il-Gvern jinsab impenjat li flimkien mal-Malta Union of Teachers (MUT) ikun maqbul Ftehim Settorali ġdid li minnu jibbenefikaw l-għalliema. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Il-ftehim settorali ġie ffirmat f'Diċembru 2017. L-ewwel pagamenti skont il-ftehim settorali l-ġdid ħarġu mas-salarju ta' Jannar 2018. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 165 | Is-sena d-dieħla se nwaqqfu Bord Nazzjonali tal-Edukazzjoni Obbligatorja li jkollu funzjoni konsultattiva u li jiġbor fih rappreżentanza tal-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, tal-Malta Union of Teachers, tal-Kunsill tal-Professjoni tal-Għalliema, tal-ġenituri, u tal-industrija. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Ġew identifikati r-rappreżentati tal-*istakeholders* imsemmija u tressqu għall-approvazzjoni interna. | Inħatar il-bord konsultattiv u beda jitlaqqa' b'mod regolari. | | | Implimentata |
| 166 | Issir ħidma ħalli skejjel sekondarji u istituzzjonijiet edukattivi, bħall-Università ta' Malta, l-MCAST u istituzzjonijiet oħra li joffru tagħlim għal studenti wara sittax-il sena, jidħlu f'*partnerships* mal-industrija biex it-tagħlim ikun estiż mill-klassi tradizzjonali. | Dipartiment għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità | Ġie mniedi proċess ta' ġemellaġġ bejn l-iskejjel u l-industrija u bdew id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati li ġew identifikati (istituzzjonijiet edukattivi u membri tal-industrija). | Tkomplew id-diskussjonijiet li wasslu għal qbil fuq Memorandum of Understanding (MOU) bejn lukandi ta' ħames u erba' stilel biex l-istudenti tal-ospitalità jibdew jipprattikaw xogħol fil-linja tagħhom. Komplew it-taħditiet ma' iktar setturi tal-industrija. | Komplew it-taħditiet bejn il-partijiet interessati minn setturi oħra għall-finalizzazzjoni ta' MOU. | Mistenni jiġi ffinalizzat l-MOU mas-setturi magħżula. Dan il-proġett se jiġi estiż ukoll fl-iskejjel sekondarji u postsekondarji. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 167 | Se nkunu qegħdin nintroduċu proġett pilota li permezz tiegħu noffru servizzi ġodda fil-qasam tal-awtiżmu. | Servizz Nazzjonali ta' Appoġġ (NSS) | Intlaħaq qbil mal-'Hand in Hand' li hija aġenzija speċjalizzata fl-awtiżmu sabiex jiġi mniedi proġett pilota bi programm speċjalizzat għal tfal bl-awtiżmu. Ġew identifikati l-istudenti li jistgħu jagħmlu użu minn dan il-programm. Inbeda l-programm u bdew jiġu identifikati l-bżonnijiet individwali ta' dawn it-tfal. | L-istudenti komplew isegwu l-programm. Saru numru ta' laqgħat mal-ġenituri fejn ġie ppreżentat lilhom il-progress tat-tfal. | Ġie fi tmiemu l-proġett u saret evalwazzjoni tas-servizz li ngħata. Ir-riżultati miksuba kienu pożittivi u għaldaqstant ġie deċiż li l-programm jiġi estiż għal sena oħra. | | Implimentata |
| 168 | Se naraw li l-ambjent tal-iskejjel ikun idoneu għall-istudenti li għandhom il-kundizzjoni tal-awtiżmu biex huma jibdew iħossuhom aktar komdi u siguri meta jkunu fl-iskola. | Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni (HRID) | Twaqqaf *working group* bil-għan li jiġbor informazzjoni relatata mas-suġġett. Ġew identifikati l-ewwel 15-il skola u saret analiżi tas-sitwazzjoni attwali. Saru wkoll numru ta' żjarat f'dawn l-iskejjel. | Tlestiet l-analiżi u r-riċerka u ġew identifikati l-kmamar li jistgħu jsiru idonei għall-istudenti bl-awtiżmu. Inħolqu linji gwida sabiex l-iskejjel ikunu jistgħu joffru ambjent ideali għall-istudenti bl-awtiżmu. Ġie mniedi pjan biex sal-2021 l-iskejjel kollha (b'kollox f'107) isirilhom it-tali xogħol għall-benefiċċju ta' dawn l-istudenti. | Beda x-xogħol fl-ewwel 15-il skola previsti għas-sena 2018. | Mistenni li titlesta l-ħidma fl-ewwel 15-il skola identifikati biex intejbu l-ambjenti għall-istudenti bl-awtiżmu.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għall-2018 tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 169 | Il-Learning Support Assistants, l-għalliema u l-istaff jingħataw taħriġ fis-servizzi psiko-soċjali sabiex ikunu mħejjijin għar-realtajiet tal-iskejjel. | L-Istitut tal-Edukazzjoni | Saret analiżi mill-Institute for Education (IFE) dwar il-bżonnijiet akkademiċi u t-taħriġ meħtieġ. Ġew stabbiliti l-*modules* u ntbagħtu għall-akkreditazzjoni għand il-National Commission for Further Higher Education (NCFHE). | Twettaq ix-xogħol amministrattiv mill-IFE relatat mat-taħriġ. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-applikazzjonijiet biex individwi fis-settur ikunu jistgħu jiġu mħarrġa. | Mistenni li tagħlaq is-sejħa għall-applikazzjonijiet u jibda l-kors. | Implimentata |
| 170 | Edukazzjoni Inklussiva; Se jkun hemm aktar Kulleġġi tal-Istat li se jiġu mgħammra b'*multi-sensory rooms.* | Servizz Nazzjonali ta' Appoġġ (NSS) | Inħatar grupp ta' ħidma sabiex jiġi identifikat fejn hemm bżonn *multi-sensory rooms.* Saru żjarat fl-iskejjel identifikati u laqgħat mal-kapijiet tal-iskejjel. Tlestew il-pjanti u l-lista ta' tagħmir li hemm bżonn. | Bdiet il-ħidma ta' restawr fil-kmamar u ħarġu s-sejħiet għall-kwotazzjonijiet tat-tagħmir meħtieġ. Ġew ippubblikati numru ta' *tenders* u beda l-proċess ta' evalwazzjoni. | Bdiet il-ħidma ta' tisbiħ tal-kmamar. | Mistenni li jitlesta x-xogħol u jiġu inawgurati l-*multisensory rooms* immirati għal edukazzjoni iktar inklussiva. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 171 | Il-ħlasijiet għall-eżamijiet tas-SEC u l-MATSEC se jibdew ikunu ta' inqas piż fuq l-applikanti billi parti mill-ispiża ta' dawn l-eżamijiet se jibda jassorbiha l-Gvern. Kull min matul is-sena d-dieħla, jkun qed japplika biex iktar tard joqgħod għall-eżamijiet tas-SEC u tal-MATSEC se jkun qed iħallas nofs il-ħlasijiet dovuti għal dawn l-eżamijiet. | Strategy and Support | Il-ħlasijiet bi tnaqqis ta' 50% saru f'Novembru 2017. B'hekk, applikanti għall-eżamijiet tas-SEC u l-MATSEC qed iħallsu 50% anqas minn dak li kienu jħallsu qabel. | | | | Implimentata |
| 172 | Il-miżati tal-eżamijiet tas-SEC u tal-MATSEC se jitneħħew għalkollox is-sena ta' wara biex b'hekk inkunu wettaqna wegħda oħra. | Strategy and Support | Saru numru ta' laqgħat bejn il-MEDE u l-MATSEC dwar l-amministrazzjoni u l-loġistika ta' din il-miżura. | Bdiet ħidma flimkien mal-fornitur tas-*software* biex isiru t-tibdiliet neċessarji fil-*website* għat-twettiq ta' din il-miżura. | Bdew it-tħejjijiet għall-kampanja informattiva dwar it-tneħħija tal-miżati tal-eżamijiet tas-SEC u l-MATSEC. | Mistenni li titlesta u tiġi varata l-kampanja informattiva, kif ukoll jinfetħu l-formoli għall-applikazzjoni tas-SEC u l-MATSEC bla ħlas. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 173 | Bini ta' skejjel ġodda u tisbiħ f'dawk eżistenti. Is-sena d-dieħla se nkunu qegħdin ninawguraw skola primarja ġdida f'Wied il-Għajn. Dawn l-iskejjel se jinkludu faċilitajiet ġodda bħal *multi-purpose halls, childcare centres, u airconditioning system*, fost l-oħrajn. | Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada (FTS) | Ġew ippubblikati t-*tenders* neċessarji u saret l-evalwazzjoni tagħhom. Beda x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-iskola f'Wied il-Għajn. | Kompla x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-iskola l-ġdida f'Wied il-Għajn. | Kompla x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-iskola l-ġdida f'Wied il-Għajn li twassal fl-aħħar fażi tiegħu. | Huwa mistenni li l-iskola l-ġdida mgħammra bil-faċilitajiet kollha tkun lesta biex tagħti merħba 'l-ewwel studenti fiha. | Implimentata |
| 174 | Bini ta' skejjel ġodda u tisbiħ f'dawk eżistenti; jitkompla x-xogħol fuq l-iskola l-ġdida tal-Qawra. Dawn l-iskejjel se jinkludu faċilitajiet ġodda bħal *multi-purpose halls, childcare centres, u airconditioning system*, fost l-oħrajn. | Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada (FTS) | Ġew ippubblikati t-*tenders* neċessarji u saret l-evalwazzjoni tagħhom. Beda x-xogħol tal-kostruzzjoni tal-iskola fil-Qawra. | Tkompla x-xogħol tal-kostruzzjoni tal-iskola l-ġdida fil-Qawra. | Tkompla x-xogħol tal-kostruzzjoni tal-iskola l-ġdida fil-Qawra. | Mistenni li jitkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fl-iskola l-ġdida fil-Qawra. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 175 | Bini ta' skejjel ġodda u tisbiħ f'dawk eżistenti; jitkompla x-xogħol fuq l-iskola l-ġdida tal-Imsida. Dawn l-iskejjel se jinkludu faċilitajiet ġodda bħal *multi-purpose halls, childcare centres, u airconditioning system*, fost l-oħrajn. | Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada (FTS) | Tlestew id-disinji tal-iskola u ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permessi meħtieġa. | Kompliet il-ħdima mal-Awtorità tal-Ippjanar relatata mal-ħruġ tal-permessi. | Kompliet il-ħidma mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistenni li jiġu ffinalizzati d-disinji u jibdew il-preparamenti amministrattivi għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 176 | Bini ta' skejjel ġodda u tisbiħ f'dawk eżistenti; jitkompla x-xogħol fuq l-iskola l-ġdida tar-Rabat f'Għawdex. Dawn l-iskejjel se jinkludu faċilitajiet ġodda bħal *multi-purpose halls, childcare centres, u airconditioning system,* fost l-oħrajn. | Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada (FTS) | Tlestew id-disinji tal-iskola u ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permessi meħtieġa. | Kompliet il-ħidma mal-Awtorità tal-Ippjanar relatata mal-ħruġ tal-permessi. | Kompliet il-ħidma mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistenni li jiġu ffinalizzati d-disinji u jibdew il-preparamenti amministrattivi għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 177 | Permezz ta' 'My Journey: Achieving through different paths' se nkunu qegħdin ninvestu f'laboratorji u f'*workshops* ġodda għal tal-anqas disa' suġġetti vokazzjonali u applikati. | Loġistika, Sapport u Amministrazzjoni | Saret ħidma marbuta mat-*tenders* għall-xogħlijiet ġenerali, elettriċi, mekkaniċi, tagħmir u għamara. | Il-maġġoranza tat-*tenders* ġew ippubblikati u bdiet l-evalwazzjoni tagħhom. | Beda x-xogħol ta' kostruzzjoni u tiġdid ta' laboratorji fl-iskejjel filwaqt li kompliet il-ħidma amministrattiva relatata mat-*tenders.* | Mistenni li titlesta l-ħidma ta' kostruzzjoni u t-tiġdid ta' laboratorji fil-maġġoranza tal-iskejjel filwaqt li jkompli l-proċess għax-xiri ta' tagħmir tal-laboratorju u l-*workshops* jiġi konkluż. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 178 | Fl-istess ħin, qegħdin naraw li r-riżors uman ikun imħarreġ. Dan se nagħmluh b'kollaborazzjoni mal-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta, mal-Istitut għall-Edukazzjoni, mal-MCAST u mal-Università Finlandiża Haaga Helia University of Applied Science. | L-Istitut tal-Edukazzjoni | Wara konsultazzjonijiet mal-UoM u l-MCAST inkitbu l-*modules* ta' tagħlim applikabbli u ntbagħtu lill-NCFHE għall-akkreditazzjoni. | Tlestiet il-ħidma amministrattiva għat-twassil tal-*modules*. Ħarġet sejħa għall-interess u ntgħażlu l-*inclass tutors.* | Għalqu l-applikazzjonijet għall-*inclass tutors*, ingħatat l-akkreditazzjoni u bdew il-korsijiet. | Mistenni li jibdew ukoll il-korsijiet għall-għalliema. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 179 | Il-Ministeru għall-Edukazzjoni se jkun qed isaħħaħ is-servizzi anċillari fl-iskejjel. Dan se jagħmlu billi jkompli jsaħħaħ u jifrex is-servizz tat-tindif u tal-ospitalità fl-iskejjel. | Loġistika, Sapport u Amministrazzjoni | Ġew ippreparati t-*tenders* għat-tindif fl-iskejjel tal-Istat. Sar xogħol mal-MCAST dwar it-taħriġ tal-*porters* u l-istaff relatat ma' xogħol ta' tindif. Twettqet il-ħidma tal-loġistika biex jingħata t-taħriġ. | It-tender għat-tindif fl-iskejjel ġie ppubblikat. Beda t-taħriġ tal-cleaners u l-*porters*. | Ġie konkluż il-proċess tat-tender u kompla t-taħriġ. | Mistenni li jiġi ffirmat il-kuntratt għas-servizzi ta' tindif fl-iskejjel u jintemm it-taħriġ. | Implimentata |
| 180 | Se naraw li nistandardizzaw servizzi mogħtijin mill-iskejjel tal-Istat biex ikunu evitati prattiċi differenti tal-istess servizz. B'hekk, il-ġenituri u l-istudenti Maltin jibbenefikaw mill-istess proċeduri għall-istess servizzi, irrispettivament minn liema skola toffrih. | Servizzi Edukattivi | Ġew identifikati numru ta' servizzi li magħhom ġew stabbiliti numru ta' gruppi ta' ħidma. Tlesta l-proċess ta' *mapping* u b'hekk setgħet tinbeda l-kompilazzjoni tal-iStandard of Procedure (SOPs) il-ġodda. | L-istandardizzazz-joni ġiet ippilotata u bdiet l-evalwazzjoni tar-riżultati miksuba mill-grupp ta' ħidma. | Ġew iffinalizzati l-SOPs u ġew ikkomunikati permezz ta' ċirkolari dwar l-istandardizzazzjoni tas-servizzi identifikati għall-kulleġġi. | Mistenni li jiġu standardizzati l-SOPs. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 181 | Il-Gvern se jkompli jifrex l-inizjattiva ta' One Tablet Per Child billi f'din is-sena skolastika se jkollna t-tfal kollha tar-Raba' u l-Ħames sena fl-iskejjel tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti jibbenefikaw minn din l-inizjattiva. | Il-Unit tal-Immaniġġjar tal-Informazzjoni | Tfal tar-Raba' Sena: Din il-miżura ġiet implimentata mill-bidu tas-sena akkademika 2017/2018. Sar it-taħriġ meħtieġ lill-edukaturi u tqassmu t-*tablets* lill-istudenti kollha tar-Raba' Sena.<br><br>Tfal tal-Ħames Sena: L-istudenti tal-Ħames Sena żammew it-*tablet* li ngħataw fis-sena skolastika 2016/2017 meta kienu fir-Raba' Sena. | | | | Implimentata |
| 182 | Malta hija l-ewwel pajjiż li se jagħmel użu mill-*blockchain* fl-edukazzjoni. Din is-sena se nkunu qegħdin nagħmlu użu minn din it-teknoloġija biex noffru aktar sigurtà u aċċessibbiltà għaċ-ċertifikati li jinħarġu mill-MCAST, l-NCFHE u l-ITS. | Strategy and Support | Ġiet identifikata persuna teknika mill-ITS u l-MCAST biex tikkordina l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Inkiteb *blockchain credentials recipient communications handbook* u ġew żviluppati wkoll żewġ *videos* ta' struzzjoni. Permezz ta' din is-sistema nħarġu numru kbir ta' ċertifikati mill-MCAST. | Komplew jinħarġu iktar ċertifikati mill-MCAST u saret ħidma biex jibdew joħorġu wkoll ċertifikati tal-*ischool leaving* u tal-akkreditazzjonijiet istituzzjonali mill-MEDE u l-NCFHE rispettivament. Il-mudell Malti ta' dawn il-proċeduri ġie ppreżentat f'konferenza internazzjonali. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 183 | Se nkomplu nistudjaw kif se ngħinu aktar lill-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom u jtejbu l-prospetti tal-impjieg tagħhom. Dan se nagħmluh billi nkomplu ngħinu biex l-istudenti, kemm jista' jkun ikollhom esperjenza fl-apprendistat. | MCAST | Twaqqaf kumitat fi ħdan l-MCAST sabiex jidentifika setturi speċifiċi li jistgħu jibbenefikaw mill-apprendistat. Ġew żviluppati kompetenzi fl-oqsma tal-inġinerija u t-trasport. Twettqet analiżi mill-MCAST fuq is-settur tal-industrija lokali u l-kwalifiki offruti mill-MCAST sabiex ittejjeb l-għajnuna tagħha lill-istudenti. | Komplew jiġu żviluppati iktar kompetenzi, din id-darba fis-settur tas-servizzi tal-komunità. Kompliet l-analiżi skont setturi tal-industrija lokali u l-kwalifiki offruti mill-MCAST. Tlesta t-tisħiħ tal-kompetenzi vokazzjonali. | Kompla x-xogħol fuq iktar programmi ta' taħriġ. Kompla l-iżvilupp tal-qafas tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-esperjenza pożittiva fl-apprendistat. | Mistenni li jingħata t-taħriġ lil dawk l-individwi li jappoġġjaw u jissorveljaw lill-istudenti matul l-apprendistat tagħhom kif ukoll jintemm l-iżvilupp tal-qafas tal-assigurazzjoni tal-kwalità biex iktar studenti jkollhom esperjenza pożittiva ta' apprendistat. | Implimentata |
| 185 | Se nkunu qegħdin naraw li niftħu aktar ċentri li joffru s-servizz tal-Klabb 3-16. | Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) | Bdiet ħidma biex jiġu attirati iktar ħaddiema f'dan is-settur. Saru diskussjonijiet mal-partijiet interessati biex jiġi aġġornat il-kors tal-ħaddiema. Saru wkoll studji mal-kapijiet tal-iskejjel rigward il-bżonn li jinfetħu aktar ċentri li joffru servizz ta' Klabb 3-16. | Infetħu l-applikazzjonijiet għall-kors u kompliet il-ħidma biex is-servizz tal-Klabb 3-16 ikompli jinfirex u jolqot iktar nies. | Ġew ingaġġati *playworkers u centre coordinators* filwaqt li kompla l-ippjanar tal-korsijiet interni.<br><br>Infetħu żewġ Klabbs ġodda, wieħed il-Gżira u l-ieħor l-Imqabba. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 186 | Se nkomplu naħdmu favur it-tisħiħ tal-ħiliet fost iż-żgħażagħ permezz tal-iskema 'Get Into'. Din il-ħidma, li se tikkumplimenta l-Prince's Trust XL Programme, se toffrilhom opportunità li jiksbu esperjenza fuq il-post tax-xogħol waqt li jkomplu jitħarrġu, u tkompli ssaħħilhom l-impjegabilità tagħhom. | Aġenzija Żgħażagħ | Ġie diskuss ir-rwol tal-Get Into Programme u beda l-proċess ta' reklutaġġ u l-impjieg ta' żgħażagħ fil-programm. | Ġie estiż il-Get Into Programme u beda wkoll l-impjieg taż-żgħażagħ. Saret evalwazzjoni tal-programm li wassal għal emendi fl-iskop tiegħu. B'hekk, il-programm se jolqot aktar żgħażagħ vulnerabbli li qegħdin ifittxu xogħol. | | | Implimentata |
| 206 | Se nwaqqfu Kummissjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi bl-iskop li jkunu megħjuna għaqdiet sportivi biex jinvestu u jikkummerċjalizzaw il-faċilitajiet tagħhom u jgawdu minn dan finanzjarjament, filwaqt li tħares biex ma jkunx hemm abbużi. | SportMalta | Giet imwaqqfa l-Kummissjoni għall-Kummerċjalizzazzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi u bdiet il-ħidma tagħha. | | | | Implimentata |
| 207 | Se nkunu qegħdin nibnu *shooting range* ġdida li tkun lesta biex tintuża għall-kampjonat internazzjonali li se tospita Malta s-sena d-dieħla. | SportMalta | Ix-xogħol ta' kostruzzjoni beda fl-2017 u tkompla f'dan il-perjodu. | Ix-xogħol tlesta u x-*shooting range* ġiet inawgurata f'Mejju. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 208 | Se nibdew ukoll l-ewwel fażi għall-*indoor swimming pool* fil-Kottonera. | SportMalta | Saru diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar, Heritage Malta u l-Environment Resource Authority dwar it-twettiq ta' din il-miżura. | Komplew id-diskussjonijiet interni mal-partijiet konċernati. | Saru d-disinji tal-*indoor swimming pool.* Tlestiet il-ħidma amministrattiva fuq tliet *tenders* għal xogħlijiet ta' żvilupp fil-faċilitajiet tal-kumpless tal-għawm.<br><br>Beda ix-xogħol ta' twaqqigħ. | Mistenni li jiġi konkluż ix-xogħol ta' twaqqigħ u jiġu ppubblikati t-tliet *tenders* relatati mal-iżvilupp fil-kumpless tal-għawm. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 210 | Se nkunu qegħdin nagħmlu wkoll *ground* tal–*football* ġdid f'Wied il-Għajn. | SportMalta | Beda x-xogħol fuq il-pedament għall-*ground* tal-*football* f'Wied il-Għajn. | Kompla x-xogħol fuq il-pedament għall-iżvilupp ta' *ground* tal-*football*. | Kompla x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' *ground* tal-*football*. | Mistenni jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-*ground* tal-*football* f'Wied il-Għajn. | Implimentata |
| 211 | Se nkunu qegħdin nagħmlu wkoll pixxina ġdida f' Wied il–Għajn. | SportMalta | Ġie mwettaq il-*benthic study* fuq is-sit tal-pixxina. | Tlestew l-istudji tekniċi u nħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Inħareġ it-*tender* u bdiet l-evalwazzjoni tiegħu. Saru d-diskussjonijiet bejn il-kuntrattur u l-Awtorita tal-Ippjanar biex jiġu approvati l-aħħar disinji qabel jinbeda x-xogħol. | Komplew id-diskussjonijiet bejn il-kuntrattur u l-Awtorità tal-Ippjanar dwar id-disinji. | Mistenni li jibdew ix-xogħolijiet fuq il-pixxina l-ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 222 | Se nkunu qegħdin nippubblikaw strateġija nazzjonali għall-qasam tal-volontarjat u niftħu konsultazzjoni mal-għaqdiet volontarji. | Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat | Tħejja abbozz mill-parti amministrattiva tal-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat għall-konsultazzjoni pubblika. | Ġie maħtur il-Kunsill u bdew il-laqgħat ta' konsultazzjoni. | Tkomplew il-laqgħat ta' konsultazzjoni u nħarġet sejħa għal-konferenza nazzjonali dwar is-suġġett. | Mistenni li ssir il-konferenza li se twassal għall-ħolqien ta' pjan dwar l-istrateġija nazzjonali għall-qasam tal-volontarjat u tiġi ppubblikata. | Implimentata |
| 223 | Se nintroduċu taħriġ fl-amministrazzjoni ta' għaqdiet volontarji u fl-immaniġġjar tal-voluntiera. | Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat | Inkiteb programm ta' taħriġ mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat u bdew diskussjonijiet mal-Fakultà tas-Social Wellbeing. | Il-Programm tressaq għall-konsultazzjoni mal-Fakultà u ġie approvat. Saru laqgħat bejn il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat u l-NCFHE dwar l-akkreditazzjoni tal-programm. | Kompla x-xogħol amministrattiv tal-programm u l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat (MCVS) organizza laqgħat ta' kordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-*lecturers*. | Mistenni li jitnieda proġett pilota mal-istituzzjonijiet edukattivi. | Implimentata |
| 229 | Il-Gvern huwa impenjat li jkompli jaħdem favur it-tfal li għandhom il-kundizzjoni tal-awtiżmu. | Servizz Nazzjonali ta' Appoġġ (NSS) | Din il-miżura qed tiġi implimentata flimkien ma' miżuri 167 u 168. | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 230 | Issir ħidma biex il-post tax-xogħol isir ukoll post tat-tagħlim inkluż għall-impjegati. | Il-Kunsill għall-Ħiliet Nazzjonali | Ġew ippjanati numru ta' laqgħat ma' rappreżentanti ta' industriji differenti sabiex jiġu identifikati l-ħiliet li hemm bżonn jitrawmu fil-ħaddiema Maltin. | Bdew iseħħu l-laqgħat skont is-setturi. Tlaqqgħu rappreżentanti mis-settur tat-Trasport u l-Avjazzjoni, l-Arti, Kultura u Disinn, Retailing, Oil/Gas/Maritime, Agrikoltura u Sajd u anke Accounting u Auditing. | Inġabru r-rapporti kollha skont il-laqgħat li seħħew. Ġiet ippreżentata lista tar-rakkomandazzjoni ta' sħubija bejn ir-rappreżentanti. | Wara l-approvazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet huwa mistenni li numru ta' setturi mill-industrija u l-edukazzjoni jibdew id-diskussjonijiet dwar il-programm ta' koperazzjoni bejn ir-rappreżentanti. | Implimentata |
| 231 | Fl-istess ħin ikun hemm skema ta' ħlas addizzjonali waqt il-perjodu tal-apprendistat. | Bord tal-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti | Saru laqgħat mal-uffiċċju tal-Apprendistat fl-MCAST u ġew identifikati l-proposti għall-kuntratti ġodda tal-apprendistati. | Komplew il-laqgħat mal-MCAST u bdiet tiġi żviluppata sistema *online* għall-għotjiet tal-manteniment ta' studenti fl-apprendistat. | Beda l-iproċessar tal-applikazzjonijiet *online* għall-għotjiet ta' manteniment lill-istudenti bis-sistema l-ġdida. | Mistenni li jitlesta l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet *online* u jibdew il-ħlasijiet lill-istudenti. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA
U L-IMMANIĠJAR TAL-ILMA

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Il-Gvern bħalissa qed jaħdem ukoll fuq il-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima għall-perjodu 2020-2030 f'konformità mal-miri tal-Unjoni Ewropea għall-2030. | Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma | Kompliet il-ħidma mill-Kumitat Interministerjali li twaqqaf fl-2017 bil-għan li jiġi żviluppat il-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima għall-perjodu 2021-2030. | Komplew il-laqgħat mill-Kumitat Interministerjali. L-abbozz tal-pjan tressaq għal konsultazzjoni ma' numru ta' entitajiet mhux governattivi. | Komplew il-laqgħat mill-Kumitat Interministerjali u bdiet il-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali. | Mistennija tkompli l-ħidma mill-Kumitat Interministerjali u tkompli l-konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali filwaqt li tiġi konkluża dik mal-entitajiet mhux governattivi. B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 82 | Il-Gvern se jibqa' jikkommetti ruħu sabiex jippromovi l-enerġija rinovabbli u l-użu effiċjenti ta' sorsi ta' enerġija, kif ukoll jinkoraġġixxi l-konservazzjoni tal-ilma fis-settur domestiku, permezz ta' diversi skemi. | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma | Saret ħidma fuq numru ta' skemi ġodda u ġew varati. Dawn jikkonsistu f'għotjiet għal (a) Xiri u installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi (b) Xiri u installazzjoni ta' *solar water heaters* (ċ) Xiri u installazzjoni ta' *heat pump water heaters* (d) Xiri ta' prodotti għal *roof thermal insulation* u *double glazing* ta' aperturi għal użu domestiku, u (e) Restawr ta' bjar. | Saret ħidma fuq l-iskemi varati bil-għan li joffru benefiċċju akbar lill-applikanti. L-iskemi kollha msemmija ġew varati. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 83 | Il-Gvern huwa kommess li jkompli bit-tisħiħ fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku b'rata aktar mgħaġġla u jkompli jtejjeb il-livell tas-servizz mogħti lill-konsumaturi. | Enemalta | Dan il-proġett jinkludi l-ikkummissjonar taċ-ċentru tad-distribuzzjoni fir-Rikażli, liema ħidma bdiet fl-2017.<br><br>Kompliet il-ħidma biex jiġi kkummissjonat ċentru tad-distribuzzjoni fir-Rikażli u tlesta x-xogħol li kien wasal fl-aħħar fażi tiegħu. | Iċ-ċentru tad-distribuzzjoni fir-Rikażli ġie kkummissjonat u bdiet l-installazzjoni tal-apparat fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Ħal Far. | Ġiet fi tmiemha l-installazzjoni tal-apparat fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Ħal Far u ġie kkummissjonat. Kompla t-twaħħil ta' aktar apparat f'diversi *substations* biex titjieb il-kwalità tas-servizz mogħti. | Mistenni jitkompla t-twaħħil ta' aktar apparat f'diversi *substations* biex b'hekk sal-aħħar tas-sena jkun hemm mitt *substation* oħra li jkunu armati b'apparat li jnaqqas l-interruzzjonijiet tal-elettriku. | Implimentata |
| 84 | Il-Gvern se jkun qed jikkummissjona ċentru ta' distribuzzjoni ġdid fir-Rikażli biex jipprovdi l-kapaċità meħtieġa. | Enemalta | Tkompla x-xogħol biex jiġi kkummissjonat ċentru tad-distribuzzjoni fir-Rikażli.<br><br>Ix-xogħol fuq l-ikkummissjonar ta' ċentru ġdid ta' distribuzzjoni fir-Rikażli beda fl-2017. F'dan il-perjodu tkompla x-xogħol li kien wasal fl-aħħar fażi tiegħu. | Iċ-ċentru l-ġdid tad-distribuzzjoni fir-Rikażli ġie kkummissjonat u beda jitħaddem. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 85 | Proġett kapitali ieħor huwa t-titjib tan-*network* ta' vultaġġ għoli li jforni l-Qasam Industrijali ta' Ħal Far, filwaqt li jwitti t-triq għal numru ta' żviluppi industrijali ġodda. | Enemalta | Kompliet u tlestiet il-ħidma li bdiet fl-2017 fuq l-iżvilupp ta' binja għal ċentru ta' distribuzzjoni li jforni lil Ħal Far. | Bdiet l-installazzjoni tal-apparat fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Ħal Far. | Kompliet l-installazzjoni tal-apparat fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Ħal Far u ġie kkummissjonat. | | Implimentata |
| 86 | Il-Gvern se jestendi wkoll il-proġett ta' awtomatizzazzjoni ta' 11kV biex ikomplu jitnaqqsu l-frekwenza u t-tul tal-interruzzjonijiet tas-servizz lill-konsumaturi. | Enemalta | Kompla xogħol ta' awtomatizzazzjoni fis-*substations* u ġie ordnat il-materjal meħtieġ biex ikomplu jitnaqqsu l-interruzzjonijiet fis-servizz lill-konsumatur. | Beda t-twaħħil ta' apparat fis-*substations* intiż biex inaqqas l-interruzzjonijiet fis-servizz lill-konsumatur. | Kompliet il-ħidma fuq it-twaħħil tal-apparat. | Mistenni li jiġi konkluż it-twaħħil tal-apparat f'mitt *substation* oħra u jitnaqqsu l-interruzzjonijiet tal-elettriku. | Implimentata |
| 87 | Tkompli l-ħidma fuq iż-żarmar u t-twaqqigħ tal-*power station* tal-Marsa. | Enemalta | Kompliet il-ħidma fuq it-twaqqigħ u tlesta x-xogħol relatat maż-żarmar tat-tankijiet taż-żejt. Din il-miżura ġiet implimentata. | | | | Implimentata |
| 88 | L-Enemalta bdiet iżżarma l-aħħar impjant tal-*heavy fuel oil* fil-*power station* ta' Dellimara. | Enemalta | Beda ż-żarmar tal-*boilers* u t-turbini u beda jinbena l-*iscaffolding* għaż-żarmar taċ-ċumnija. | Kompla ż-żarmar tal-*boilers* u t-turbini u tlesta ż-żarmar tal-parti metallika taċ-ċumnija. Beda xogħol ta' tkissir fuq il-konkos taċ-ċumnija. | Ġie fi tmiemu ż-żarmar tal-*boilers* u t-turbini u x-xogħol ta' żarmar taċ-ċumnija. B'hekk tneħħa l-impjant tal-*heavy fuel oil* fil-*power station* ta' Dellimara. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 89 | Is-sistemi awtomatizzati tal-immaniġġjar tal-*meters* se jkomplu jittejbu bil-għan li nissimplifikaw il-qari tal-konsum u tal-kontijiet. | Enemalta | Saret ħidma mill-Enemalta biex issaħħaħ it-tim speċjalizzat ta' tekniċi fi ħdanha li jaħdmu fuq sistemi awtomatizzati tal-immaniġġjar tal-*meters*. | Permezz ta' dan it-tim speċjalizzat saret ħidma biex ikomplu jitjiebu s-sistemi awtomatizzati tal-*meters*. | | | Implimentata |
| 90 | ARMS Ltd se tkompli taħdem ukoll fuq servizz li jingħata lill-klijenti billi ttejjeb il-*call centre* tagħha u l-iSmart Utilies Portal. | ARMS | Beda l-proċess ta' tisħiħ tal-*call centre* tal-ARMS biex tkun tista' tindirizza t-telefonati milqugħa. Ingħata t-taħriġ lill-impjegati f'dan il-qasam. | Inħarġet sejħa pubblika u ġew ingaġġati ħaddiema biex jagħtu servizz fil-*call centre*.<br><br>Bdiet ħidma biex jiġi aġġornat is-sit magħruf bħala Smart Utilities Portal. | Kompliet il-ħidma biex tissaħħaħ is-sezzjoni tal-*call centre* filwaqt li kompla l-iżvilupp tal-iSmart Utilities Portal. | Huwa mistenni li l-ARMS tkun saħħet il-*call centre* tagħha kif ukoll tikkonkludi l-iżvilupp tal-iSmart Utilities Portal. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 91 | ARMS se żżid il-preżenza tagħha fil-*one-stop-shop* tal-Gvern (servizz.gov) billi tibda topera f'lokalitajiet oħrajn. | ARMS | Bdew diskussjonijiet interni ma' servizz.gov bil-għan li l-ARMS iżżid il-preżenza tagħha fil-lokalitajiet fejn hemm servizz.gov preżenti. | Beda u tlesta eżerċizzju mill-ARMS ta' *risk asessment* li jkopri żewġ lokalitajiet li fihom l-ARMS tista' żżid il-preżenza tagħha. | Mir-riżultat tar-*risk assessment* l-ARMS bdiet tikkunsidra lokalità waħda. | Mistennija aktar diskussjonijiet ma' servizz.gov. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 92 | Il-Gvern se jkompli jaħdem ukoll fuq l-implimentazzjoni tal-*pipeline* tal-gass bejn Malta u l-Italja. Il-*pipeline* se jgħaqqad lil Malta man-*Network* tal-Gass tal-Unjoni Ewropea, itejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali f'Malta u għandu jissostitwixxi l-Floating Storage Unit temporanju li qiegħed f'Dellimara. Matul l-2018, il-Gvern għandu jipproċedi bl-istudji ambjentali u tekniċi, inkluż stħarriġ marittimu, dwar ir-rotta. | Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma | Saru laqgħat ta' konsultazzjoni pubbliċi f'Marsaxlokk, f'Gela, f'Palermo u f'Ruma. Ħarġu tliet sejħiet għall-offerti biex jiġu ingaġġati konsulenti biex jassistu fl-istħarriġ marittimu, fl-istudji ambjentali u dawk tekniċi, fl-istudji finanzjarji u ekonomiċi, kif ukoll fil-pubbliċità tal-proġett. Dawn l-istudji huma koperti minn fondi Ewropej. Beda l-*market test* relatat mal-istudji ekonomiċi u finanzjarji tal-proġett. F'Jannar intrebħu €3.68 miljun f'fondi Ewropej taħt il-Connecting Europe Facility għal dawn l-istudji kollha. | Ġew ippubblikati sejħiet għall-offerti li jkopru l-istħarriġ marittimu tar-rotta, l-istudji ambjentali f'Malta u fi Sqallija, kif ukoll biex isir disinn dettaljat tal-*pipeline* u *terminal stations* f'Malta u fi Sqallija. Beda u ġie konkluż il-*market test* relatat mal-istudji ekonomiċi u finanzjarji tal-proġett. | Għalqu s-sejħiet għall-offerti li jkopru l-istħarrig marittimu tar-rotta, l-istudji ambjentali f'Malta u fi Sqallija, kif ukoll biex isir disinn dettaljat tal-*pipeline* u *terminal stations* f'Malta u fi Sqallija, u saret l-evalwazzjoni tal-offerti. | Mistennija jiġu ingaġġati l-konsulenti li ser jibdew l-istħarriġ marittimu tar-rotta, studji ambjentali f'Malta u fi Sqallija, u jiġu konklużi l-ewwel rapporti, inklużi dawk ekonomiċi u finanzjarji, tal-proġett. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 93 | Il-Gvern se jkompli jimplimenta l-Pjan Nazzjonali tal-Effiċjenza fl-Enerġija. Għandhom jitnedew skemi mfasslin biex jgħinu lill-familji u lill-industrija jagħrfu kif jistgħu jagħmlu użu effiċjenti mill-enerġija u b'hekk isiru iktar kompetittivi. | Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma | Ġie ppreparat Avviż Legali biex tiġi varata skema ġdida li tikkonsisti f'*energy audits*, intiża għall-industrija. L-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma kompliet bil-ħidma tagħha biex tgħin lil Malta Enterprise fit-tfassil ta' aktar skemi. Dan filwaqt li komplew l-iskemi għall-familji vulnerabbli bl-għoti ta' *appliances* ġodda għal inqas konsum ta' elettriku. | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali u ġiet varata l-iskema għall-*energy audits*. Ġiet varata wkoll skema oħra minn Malta Enterprise li tgħin l-industriji biex jingħataw *tax rebates*. | | | Implimentata |
| 94 | Il-Gvern se jkompli jipprovdi servizz b'xejn ta' *audits* li jgħinu lill-familji jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u tal-ilma tagħhom. | Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma | L-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma kompliet bil-ħidma tagħha biex toffri *audits* b'xejn immirati biex jgħinu lill-familji jnaqqsu l-konsum tal-enerġija. | Kompla jingħata s-servizz ta' *audits* b'xejn fejn f'dan il-perjodu saru madwar 150 *audit.* B'hekk, il-familji qed ikomplu jiġu megħjuna dwar kif jistgħu jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u l-ilma. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 95 | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma se testendi d-distribuzzjoni ta' dan l-ilma għal firxa aktar wiesgħa ta' klijenti. Din il-miżura se twessa' effettivament il-bażi nazzjonali tar-riżorsi tal-ilma billi tipprovdi seba' miljun metru kubu ta' 'ilma ġdid', u b'hekk se tikkontribwixxi biex jinkisbu riżultati sostenibbli tal-użu tal-ilma, parti kbira billi titnaqqas l-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Bdiet ħidma fuq it-tfassil ta' *tenders* maħsuba biex jittrattaw xogħol fin-*Network* tat-Tramuntana u l-ġibjuni tan-naħa ta' isfel ta' Malta. B'hekk tkun tista' tiġi estiża l-provvista ta' 'ilma ġdid' lill-bdiewa. Ġew ukoll imfassla u ppubblikati numru ta' *tenders* għal xogħlijiet u apparat. | Komplew jiġu ppubblikati numru ta' *tenders* oħra għal diversi xogħlijiet u apparat. Intlaqgħu s-sottomissjonijiet u bdiet l-evalwazzjoni. | Tlestiet l-evalwazzjoni tat-*tenders* imsemmija u bdew jiġu ppreparati u ffirmati l-kuntratti. Ġew ippubblikati *tenders* oħra relatati max-xiri ta' materjal meħtieġ għad-distribuzzjoni tal-ilma. | Mistenni jibda x-xogħol fit-Tramuntana ta' Malta biex jitjieb in-*network* tal-ilma ta' dawk in-naħat u jibda x-xogħol ċivili fuq ir-*reservoirs* fin-naħa ta' isfel ta' Malta. Fl-istess ħin hu mistenni wkoll li jiġu aġġudikati t-*tenders* għax-xiri ta' materjal meħtieġ għad-distribuzzjoni tal-ilma. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 96 | Se jkun hemm l-ikkummissjonar ta' żewġ *solar farms* ġodda fuq is-soqfa ta' ġibjuni mhux użati mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Dawn il-*farms* huma mistennija li jiggarantixxu l-provvista ta' 1 *megawatt* ta' enerġija alternattiva annwali, kull wieħed għal perjodu ta' 25 sena. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kompliet il-ħidma tagħha biex tikseb il-permess għall-bini ta' *substation* għas-*solar farm* imwaqqaf f'tal-Fiddien. Il-permessi nkisbu u s-*solar farm* f'Tal-Fiddien ġie konkluż. Inħareġ il-permess u bdew id-diskussjonijiet mal-GRTU u l-MDA fuq it-*tenders* applikabbli relatati mat-twaqqif ta' *solar farm* fuq *reservoir* ieħor fil-Qrendi. | Komplew id-diskussjonijiet mal-GRTU u l-MDA fuq it-tender relatat mas-*solar farm* propost li jiġi mwaqqaf fuq *reservoir* fil-Qrendi. | Tlesta l-abbozz tat-*tender* għat-twaqqif ta' *solar farm* fuq il-ġibjun tal-Qrendi. Bdew ukoll id-diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar fuq il-permess meħtieġ għall-installazzjoni tas-*solar farm* fuq l-imsemmi ġibjun. | It-*tender* mistenni jkun ippubblikat u tkompli d-diskussjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 97 | Il-Gvern biħsiebu jkompli bl-investimenti tiegħu fit-titjib tal-impjanti tar-*reverse osmosis* (RO) bil-għan li jiggarantixxi provvista adegwata ta' ilma tajjeb għax-xorb matul iż-żmien fejn id-domanda tkun għolja. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Ħarġet sejħa għall-offerti u beda x-xiri ta' apparat meħtieġ biex itejjeb l-impjanti tar-*reverse osmosis*. | Tlesta x-xogħol f'unit partikolari tar-*reverse osmosis* f'Pembroke, wasal l-apparat mixtri u beda jiġi installat. | Kompliet ħidma fuq l-abbozzar ta' aktar *tenders* għax-xiri ta' apparat meħtieġ li jiġi installat f'impjanti tar-*reverse osmosis*. | It-*tenders* miktuba huma mistennija li jiġu ppubblikati filwaqt li jkompli jiġi installat l-apparat mixtri. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 98 | Se jinbena impjant ġdid ta' desalinizzazzjoni f'Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, b'kapaċità li jipproduċi madwar 9,000 metru kubu kuljum. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Bdiet ħidma biex jinkisbu l-permessi neċessarji għall-bini filwaqt li bdew jinkitbu l-ispeċifikazzjonijiet biex tinħareġ sejħa għall-offerti għal servizz ta' *project management*. | Inħarġet ir-rakkomandazzjoni għall-permess tal-bini. Beda jinkiteb it-*tender* għall-bini, makkinarju, l-*outfall*, il-*pipework* u l-pompi tal-*boreholes*. | Ġie ffinalizzat u ppubblikat it-*tender* għall-bini, makkinarju, l-*outfall,* il-*pipework* u l-pompi tal-*boreholes* u bdiet ukoll l-evalwazzjoni tal-offerti. | Mistenni jiġi aġġudikat it-*tender* għall-bini, makkinarju, l-*outfall*, il-*pipework* u l-pompi tal-*boreholes*, u jibdew l-ewwel xogħlijiet preliminari. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 99 | Il-Gvern biħsiebu jadotta strateġija aħjar marbuta mal-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal servizz ta' analiżi tal-kampjuni tal-ilma. | Is-sejħa għall-offerti ngħalqet u ġie ffirmat l-ewwel kuntratt mal-fornitur magħżul. | Kompla l-proċess ta' *tendering* għal analiżi tal-kampjuni. Sadanittant bdew l-ordni tax-xogħol u l-istennija tal-apparat għall-estrazzjoni tal-ilma. | Huwa mistenni li jibdew jinġabru l-ewwel kampjuni tal-ilma. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 100 | Il-Gvern għandu l-ħsieb li jirrijabilita żewġ stazzjonijiet strateġiċi ta' ppumpjar li jinsabu fil-galleriji tal-ilma f'Ta' Kandja. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Saret analiżi tax-xogħol rikjest u ġew identifikati l-ispeċifikazzjonijiet u l-apparat li jrid jinxtara. | Bdiet ħidma fuq it-tfassil tat-*tenders* għax-xogħlijiet li jridu jsiru. | Ġie ppubblikat it-*tender* għax-xogħol li jrid isir biex tkun rijabilitata l-gallerija tal-ilma f'Ta' Kandja. | Huwa mistenni li tibda l-evalwazzjoni tal-offerti u titlesta l-aġġudikazzjoni. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 101 | Il-Gvern għandu l-ħsieb li jirrijabilita żewġ stazzjonijiet strateġiċi ta' ppumpjar li jinsabu fil-galleriji tal-ilma f'Ta' Bakkja. | Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma | Saret analiżi tax-xogħol rikjest u ġew identifikati l-ispeċifikazzjonijiet u l-apparat li jrid jinxtara. | Bdiet ħidma fuq it-tfassil tat-*tenders* għax-xogħlijiet li jridu jsiru. | Ġie ppubblikat it-*tender* għax-xogħol li jrid isir biex tkun rijabilitata l-gallerija tal-ilma f'Ta' Bakkja. | Huwa mistenni li tibda l-evalwazzjoni tal-offerti u titlesta l-aġġudikazzjoni. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 102 | Se titnieda kampanja nazzjonali għall-konservazzjoni tal-ilma li se tkun qed tindirizza l-konsumaturi kollha u tgħinhom fl-adozzjoni ta' prattiki effiċjenti marbutin mal-użu tal-ilma. | Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma | Inkitbet is-sejħa għall-offerti u bdiet ħidma mad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex din il-kampanja titnieda. | Is-sejħa għall-offerti għat-tnedija ta' kampanja nazzjonali ġiet ippubblikata, intlaqgħu s-sottomissjonijiet u bdiet l-evalwazzjoni. | Tlestiet l-evalwazzjoni u ġie aġġudikat it-*tender* li permezz tiegħu ser isir l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-kampanja nazzjonali għall-konservazzjoni tal-ilma. | Mistenni jiġi ffirmat il-kuntratt u jibdew l-ewwel attivitajiet tal-kampanja nazzjonali. | Implimentata |
| 103 | Biex jiġi żgurat l-użu aħjar tal-ilma ta' taħt l-art, se jkun hemm monitoraġġ teknoloġiku tas-sistemi kollha tal-akkwiferu tagħna. | Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma | Bdiet tinkiteb sejħa għall-offerti għal servizzi ta' konsulenza biex ikun jista' jiġi żviluppat *network* ta' monitoraġġ. | Is-sejħa għall-offerti għal servizzi ta' konsulenza ġiet ippubblikata. | Tkompliet il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti għal servizzi ta' konsulenza u bdiet l-evalwazzjoni tagħha. | Huwa mistenni li jiġi aġġudikat it-*tender* għal servizzi ta' konsulenza biex jiġi żviluppat *network* ta' monitoraġġ u jibdew l-istudji u x-xogħlijiet meħtieġa. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

# MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U L-UGWALJANZA

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Iż-żieda għall-għoli tal-ħajja għas-sena d-dieħla se tkun ta' €1.75 fil-ġimgħa. Dan wara li sar l-aġġustament għal din is-sena skont kif kont ħabbart fil-Baġit l-ieħor. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) | L-Ordni ta' Standard Nazzjonali tal-2017 dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern f'Diċembru 2017. B'hekk, b'effett mill-1 ta' Jannar 2018, il-pagi tal-impjegati kollha żdiedu b'€1.75 fil-ġimgħa. | | | | Implimentata |
| 2 | Matul is-sena d-dieħla se nibdew nimplimentaw din il-proposta billi nżidu ġurnata mal-*leave* tal-ħaddiema, li huma kontributuri ewlenin fis-suċċess ekonomiku ta' pajjiżna. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) | Ir-Regolamenti tal-2017 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern fl-2017. B'hekk, b'effett mill-1 ta' Jannar 2018, il-*leave* għall-ħaddiema kollha żdied bi 8 sigħat. | | | | Implimentata |
| 3 | Żieda ta' ġurnata oħra ta' *leave*; Bħalissa diġà bdew diskussjonijiet mal-imsieħba soċjali dwar kif jista' jintlaħaq l-akbar livell ta' kunsens biex din il-proposta tkompli tkun implimentata matul din il-leġiżlatura, kif imwiegħed. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) | Tnieda l-proċess ta' konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali dwar din il-proposta, bi tħejjija għall-analiżi interna fuq is-suġġett. | Tkomplew id-diskussjonijiet u l-konsultazzjonijiet dwar din il-proposta. Il-materja tressqet ukoll għall-konsiderazzjoni tal-Employment Relations Board. | Komplew id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-imsieħba soċjali dwar il-miżuri mħabbra għat-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. | Mistennija jkomplu għaddejjin id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-imsieħba soċjali dwar it-twettiq ta' din il-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4 | Impjegati fuq il-paga minima jittellgħu minnha wara li jkunu ilhom sena fl-impjieg ma' min iħaddimhom. Il-ħaddiem ikun intitolat għal żidiet ta' €3 fil-ġimgħa tul it-tieni sena fl-impjieg, u fit-tielet sena għal żieda ta' €3 addizzjonali fil-ġimgħa. Ħaddiema li jkunu qegħdin jaqilgħu aktar mill-paga minima bażika xorta jkunu intitolati għal parti miż-żidiet fit-tieni u t-tielet sena tal-impjieg. Il-ftehim jistipula wkoll suppliment relatat mal-COLA. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) | L-Avviż Legali li jemenda l-Ordni ta' Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali ġie ppubblikat f'Mejju 2017, fejn permezz tiegħu ngħatat iż-żieda ta' €3.00 kif imsemmi. Aktar tard, f'Diċembru 2017, daħal ukoll fis-seħħ l-Avviż Legali dwar l-Ordni ta' Standard Nazzjonali tal-2017 li permezz tiegħu ngħata €1.00 fil-ġimgħa lill-impjegati kollha bħala suppliment mandatorju. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 212 | Il-Gvern se jkompli jwassal il-messaġġ tiegħu f'fora internazzjonali u dawk Ewropej fejn tidħol l-immigrazzjoni. Irridu nkomplu nassiguraw li jitwaqqfu l-influssi ta' immigranti irregolari u jitwaqqaf it-traffikar tal-bniedem u dan permezz ta' politika ta' persważjoni bbażata fuq it-tħaddim ta' leġiżlazzjonijiet Ewropej u l-kunċett ta' solidarjetà u *burden sharing*. | Segretarjat għall-Unjoni Ewropea | Il-Gvern kompla jwassal il-messaġġ tiegħu fuq dan is-suġġett f'kull opportunità li kellu. Dawn kienu jinkludu d-diversi laqgħat tal-Friends of the Presidency Group in Strategic Committee on Immigration, tal-Frontiers and Asylum (SCIFA) format, tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ażil, tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER), tal-Kunsill tal-Ministri tal-Intern, kif ukoll tal-Kunsill Ewropew, apparti numru ta' laqgħat informali oħra. | Kompliet il-ħidma f'dan il-qasam, fosthom mal-Friends of the Presidency Group in Strategic Committee on Immigration, Frontiers and Asylum (SCIFA) format, tal-JHA Counsellors (Attachés), tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER), tal-Kunsill tal-Ministri għall-Ġustizzja u l-Intern, kif ukoll tal-Kunsill Ewropew, apparti numru ta' laqgħat informali oħra. | Kompliet il-ħidma biex il-Gvern jibqa' jwassal il-messaġġ tiegħu fuq dan is-suġġett f'kull opportunità li jkollu, kemm f'laqgħat informali u iktar u iktar fil-laqgħat uffiċjali, inkluż fil-livell ta' Kunsill tal-Ministri kif ukoll fil-Kunsill Ewropew. | Huwa mistenni li l-Gvern jibqa' jwassal il-messaġġ tiegħu fuq dan is-suġġett f'kull opportunità li jkollu. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 213 | Il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza tul l-2018 biħsiebu jistabbilixxi l-ewwel strateġija u pjan ta' azzjoni għall-integrazzjoni tal-immigranti li jgħixu f'pajjiżna. Dan sabiex l-immigranti ma jibqgħux jiġu emarġinati u gradwalment jintegraw ruħhom fis-soċjetà Maltija. | Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni (HRID) | L-Istrateġija u Pjan ta' Azzjoni għall-Integrazzjoni tal-Migranti - Viżjoni 2020 (Integrazzjoni = Appartenenza) ġew imnedija. Twaqqaf il-Kumitat Interministerjali fuq l-Integrazzjoni biex iservi ta' struttura ta' governanza tal-integrazzjoni tal-migranti.<br><br>Saret ħidma fuq l-irranġar tal-uffiċini minn fejn jopera l-Integration Unit. Ix-xogħol tlesta.<br><br>Ġie approvat uffiċjalment il-proġett tal-integrazzjoni kofinanzjat mill-AMIF, Learning - Exchanging - Integrating, b'baġit ta' kważi €2 miljun. | Saret ħidma mal-MCAST biex jibda jingħata s-servizz ta' taħriġ tal-Malti, l-Ingliż u l-Orjentament Kulturali għall-immigranti li jgħixu f'pajjiżna. Inħarġet sejħa għar-reklutaġġ ta' Integration Officers taħt il-proġett AMIF. | Kompliet il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-inizjattivi differenti inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Integrazzjoni tal-Migranti. | Mistennija tkompli l-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-inizjattivi differenti inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Integrazzjoni tal-Migranti. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 214 | Is-sena 2018 se tkun waħda li tibqa' mniżżla għall-avvanzi fil-qasam tal-protezzjoni kontra l-vjolenza domestika. Id f'id mal-liġi li se tgħaddi mill-Parlament u li se tagħti lill-Kummissjoni iktar saħħa filwaqt li twessa' r-*remit* tagħha. | Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika (CDV) | Kompliet id-diskussjoni dwar il-liġi l-ġdida fil-Parlament.<br><br>Ir-ristrutturar tal-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika huwa marbut direttament ma' din il-liġi. | Il-liġi dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika ġiet approvata mill-Parlament.<br><br>Inkiteb pjan ta' ħidma għas-snin li ġejjin u ntlaħaq ftehim bejn il-Kummissjoni u l-International Centre for Parliamentary Studies biex isir taħriġ f'Malta fuq it-traffikar ta' persuni.<br><br>F'Ġunju, il-Kummissjoni għamlet il-konferenza annwali tagħha. | Kompliet il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-inizjattivi differenti inklużi fil-pjan ta' ħidma f'dan il-qasam biex ikun promoss u protett id-dritt ta' kulħadd, u partikolarment persuni f'riskju li jiġu esposti għall-vjolenza domestika, li jgħixu ħajja ħielsa mill-vjolenza. | Huwa mistenni li l-ħidma tkompli fuq l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma f'dan ir-rigward. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 215 | Se tiġi approvata strateġija dwar il-vjolenza kontra n-nisa u vjolenza abbażi tal-ġeneru. | Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni (HRID) | L-Istrateġija u Pjan ta' Azzjoni għall-Vjolenza Domestika (Viżjoni 2020) ġew approvati u mnedija. Twaqqaf Kumitat Interministerjali fuq il-Vjolenza Domestika biex ikun struttura ta' governanza f'dan il-qasam. Ġew ippjanati diversi inizjattivi u proġetti biex jikkontribwixxu u jintlaħqu l-miri tal-imsemmija strateġija. Inbeda l-proġett Breaking the Cycle of Violence. Ir-riċerka mill-Università ta' Malta taħt il-proġett Full Cooperation: Zero Violence tlestiet u ġiet imnedija. | Sar taħriġ għall-professjonisti, inkluż taħriġ speċjali għall-ġudikatura. Il-liġi dwar il-vjolenza abbażi tal-ġeneru u vjolenza domestika ġiet approvata mill-Parlament. Bdew il-*mentoring workshops* u *one-to-one mentoring sessions*, li jiffurmaw parti mill-proġett Breaking the Cycle of Violence. | Kompliet il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-inizjattivi differenti inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Vjolenza Domestika. | Huwa mistenni li l-ħidma tkompli fuq l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma f'dan ir-rigward. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 216 | Wara bosta laqgħat li saru mal-imsieħba soċjali dwar it-tibdil fil-liġijiet tax-xogħol ta' pajjiżna, nemmnu li wasal iż-żmien li dawn il-liġijiet, li jaffettwaw il-maġġoranza assoluta tal-popolazzjoni, ikunu jirriflettu l-ħtiġiet tas-soċjetà tal-lum u l-istil tal-ħajja li l-familji Maltin qegħdin jgħixu. Id-diskussjonijiet li saru se jsarrfu fi proposti li se jkunu ppreżentati għad-diskussjoni fil-Parlament biex jidħlu fis-seħħ tul is-sena d-dieħla. | Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) | Tlesta x-xogħol fuq l-abbozzi leġiżlattivi suġġetti għall-emendi. Intlaħaq qbil fuq sett ta' proposti mal-partijiet involuti u kompliet id-diskussjoni fuq proposti oħra. | L-abbozz għall-emendi għal-liġi tax-xogħol tressqu fil-Parlament bi tħejjija għall-pubblikazzjoni. | L-Ordni ta' Standard Nazzjonali tal-2018 dwar il-*Leave* Annwali, ir-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħaddiema Temporanji permezz ta' Aġenzija, ir-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħarsien tal-Impjiegi fit-Trasferiment ta' Negozju u r-Regolamenti tal-2018 dwar *Payslip* Dettaljata ġew ippubblikati. Dawn l-Avviżi Legali ġew sospiżi sakemm jibqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-imsieħba soċjali dwar il-pakkett ta' miżuri mħabbra għat-titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol kif imwiegħda fil-Manifest Elettorali. | Mistennija jibqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-imsieħba soċjali dwar it-twettiq ta' din il-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 224 | Id-djalogu soċjali hu prijorità għal dan il-Gvern u biex il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) ikun mgħammar u attrezzat biex jilqa' għall-isfidi u jagħraf l-opportunitajiet quddiemu, il-Gvern qiegħed jinvesti €100,000 addizzjonali mal-investimenti li saru fis-snin ta' qabel. | Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) | Inħarġet sejħa għal reklutaġġ u ġie ingaġġat Professional Officer mal-MCESD. Bdiet il-ħidma biex jinstabu uffiċini alternattivi għall-MCESD minflok il-post preżenti, skont il-bżonnijiet tal-Kunsill ġaladarba jkun ristrutturat. Fir-rigward tal-uffiċċju tal-MCESD f'Għawdex bdiet tintuża kamra fil-Ministeru għal Għawdex. | Bdew isiru laqgħat individwali ma' kull settur rappreżentat fil-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili (CSC), sabiex jiġu diskussi suġġetti relatati mas-setturi tagħhom. Il-Kunsill Reġjonali għal Għawdex (GRC) beda l-preparamenti biex tkun organizzata konferenza dwar il-Governanza Reġjonali. Waqt il-laqgħat tal-Kunsill u tal-GRC u tas-CSC, il-membri ġew aġġornati fuq dak kollu diskuss fil-laqgħat tal-kumitati l-oħra u fil-gruppi ta' ħidma. | Kompla t-tisħiħ tal-Kunsill, kemm fejn jidħlu r-riżorsi umani u l-infrastruttura tal-uffiċini, kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-istudji ta' riċerka biex isostnu x-xogħol tal-Kunsill, tal-*working groups* tiegħu, u anke tal-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili u dak Reġjonali t'Għawdex. | Mistennija jitkomplew il-ħidma u t-tisħiħ tal-Kunsill kif ippjanat għal din is-sena. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 225 | Fejn tidħol l-Aġenzija MEUSAC, il-Gvern se jżid ukoll l-investiment tiegħu b'mod sostanzjali biex id-djalogu soċjali fil-pajjiż jissaħħaħ f'din l-Aġenzija. | MEUSAC | Inħatar Direttur fil-MEUSAC responsabbli mill-Politika u Liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Bdew isiru laqgħat bilaterali mal-imsieħba soċjali. Saru laqgħat regolari tal-Core Group tal-MEUSAC. | Ġie ingaġġat ukoll Executive EU Funding Officer filwaqt li saret l-għażla tal-Executive EU Policy and Legislation Officer. B'hekk, tlesta l-proċess kollu ta' reklutaġġ tal-ħaddiema ġodda mal-MEUSAC ippjanat għal din is-sena.<br>Dan filwaqt li kompla t-tisħiħ fl-infrastruttura tal-uffiċini tal-MEUSAC (permezz ta' tkabbir tal-post minn fejn topera l-Aġenzija). | | | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-FINANZI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | Matul din il-leġiżlatura se nwettqu wegħda oħra, dik li se nkomplu nnaqqsu t-taxxi fuq ix-xogħol. Dan it-tnaqqis ta' ħlas ta' taxxa se jingħata lil kull ħaddiem li jaqla' inqas minn €60,000. Għall-ewwel darba se ndaħħlu l-prinċipju li anke dawk il-ħaddiema li ma jħallsux taxxa se jibbenefikaw. Fil-fatt, dawk bl-inqas dħul se jingħataw il-massimu ta' din l-għotja. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti (Finanzi) | Saru laqgħat interni dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Ġie deċiż li r-rifużjoni tat-taxxa tiġi mogħtija f'Settembru ta' din is-sena.  Bdew il-preparamenti biex jiġu ddeterminati dawk eliġibbli għal din ir-rifużjoni. | Kompliet il-ħidma fuq il-kumpilazzjoni ta' persuni li se jikkwalifikaw għal dan il-benefiċċju. | Il-pagamenti marbuta mar-rifużjoni tat-taxxa nħarġu kif previst. Permezz ta' din il-miżura bbenefikaw madwar 205,000 persuna. | | Implimentata |
| 7 | Se ngħollu l-massimu ta' dħul minn pensjonijiet li mhux se jkun intaxxat għal €13,200. | Kummissarju tat-Taxxi | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali li permezz tiegħu twettqet l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | | | | Implimentata |
| 13 | Wara d-domanda li kien hemm għall-ħruġ ta' Savings Bonds 62+ indirizzati għal dawk li għalqu t-62 sena, se nkunu qegħdin nerġgħu noħorġu Bond simili matul is-sena d-dieħla; dan fl-isfond li r-rati ta' mgħax fuq kontijiet bankarji fissi jibqgħu baxxi. | Teżor | Ġie deċiż li f'April isiru diskussjonijiet bejn id-Dipartiment tat-Teżor u l-Ministeru għall-Finanzi biex jiġi stabbilit l-ammont tal-ħruġ ta' Savings Bonds għal din is-sena, id-data meta se jiftħu l-applikazzjonijiet u t-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli. | Inħarġu s-62+ Saving Bonds f'Ġunju bl-ammont ta' €65 miljun, suġġett li dan l-ammont jiżdied b'€35 mijun. Id-Dipartiment tat-Teżor eżerċita dan id-dritt biex seta jilqa' l-applikazzjonijiet kollha li daħlu. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | Wara 18-il sena li ma sar xejn, dan il-Gvern se jgħolli l-ammont ta' valur ta' servizz li taħtu ma jiċċarġjax VAT. Fil-preżent dan l-ammont huwa ta' €14,000, u issa se ngħolluh għal €20,000. | Kummissarju tat-Taxxi | Il-proposta li tawtorizza lil Malta sabiex tgħolli t-*threshold* għal minn ma jżommx VAT minn €14,000 għal €20,000 tressqet quddiem l-ECOFIN u ġiet approvata. | Ġie abbozzat l-avviż legali bi preparazzjoni sabiex din il-miżura tidħol fis-seħħ f'Lulju. | Il-miżura daħlet fis-seħħ. | | Implimentata |
| 16 | Se tiġi indirizzata anomalija biex ċerti prodotti ta' *steel rods* u *bars* taħt HS Code partikolari jkollhom rata ta' sisa bħal dik applikabbli għall-vireg tal-ħadid u jiġi rispettat il-prinċipju ta' *level playing field* fuq l-importazzjoni. | Dwana | Saret l-emenda fil-leġiżlazzjoni u tressqet għall-konsultazzjoni mal-i*stakeholders*. Intlaħaq qbil mal-i*stakeholders* u l-miżura daħlet fis-seħħ. | Beda xogħol ta' monitoraġġ fuq l-implimentazzjoni ta' din il-miżura u ġie kkonfermat li qed tħalli effett pożittiv. | | | Implimentata |
| 17 | Il-Gvern se jkompli jikkumbatti b'kull mezz l-evażjoni fiskali u l-kompetizzjoni inġusta. Dan se jkun qed isir billi se jiżdiedu kemm il-multi fuq reati trattati mill-Qrati kif ukoll il-multi fuq reati deċiżi bi ftehim barra l-Qorti. | Dwana | Ġie ppubblikat l-Att legali li permezz tiegħu ġiet implimentata din il-miżura b'effett minn Marzu. | Bdiet ħidma fuq kampanja ta' għarfien maħsuba sabiex tinforma l-pubbliku dwar it-tħaddim ta' din il-miżura. | Il-kampanja tressqet għall-approvazzjoni. | Il-kampanja mistennija tibda f'Novembru. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 | Il-Joint Enforcement Task Force sejra wkoll iżżid l-isforzi tagħha sabiex ikomplu jiġu identifikati dawk il-kumpaniji u negozji li qegħdin jevadu t-taxxi. | Kummissarju tat-Taxxi | Sar pjan ta' azzjoni dwar il-ħidma tal-Joint Enforcement Task Force għall-2018 li jinkludi ħidma relatata ma' spezzjonijiet fuq *number plates* ta' vetturi li jivvjaġġaw regolarment bejn l-Italja/Sqallija u Malta, analiżi fuq dikjarazzjonijiet għal fini ta' taxxa u VAT minn setturi ta' professjonisti varji, analiżi fuq kumpaniji li għal sena wara l-oħra ddikjaraw telf kif ukoll ħidma sabiex jiġu ingaġġati esperti fid-*digital forensics* permezz ta' *Expression of Interest.* | Kompliet il-ħidma mill-Joint Enforcement Taskforce. | Komplew l-ispezzjonijiet fid-diversi oqsma u bdiet analiżi tar-riżultati miksuba. | Mistennija tkompli l-ħidma tal-Joint Enforcement Taskforce kif ukoll tinħareġ espressjoni ta' interess għall-ingaġġ ta' esperti fil-qasam ta' *digital forensics.* | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 45 | Aktar minn 11,300 proprjetà inbiegħet taħt l-iskema tal-first-time buyers li dan il-Gvern daħħal fis-sena 2014. Din il-miżura qed tgħin koppji żgħażagħ u individwi li qegħdin jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom, u li tkun għal skop ta' residenza. Din il-miżura, fejn ma titħallas l-ebda taxxa tal-boll fuq l-ewwel €150,000, se terġa' tkun estiża għal sena oħra. | Kummissarju tat-Taxxi | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali li permezz tiegħu ġiet estiża din l-iskema. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 47 | Tnaqqis fit-taxxa tal-boll għal *second-time buyers* – fejn ix-xerrej ikun persuna b'diżabilità, ir-*refund* tat-taxxa tal-boll li se jitħallas permezz ta' ċekk ikun sa massimu ta' €5,000. Ġenituri ta' familja li għandha tgħix magħha persuna b'diżabilità jistgħu wkoll jikkwalifikaw għal din l-iskema taħt ċerti kundizzjonijiet. | Kummissarju tat-Taxxi | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali li permezz tiegħu daħlet fis-seħħ din l-iskema. | | | | Implimentata |
| 49 | Biex inkomplu nnaqqsu l-bini vojt u nnaqqsu l-pressjoni għal bini ġdid, l-iskema fejn it-taxxa tal-boll tonqos bin-nofs – minn ħamsa fil-mija għal 2.5 fil-mija – għal dawk il-proprjetajiet li jinsabu f'Urban Conservation Area, se tiġi estiża b'sena oħra. | Kummissarju tat-Taxxi | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali li permezz tiegħu ġiet estiża din l-iskema. | | | | Implimentata |
| 50 | L-inċentiv mogħti din is-sena lil xerrejja li jixtru residenza f'Għawdex, fejn dawn qegħdin iħallsu tnaqqis fir-rata tal-boll, minn ħamsa fil-mija għal tnejn fil-mija, se tiġi estiża għal sena oħra. | Kummissarju tat-Taxxi | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali li permezz tiegħu ġiet estiża din l-iskema. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 51 | Faċilitajiet ta' Equity Release; Bħala l-ewwel pass, matul is-sena d-dieħla, se jitwaqqaf *working group* biex jagħmel rakkomandazzjonijiet li jwasslu għal qafas regolatorju meħtieġ biex dawn l-iskemi jiġu offruti wkoll f'pajjiżna minn istituzzjonijiet finanzjarji ewlenin. | Strategy and Support Services | Ġie mwaqqaf grupp ta' ħidma u beda jsir studju fuq il-Faċilitajiet tar-Rilaxx tal-Ekwità. Ġie ppreżentat *policy document* lill-Ministru għall-Finanzi bħala abbozz għall-approvazzjoni interna. | Saret preżentazzjoni tal-abbozz u diskussjoni interna dwar il-proposti mressqa mill-Kumitat tar-Rilaxx tal-Ekwità. | Il-Kumitat tar-Rilaxx tal-Ekwità ffinalizza r-rapport tiegħu. B'hekk, il-ħidma tal-Kumitat prevista għall-2018 twettqet. | | Implimentata |
| 64 | L-iskema fejn qed jingħata *refund* sħiħ tal-VAT (li jissarraf f'għotja ta' 15.25 fil-mija tal-prezz) fuq roti u roti elettriċi se tiġi estiża għal sena oħra u se tkun estiża wkoll għal dawk il-kumpaniji li joffru dan it-tip ta' *bicycles* għall-kiri. | Budget Division | Ġie ppubblikat l-Avviż tal-Gvern li permezz tiegħu ġiet imġedda din l-iskema kemm għal individwi kif ukoll għal kumpaniji. | | | | Implimentata |
| 65 | Il-Gvern għall-ewwel darba se jinċentiva wkoll ix-xiri ta' muturi, *scooters* u roti assistiti b'mutur tal-elettriku għal massimu ta' €400. Fil-każ ta' roti assistiti b'mutur tal-elettriku, minbarra l-għotja ta' €400, tibqa' tiġi eżentata l-VAT. | Budget Division | L-iskema ġiet imħabbra f'Jannar u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. B'hekk, Transport Malta bdiet tilqa' l-applikazzjonijiet sakemm jiġu eżawriti l-fondi allokati. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 66 | Biex ninċentivaw li iktar persuni kif ukoll turisti jużaw ir-rota bħala mezz ta' trasport f'pajjiżna, qegħdin inbaxxu r-rata tal-VAT fuq il-kiri tar-roti minn 18 fil-mija għal sebgħa fil-mija. | Kummissarju tat-Taxxi | Ġie ppubblikat Avviż tal-Gvern li permezz tiegħu din il-miżura daħlet fis-seħħ. | | | | Implimentata |
| 68 | L-iskema li daħħalna fl-aħħar żewġ baġits fejn ingħata *grant* kemm lill-kunsilli lokali kif ukoll lil dawk il-kumpaniji privati li jwaħħlu *bicycle racks* biex aktar persuni jitħajru jużaw ir-rota, se terġa' tiġi estiża għal sena oħra. | Strategy and Support Services | Din il-miżura daħlet fis-seħħ fl-2017. F'Jannar, il-kunsilli lokali flimkien mal-kumpaniji privati ġew infurmati li din l-iskema ġiet estiża. | | | | Implimentata |
| 113 | Liġi ġdida li se tintroduċi l-kunċett tal-VAT Grouping għas-setturi regolati tas-servizzi finanzjarji u tal-*gaming*. Entitajiet li huma legalment indipendenti, li għandhom stabbiliment fiss f'Malta, u li għandhom rabtiet finanzjarji, ekonomiċi u organizzattivi bejniethom, jistgħu jirreġistraw bħala persuna taxxabbli waħda. B'riżultat ta' dan, il-provvisti u akkwisti bejn il-membri tal-grupp se jiġu kkunsidrati barra mill-ambitu tal-VAT. | Kummissarju tat-Taxxi | Saret konsultazzjoni mal-Malta Gaming Authority dwar it-twettiq ta' din il-miżura. Beda u tlesta x-xogħol fuq l-abbozz tal-leġiżlazzjoni. | Ġie ppubblikat l-Avviż Legali li permezz tiegħu daħlet fis-seħħ din il-miżura b'effett minn Ġunju. Bdiet ħidma fuq it-tibdil fis-sistema tal-informatika li se tħaddem din il-miżura. | Tkompla x-xogħol fuq is-sistema tal-informatika. | Is-sistema tal-informatika mistennija titlesta sal-aħħar tas-sena u l-miżura tibda titħaddem. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 140 | Se nibdew nimplimentaw, fejn hu possibbli, sistema ta' *offset* bejn ħlasijiet li kumpanija jkollha tieħu mingħand il-Gvern ma' ħlasijiet li kumpanija jkollha tagħti lill-Gvern. | Budget Division | Ġie maħtur grupp ta' ħidma magħmul minn uffiċjali mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tad-Dħul, id-Dwana, it-Teżor, id-Dipartiment tal-Kuntratti u l-konsulent legali tal-Ministeru għall-Finanzi biex jiġu mistħarrġa l-prattiki fi ħdan dawn id-dipartimenti li jistgħu joffru sistema ta' *offsetting*, il-kapaċitajiet eżistenti tal-informatika, kif ukoll it-tibdil neċessarju li hemm bżonn isir fil-liġijiet rispettivi. Beda xogħol fuq l-abbozzar ta' *set-off agreement* biex jintuża' bħala siġill għal dan it-tip ta' arranġamenti. Komplew ukoll taħditiet ma' diversi dipartimenti oħra biex tiġi ddisinjata l-istruttura neċessarja. | Kompliet ħidma biex jiġi ffinalizzat id-dokument legali li se jkun qiegħed jiġi ffirmat mill-partijiet konċernati. Saret laqgħa mal-Avukat Ġenerali biex jiġu diskussi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-emendi neċessarji fil-liġijiet. Bdiet ħidma wkoll fuq il-formola ta' applikazzjoni li trid tibda timtela mill-applikant u mill-entitajiet ikkonċernati. | Kompliet il-ħidma fuq l-applikazzjoni għall-*offsetting* bi preparazzjoni li tiġi mtellgħa fuq is-sit elettroniku tal-Ministeru għall-Finanzi. Dan iwassal sabiex jibdew jiġu pproċessati l-ewwel applikazzjonijiet. | Mistenni li jibdew isiru l-ewwel *set-off agreements* bejn il-Gvern u n-negozji. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 141 | Il-faċilità li kumpaniji u ażjendi li jħaddmu 30 ħaddiem u aktar li jissottomettu l-formoli tas-Sigurtà Soċjali u l-VAT Returns *online* se tkun estiża għal dawk il-kumpaniji u ażjendi li jħaddmu 10 ħaddiema u aktar. | Kummissarju tat-Taxxi | Bdiet ħidma fuq l-abbozzar tar-regoli l-ġodda marbuta mal-Final Settlement System. | It-tibdiliet meħtieġa fir-regoli l-ġodda tlestew u daħlu fis-seħħ permezz ta' Avviż Legali. | Bdiet ħidma fuq pjan ta' relazzjonijiet pubbliċi dwar it-tħaddim ta' din il-miżura filwaqt li ngħata t-taħriġ lill-*freephone* ta' servizz.gov 153 dwar din il-faċilità l-ġdida. | Huwa mistenni li l-faċilità li kumpanija li tħaddem 10 ħaddiema u aktar tissottometti l-formoli tagħha *online* tibda titħaddem kif previst. | Implimentata |
| 184 | Filwaqt li se nkomplu bi programmi ta' boroż ta' studju, dawk il-persuni li ma jkunux għalqu l-40 sena u jiddeċiedu li jagħmlu kors *post-graduate* li hu ekwivalenti għal Livell ta' MQF 7 u MQF 8, jiġifieri fil-livell ta' Masters u Ph.D., dawn ma jħallsux *income tax* sa massimu ta' sentejn wara li jispiċċaw il-kors. | Kummissarju tat-Taxxi | Saru diskussjonijiet interni u tħejja abbozz tal-Avviż Legali għal konsultazzjoni mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Saru l-emendi fl-abbozz u tressaq għall-pubblikazzjoni. | L-Avviż Legali ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern f'April. | | | Implimentata |

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 114 | L-MTA se tkun qed tidentifika wkoll żoni oħrajn tradizzjonalment mhux turistiċi sabiex jiġu abbozzati wkoll pjani ta' riġenerazzjoni għalihom. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Ġew identifikati ż-żoni li ser isir pjan ta' riġenerazzjoni għalihom, li huma Birżebbuġa u x-Xemxija. | Id f'id mal-pjan ta' riġenerazzjoni, kompla x-xogħol fiż-żona ta' Birżebbuġa permezz ta' żvilupp ta' *pitch* tal-*volleyball*. Il-*pitch* tlesta u ntuża sabiex jittella' *tournament* internazzjonali tal-*volleyball* fih. | Komplew jitwettqu xogħlijiet ta' manutenzjoni f'Birżebbuġa bħala parti mill-Pjan ta' Riġenerazzjoni.<br><br>Ġew identifikati l-interventi meħtieġa biex jitwettqu fiż-żona tax-Xemxija. | Mistennija tiġi kkomunikata d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar fuq l-applikazzjonijiet għall-bini ta' ġnien u ta' parkeġġ fi Triq San Patrizju li jagħmlu parti mill-Pjan ta' Riġenerazzjoni ta' Birżebbuġa. Barra minn hekk, jibda jitfassal pjan ta' riġenerazzjoni għax-Xemxija. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 115 | Se tkun qed tittieħed azzjoni biex fost l-oħrajn titjieb is-sitwazzjoni tat-traffiku, l-aċċessibilità, jiżdiedu s-sinjali ta' direzzjoni u parkeġġ, kif ukoll jitjieb l-*upkeep* ġenerali taż-żona tal-Waterfront. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Twaqqaf Grupp ta' Ħidma b'rappreżentanti minn diversi entitajiet, fosthom l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, Transport Malta u l-Pulizija ta' Malta.<br><br>Ġew identifikati l-problemi eżistenti taż-żona, kif ukoll saret lista ta' prijoritajiet ta' interventi li jistgħu jitwettqu fi żmien relattivament qasir. | Bħala parti mil-lista ta' prijoritajiet identifikati, ġew miżjuda l-*enforcement officers* ta' Transport Malta fiż-żona biex ikun hemm kontroll aħjar tal-immaniġġjar tat-traffiku. Saru wkoll numru ta' diskussjonijiet mas-sidien tal-karozzini biex tinżamm iktar indafa fiż-żona. | B'kordinazzjoni mal-Valletta Cruise Port, ġew diskussi proposti fuq l-immaniġġjar tal-passiġġieri bil-għan li titnaqqas il-konġestjoni li jkun hemm f'din iż-żona kull meta jidħol *cruiseliner*.<br><br>Tlestiet l-*unloading bay* fil-binja tal-Valletta Cruise Port sabiex min iqassam il-merkanzija fil-ħwienet tal-Valletta Waterfront ikollu fejn jipparkja u jiġi evitat il-ħolqien tat-traffiku fiż-żona. | Mistennija jitwaħħlu iktar sinjali ta' direzzjoni f'din iż-żona biex jidderieġu aħjar lil kull min jgħaddi minn dawn it-toroq. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 116 | Il-linja tal-ajru nazzjonali Air Malta tibqa' pilastru ewlieni importanti għall-ekonomija Maltija. Dan il-Gvern jibqa' kommess li bħalma rristruttura u salva l-Enemalta, issa jġib ukoll il-linja tal-ajru tagħna fuq saqajha. | Uffiċju tas-Segretarju Permanenti | Ġew finalizzati l-ftehimiet kollettivi mat-*trade unions* li jirrappreżentaw lill-inġiniera, *cabin crew*, *ground handling* u piloti.<br><br>Twaqqfet l-Air Malta Aviation Services Ltd biex tamministra l-operat tal-*ground handling*.<br><br>Tħabbru skemi ta' rtirar kmieni mix-xogħol għall-ħaddiema tal-Air Malta. | Ingħaqad l-għaxar ajruplan mal-flotta tal-Air Malta.<br><br>L-Air Malta ħabbret li għall-ewwel darba għalqet is-sena finanzjarja tagħha mingħajr telf permezz tal-istrutturar li qiegħed isir. | | | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 232 | Is-sena 2017 mistennija tkun sena oħra rekord għall-industrija tat-turiżmu u għas-sena d-dieħla n-numru ta' turisti mistenni jkompli jikber, grazzi għar-rotot ġodda li se jiftħu. | Awtorità Maltija għat-Turiżmu | Skont figuri uffiċjali ppubblikati mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, bejn Jannar u Diċembru tal-2017 in-numru ta' turisti li żaru Malta żdied bi 15.7% meta mqabbel mas-sena ta' qabel.<br><br>Matul ix-xahar ta' Jannar kien hemm żieda ta' 19.9% meta mqabbel ma' Jannar tal-2017.<br><br>Matul ix-xahar ta' Frar, l-Air Malta ġarret 26,000 passiġġier iktar (żieda ta' 34.6%) meta mqabbel ma' Frar 2017. | Infetħu rotot ġodda minn/lejn Bilbao u Nice mil-linja tal-ajru Volotea, minn/lejn Lisbona, Casablanca, St Petersburg, Malaga u Bucharest mill-Air Malta, u minn/lejn Talinn, Barċellona, Bratislava, Budapest , Pariġi Beauvais, Porto, Seville, Aberdeen, Gothenburg, Pescara, Belfast u Napli mil-linja tal-ajru Ryan Air.<br><br>L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ħabbar żieda fin-numru ta' turisti li żaru Malta bejn Frar u April 2018, ta' 17.8%, 18.4% u 15.7% rispettivament, meta mqabblin max-xhur tas-sena ta' qabel. | | | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-INTERN
U S-SIGURTÀ NAZZJONALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 144 | Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili se jkompli jsaħħaħ il-flotta tiegħu bix-xiri ta' vetturi tat-tifi tan-nar li jinkludu vetturi għal *high rise buildings* sabiex jilqa' għall-isfidi ġodda fl-industrija tal-kostruzzjoni. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Saru laqgħat mal-kumpanija identifikata għax-xiri ta' *turn table ladder*.<br><br>Bdiet ħidma fuq it-*tender* għax-xiri ta' numru ta' vetturi ġodda. | Komplew il-laqgħat mal-kumpanija biex jiġi ffinalizzat il-kuntratt għax-xiri ta' *turn table ladder*.<br><br>Kompliet il-ħidma fuq it-*tender* bi preparazzjoni għall-pubblikazzjoni. | Ġie ffinalizzat il-kuntratt u ordnat it-*turn table ladder.*<br><br>It-*tender* għax-xiri ta' numru ta' vetturi ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni. | Jiskatta l-perjodu li fih mistenni jasal it-*turn table ladder*.<br><br>Mistenni li jiġi ppubblikat it-*tender* għax-xiri ta' numru ta' vetturi ġodda sabiex tkompli tissaħħaħ il-flotta tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. B'hekk il-ħidma prevista għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 145 | Se jinbeda l-bini tal-istazzjon tat-tifi tan-nar f'Santa Venera. | Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili | Saret ħidma mal-Awtorità għall-Ippjanar dwar il-permessi meħtieġa. Il-permessi ġew approvati. | Ġie ffinalizzat l-ewwel abbozz tat-*tender* għall-iskavar fuq is-sit tal-istazzjon u ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni. | Kompla l-*vetting* tat-*tender* għall-iskavar fuq is-sit tal-istazzjon mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Mistenni li jiġi ppubblikat *tender* għall-iskavar fuq is-sit tal-istazzjon tat-tifi tan-nar f'Santa Venera u jinbeda x-xogħol. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 146 | L-immodernizzar tal-vetturi tal-Pulizija. | Korp tal-Pulizija | Inxtraw għaxar vetturi ġodda għall-Korp tal-Pulizija u waslu Malta. Beda x-xogħol ta' installar ta' apparat u *branding* fuq il-vetturi.<br><br>Bdew id-diskussjonijiet neċessarji mal-Ministeru għall-Finanzi sabiex jiġu mixtrija tliet *panel vans* u trakk għall-Korp tal-Pulizija. | Tlesta x-xoghol fuq l-għaxar vetturi u bdew jintużaw mill-Korp tal-Pulizija fid-distretti.<br><br>Intlaħaq qbil mal-Ministeru għall-Finanzi u ġew ordnati t-tliet *panel vans* u trakk għall-Korp tal-Pulizija. | Waslu t-tliet *panel vans* u t-trakk għall-użu tal-Korp tal-Pulizija. | Mistenni li jkompli jsir investiment fl-immodernizzar tal-vetturi tal-Korp tal-Pulizija. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 147 | Korp tal-Pulizija – Tisħiħ tas-sigurtà tal-pajjiż; l-investiment fit-teknoloġija tal-informatika. | Korp tal-Pulizija | Kuntratt ġdid fuq sistema teknoloġika – Persuni li jfittxu l-ażil**:** Saret ħidma fuq kuntratt ġdid għal sistema elettronika li tiġġenera numru ta' identifikazzjoni uffiċjali għall-immigranti li jkunu qed jistennew stat ta' refuġjat jew ikollhom l-istatus miċħud mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati.<br><br>112 Rugged tablets fil-karozzi tal-RIU: Bdiet analiżi dwar il-funzjonalità ta' dan l-apparat u l-mod kif ser jiġi amalgamat mas-sistema Public Safety Answering Point (PSAP). | Kuntratt ġdid fuq sistema teknoloġika – Persuni li jfittxu l-ażil: Ġie ffirmat il-kuntratt il-ġdid mill-partijiet kollha konċernati.<br><br>112 Rugged tablets fil-karozzi tal-RIU: Tlestiet l-analiżi neċessarja u nxtara mudell partikolari ta' *rugged tablets* li huwa konformi mas-sistema tal-112. | 112 Rugged tablets fil-karozzi tal-RIU: Inxtraw ir-*rugged tablets* u bdiet ħidma sabiex dawn jiġu amalgamti mas-sistema Public Safety Answering Point (PSAP). | 112 Rugged tablets fil-karozzi tal-RIU: Huwa mistenni li r-*rugged tablets* jibdew jintużaw mill-membri tar-Rapid Intervention Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. | Implimentata |
| 148 | Korp tal-Pulizija – Tisħiħ tas-sigurtà tal-pajjiż; il-bini ta' għassa ġdida. | Korp tal-Pulizija | Saret ħidma mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-permessi applikabbli għall-ftuħ ta' għassa ġdida f'Marsaskala.<br><br>Bdiet ħidma fuq it-*tender* għall-kostruzzjoni u l-*finishings* neċessarji għall-bini tal-għassa l-ġdida. | Inħarġu l-permessi meħtieġa sabiex tkun tista' tinbena għassa ġdida.<br><br>Ġie ffinalizzat l-abbozz tat-*tender*. | It-*tender* għall-kostruzzjoni u l-*finishings* għall-bini ta' għassa ġdida ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti biex jibda l-*vetting* neċessarju. | Mistenni li jitlesta l-*vetting* neċessarju u jiġi ppubblikat it-*tender* għall-kostruzzjoni u l-*finishings* neċessarji għall-bini tal-għassa l-ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 149 | Korp tal-Pulizija – Tisħiħ tas-sigurtà tal-pajjiż; it-titjib fl-infrastruttura tas-sezzjonijiet tal-Forensika. | Korp tal-Pulizija | Beda studju biex jiġi identifikat x'hemm bżonn biex il-laboratorju forensiku jiġi konformi ma' standards tal-Laboratorji Forensiċi kif ukoll ħidma għall-identifikazzjoni ta' sit alternattiv għal-Laboratorju Forensiku. | Tkompla l-istudju b'mod aktar avvanzat u ġew identifikati numru ta' siti għal-Laboratorju Forensiku. | Ġiet ippubblikata *Expression of Interest* għall-identifikazzjoni tas-sit alternattiv u ntlaqgħu l-offerti. Is-sejħa għalqet u bdiet l-evalwazzjoni. | Is-sit alternattiv mistenni li jiġi identifikat lejn l-aħħar tas-sena u jintlaħaq ftehim mas-sid biex tkun tista' tibda l-ħidma tal-Laboratorju Forensiku. | Implimentata |
| 150 | Korp tal-Pulizija – Tisħiħ tas-sigurtà tal-pajjiż; it-titjib fl-infrastruttura tas-sezzjonijiet tas-Cyber Crime. | Korp tal-Pulizija | Ġie abbozzat u ppubblikat it-*tender* dwar ir-rinnovar neċessarju fl-infrastruttura tas-sezzjonijiet tas-Cyber Crime fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. | It-*tender* għax-xogħlijiet infrastrutturali ġie evalwat u ntgħażel l-offerent preferut.<br><br>Bdiet il-ħidma biex isiru talbiet dwar l-għamara u l-*finishings* neċessarji fis-sezzjonijiet tas-Cyber Crime. | Beda x-xogħol ta' rinnovar infrastrutturali fis-sezzjonijiet tas-Cyber Crime.<br><br>Ġew iffinalizzati t-talbiet u beda jiġi abbozzat it-*tender* għall-għamara u l-*finishings*.<br><br>It-*tender* għall-għamara u l-*finishings* intbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni. | Mistenni li jitkompla x-xogħol tar-rinnovar infrastrutturali fis-sezzjonijiet tas-Cyber Crime kif ukoll tingħata l-approvazzjoni għall-pubblikazzjoni tat-*tender* għall-għamara u l-*finishings*. B'hekk il-ħidma prevista għall-2018 tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 151 | Korp tal-Pulizija – Tisħiħ tas-sigurtà tal-pajjiż; titkompla l-manutenzjoni tal-għases. | Korp tal-Pulizija | Bdiet ħidma ta' manutenzjoni fl-għassa tal-Qawra u fl-għassa tan-Naxxar. | Kompliet il-ħidma ta' manutenzjoni fiż-żewġ għases.<br><br>Bdiet ħidma wkoll ta' manutenzjoni fl-għassa ta' San Pawl il-Baħar. | Tkompliet il-ħidma ta' manutenzjoni fl-għases tal-Qawra, San Pawl il-Baħar u n-Naxxar. | Mistenni li l-manutenzjoni fl-għases tal-Qawra, San Pawl il-Baħar u n-Naxxar titlesta. B'hekk il-ħidma prevista għall-2018 tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 152 | Il-Forzi Armati ta' Malta se jkomplu jissaħħu permezz ta' xiri ta' armamenti u apparat ieħor għall-iSpecial Operations Unit. | Forzi Armati ta' Malta | Ġie abbozzat u ppubblikat it-*tender* għax-xiri ta' apparat mill-iSpecial Operations Unit.<br><br>Ġew miġbura numru ta' kwotazzjonijiet għax-xiri ta' apparat speċifiku ieħor għall-membri tal-iSpecial Operations Unit.<br><br>Bdiet tiġi evalwata l-possibilità li tinfetaħ *negotiated procedure* sabiex ikun jista' jinxtara apparat anċillari ieħor li huwa meħtieġ mill-iSpecial Operations Unit. | Ġie aġġudikat it-*tender* maħruġ għax-xiri ta' apparat speċjalizzat għall-iSpecial Operations Unit.<br><br>Ġew sottomessi l-ordnijiet għall-apparat speċifiku għall-membri fl-iSpecial Operations Unit.<br><br>Ġew appuntati l-bordijiet għan-*negotiated procedures* filwaqt li ħarġet espressjoni ta' interess għax-xiri ta' apparat speċjalizzat ieħor neċessarju għall-iSpecial Operations Unit. | Sar il-kuntratt mas-*supplier* u skattat l-istennija għall-apparat għall-iSpecial Operations Unit.<br><br>Wara li kienu ġew sottomessi l-ordnijiet, wasal l-apparat speċifiku għall-membri fl-iSpecial Operations Unit.<br><br>In-*negotiated procedures* u l-espressjoni ta' interess ġew iffinalizzati u sktattat l-istennija għall-apparat speċjalizzat. | Mistenni jasal l-apparat mixtri kemm permezz tat-*tenders* kif ukoll tan-*negotiated procedures* u l-espressjoni ta' interess għall-membri fl-iSpecial Operations Unit. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 153 | Il-Forzi Armati ta' Malta se jkomplu jissaħħu permezz ta' tiswijiet fuq il-*patrol boat P62*. | Forzi Armati ta' Malta | Ġie abbozzat tender biex tittella' l-*patrol boat P62* ġol-baċir għall-manutenzjoni neċessarja.<br><br>Saru diskussjonijiet mal-kumpaniji inkarigati mit-tiswijiet neċessarji fuq il-*generator* u l-*port engine* biex jintlaħaq qbil fuq il-pjan ta' ħidma. | It-*tender* ġie revedut u minfloku ntlaħaq ftehim li x-xogħol isir permezz ta' *negotiated procedure*. Ġie appuntat il-bord u ġew ikkuntattjati kumpaniji prospettivi f'dan is-settur biex jiskatta l-proċess ta' negozjar.<br><br>Ix-xogħol fuq il-*generator* u l-*port engine* ġie ffinalizzat u saru wkoll it-testijiet neċessarji biex jiġi vverifikat li l-apparat qed jaħdem b'mod effettiv. | In-*negotiated procedure* ġiet iffinalizzata u bdew ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-*patrol boat P62*. | Mistenni li jiġu ffinalizzati t-tiswijiet fuq il-*patrol boat P62*. | Implimentata |
| 154 | Il-Forzi Armati ta' Malta se jkomplu jissaħħu permezz ta' tkomplija ta' bini ta' lanċa ġdida għall-FAM. | Forzi Armati ta' Malta | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-Pre-Qualification Questionnaire u ġew ippubblikati t-tarznari li għaddew minn din l-ewwel fażi.<br><br>Ġew magħżula t-tarznari u nbeda djalogu kompetittiv dwar ix-xogħol meħtieġ. | Ġew sottomessi l-ewwel proposti mit-tarznari prospettivi u ġie ffinalizzat id-djalogu kompetittiv.<br><br>Kompliet il-ħidma biex tiġi ppubblikata l-Best and Final Offer. | It-tarznari prospettivi ngħataw id-dokument tal-Best and Final Offer u ġew sottomessi l-offerti mill-istess tarznari.<br><br>Bdiet l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet. | Mistenni li titlesta l-evalwazzjoni u jintbagħtu r-rakkomandazzjonijiet lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni u l-iffirmar tal-kuntratt mat-tarznari preferuti. B'hekk il-ħidma prevista għall-2018 tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 155 | Jinbeda x-xogħol sabiex l-istrateġija nazzjonali dwar il-kriminalità tiġi implimentata biex tassigura li l-istrateġija li tqarreb lill-vittma tal-kriminalità u l-aggressur tissaħħaħ mid-dipartiment li qed jippilotaha. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Tfasslu numru ta' programmi sabiex l-istrateġija nazzjonali għall-prevenzjoni tal-kriminalità titwassal f'diversi oqsma, fosthom prevenzjoni fl-iskejjel, Youth Justice u Policing for Crime Prevention. | Ġiet aċċettata l-applikazzjoni għall-finanzjament tal-programm Justice 4 Schools mill-Istitut għall-Edukazzjoni bħala parti mill-iSchool Based Prevention Programme.<br><br>Beda jitħejja pjan ta' taħriġ u kurrikulu biex jitħarrġu numru ta' uffiċjali dwar Community Policing.<br><br>Bdew preparazzjonijiet biex isir proġett li jikkumbatti l-Hate Crime. | Tkomplew il-preparamenti neċessarji biex numru ta' uffiċjali tal-pulizija jingħataw *in-service training* dwar Community Policing.<br><br>Ġie organizzat il-proġett maħsub biex jikkumbatti l-Hate Crime.<br><br>Bdiet evalwazzjoni tas-servizzi offruti fil-komunità, *hotlines* u servizzi bbażati fid-dar lil Crime Families. | Mistenni li jibda l-*in-service training* għal numru ta' uffiċjali tal-pulizija dwar Community Policing kif ukoll jibda l-programm Justice 4 Schools għal grupp ta' kandidati magħżula min-National Students Social Services. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 156 | Jitkompla l–programm ta' rijabilitazzjoni tal-priġunieri b'enfasi fuq taħriġ akkademiku u taħriġ ekstrakurrikulari sabiex il-priġunier joħroġ mill-Faċilità Korrettiva preparat biex jiffaċċja r-realtajiet tas-soċjetà. | Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Bdew diskussjonijiet mal-Awtorità li timmaniġġja l-Fondi Ewropej sabiex jitfassal qafas ta' kif għandhom jiġu maqsumin *working groups* li ser jittrattaw speċjalizzazzjonijiet varji. | Intlaħaq ftehim ma' żewġ entitajiet li huma speċjalizzati fil-qasam tal-edukazzjoni u r-rijabilitazzjoni biex jagħtu s-sehem tagħhom fil-proġett. Ġew iffinalizzati wkoll numru ta' korsijiet akkreditati għar-residenti tal-Faċilità Korrettiva. Saret ħidma fuq aktar korsijiet ġodda.<br><br>Beda x-xogħol biex jiġu ffurmati numru ta' *working groups* li jispeċjalizzaw f'Formal and Informal Education, Non-formal Education u Sport and Vocational Education. Dan sar bħala parti mill-implimentazzjoni tal-proġett ESF – Participation of Employment at CCF: Social Inclusion through Education and Training. | Bdew il-korsijiet għar-residenti b'kollaborazzjoni mal-Intelligent Transport System u Jobsplus.<br><br>Saret ħidma u ġie ffinalizzat manwal għal Thinking Skills Programme.<br><br>Inħarġet sejħa għall-applikazzjonijiet għar-residenti interessati li jattendu korsijiet offruti b'kollaborazzjoni mal-Lifelong Learning Directorate. | Mistenni li jkomplu jingħataw il-korsijiet għar-residenti kif ukoll tkompli l-ħidma tal-*working groups* li jispeċjalizzaw fit-taħriġ. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 157 | Se jitwaqqaf tim multidixxiplinarju sabiex tingħata attenzjoni psikoloġika, soċjali, edukattiva u finanzjarja ħalli l-priġunier joħroġ preparat sew wara li jkun skonta s-sentenza. | Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Ġie stabbilit tim multidixxiplinarju u beda l-ħidma tiegħu għall-benefiċċju tar-residenti fil-Faċilità Korettiva. | | | | Implimentata |
| 158 | Se jsiru laqgħat ma' ażjendi privati bit-tir li priġunier jintegra ruħu fid-dinja tax-xogħol malli joħroġ mill-Faċilità biex b'hekk jakkwista l-indipendenza finanzjarja u jibda jibni ħajtu mill-ġdid. | Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Bdew isiru laqgħat mar-residenti fil-Faċilità Korrettiva biex jiġu identifikati d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom waqt it-tfittxija għall-impjieg wara li jtemmu s-sentenza tagħhom.<br><br>Bdew jiġu identifikati l-ażjendi interessati li joffru impjieg lir-residenti tal-Faċilità Korrettiva li jkunu waslu biex itemmu s-sentenza tagħhom. | Bdew jiġu referuti numru ta' residenti għall-assistenza sabiex isibu impjieg. | Komplew jiġu referuti numru ta' residenti għall-assistenza sabiex isibu impjieg. | | Implimentata |
| 160 | Se jitkompla l-investiment fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin b'installar ta' *scanning machines*. | Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Saru laqgħat ma' esperti f'dan il-qasam sabiex jitħejjew l-ispeċifikazzjonijiet għal aktar *scanning machines* adattati għall-Faċilità.<br><br>Beda jsir *risk assessment* tas-sigurtà meħtieġa fil-Faċilità. | Ġie ffinalizzat ir-*risk assessment*.<br><br>L-ispeċifikazzjonijiet ġew miktuba u għaddew għal kunsiderazzjoni interna. | Inġabru numru ta' kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *scanning machines* u ġew evalwati. | Mistenni li jiġu ordnati l-*iscanning machines* u jiġu installati fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 163 | Faċilità Korrettiva ta' Kordin; titlesta s-sistema ta' sigurtà li tinkorpora fiha għadd konsiderevoli ta' *CCTV cameras*. | Faċilità Korrettiva ta' Kordin | Saru laqgħat ma' esperti f'dan il-qasam sabiex jitħejjew l-ispeċifikazzjonijiet għal aktar *CCTV cameras* adattati għall-Faċilità.<br><br>Beda jsir *risk assessment* tas-sigurtà meħtieġa fl-istess Faċilità. | Ġie ffinalizzat ir-*risk assessment*.<br><br>L-ispeċifikazzjonijiet ġew miktuba u għaddew għal kunsiderazzjoni interna. | Ġew miġbura numru ta' kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *CCTV cameras* u ġew evalwati. | Mistenni li jiġu ordnati s-*CCTV cameras* u jiġu installati fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA,
KULTURA U GVERN LOKALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 117 | Se nwaqqfu entità ġdida li tkun responsabbli mill-istudju, l-immaniġġjar, il-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali ta' taħt l-ibħra tagħna. | Heritage Malta | Saru diskussjonijiet bejn il-Ministeru għat-Turiżmu u l-Ministeru għall-Ġustizzja dwar it-twaqqif ta' entità ġdida. Ġie deċiż li din titwaqqaf taħt il-kappa tal-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. | Tkomplew id-diskussjonijiet u ġie deċiż li l-entità tieħu forma ta' *unit* speċjalizzat. Dan il-*unit* twaqqaf fi ħdan Heritage Malta. | Beda l-proċess ta' reklutaġġ biex il-*unit* il-ġdid ikun jista' jibda jiffunzjona kif ippjanat. | Huwa mistenni li jiġu ingaġġati l-ewwel persuni speċjalizzati fil-*unit* il-ġdid. | Implimentata |
| 122 | It-Taqsima għar-Riċerka, Affarijiet Xjentifiċi u Innovazzjoni fi ħdan l-Awtorità se tkun qed tniedi numru ta' inizjattivi ta' taħriġ, immirati biex itejbu l-kompetenza tal-industrija fix-xjenza regolatorja u sigurtà tal-mediċina. | Awtorità tal-Mediċini | Saret ħidma b'kollaborazzjoni mal-organizzazzjoni għall-professjonisti fil-qasam regolatorju (TOPRA) u ġew żviluppati żewġ korsijiet għall-industrija farmaċewtika u ieħor immirat għall-professjonisti tal-Awtorità. It-taħriġ ingħata. | Saret evalwazzjoni tal-programm ta' taħriġ mogħti u ġew identifikati oqsma oħra li jinħtieġu taħriġ. Dan it-taħriġ ser jiġi kkunsidrat fil-pjan operattiv għall-2019. | | | Implimentata |
| 123 | L-Awtorità, permezz tal-Medicines Intelligence and Access Unit, se tkun qed taħdem bi djalogu mal-industrija biex tnaqqas il-prezzijiet tal-prodotti mediċinali b'risq il-konsumatur. | Awtorità Maltija għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) | Saru diskussjonijiet ma' importaturi ta' prodotti mediċinali li wasslu għal roħs fil-prezz ta' 23 prodott mediċinali matul l-ewwel kwart ta' din is-sena. | Kompliet il-ħidma mal-importaturi tal-mediċina biex jintlaħaq qbil fuq aktar roħs ta' prodotti mediċinali. Il-ħidma fuq l-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 124 | Il-Malta Laboratories Network qed taħdem biex tiżgura livell għoli ta' servizz, biex ma jkunx hemm duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' tagħmir u wkoll biex tikseb l-ogħla kontribuzzjoni mix-xjentisti kollha. In-Network se tniedi programm ta' taħriġ għal-laboratorji kollha biex ikun hemm *better return* għall-investiment f'dan is-settur. | Awtorità tal-Mediċini | Tfassal u tnieda programm ta' taħriġ għall-impjegati li jaħdmu fil-laboratorji. | Il-programm ta' taħriġ ittella' *online* fuq is-sit tal-Awtorità u bdew jintlaqgħu r-reġistrazzjonijiet. | Ingħata t-taħriġ kif ukoll il-*proficiency testing* indirizzat għall-impjegati li jaħdmu fil-laboratorji. | Mistennija ssir evalwazzjoni tal-programm ta' taħriġ u jiġi evalwat il-progress li seħħ fl-oqsma konċernati. | Implimentata |
| 142 | Id-Dipartiment tal-Ġustizzja se jsostni l-impenn li jassisti l-Ġudikatura, l-Amministrazzjoni tal-Qorti u l-Ministeru, billi jipprovdi statistika aġġornata u wkoll analiżi ta' *data*, biex jassigura fehma aktar strateġika tal-livelli tal-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. | Dipartiment tal-Ġustizzja | Saret analiżi tal-ħidma tal-*Court Attorneys* li tkopri l-ewwel tliet xhur tas-sena u ntbagħtet lill-awtoritajiet ikkonċernati. Twettqet ukoll analiżi li tkejjel l-effiċjenza tal-Qrati Ċivili u Kriminali għas-sena 2017 flimkien mal-ħidma ta' kull Ġudikant. Dawn ir-rapporti huma ta' natura kunfidenzjali u għaldaqstant intbagħtu biss lill-Prim Imħallef. | Tkompliet l-analiżi tal-*Court Attorneys* flimkien ma' eżerċizzju ieħor li jkompli jkejjel l-effiċjenza tal-Qrati Ċivili u Kriminali. | Kompliet l-analiżi fuq bażi kontinwa sabiex inkomplu ntejbu l-effiċjenza fil-Qrati tagħna. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 143 | Se titwaqqaf kumpanija tal-Gvern li tkun qed tinkorpora l-gwardjani lokali kollha. L-aspett edukattiv se jkun parti importanti minn din il-bidla, flimkien ma' aktar infurzar ġust. | Local Enforcement System Agency (LESA) | Ġiet identifikata l-proprjetà minn fejn se tkun qed topera l-kumpanija l-ġdida. Saru taħditiet bejn l-Awtoritajiet konċernati għat-trasferiment tal-uffiċjali minn mal-kumpanija privata għal mal-aġenzija LESA.<br><br>Bħala parti mill-ħidma għal aktar infurzar ġust, ġie allokat sett ta' *breathalysers* f'kull reġjun filwaqt li ngħata taħriġ lill-gwardjani lokali fuq dan is-suġġett.<br><br>Il-liġi ġiet diskussa fil-Parlament, inkluż il-bidla fl-isem tal-Gwardjan Lokali għal dak ta' Uffiċjal tal-Komunità.<br><br>Saru wkoll diversi laqgħat edukattivi kemm fi skejjel kif ukoll f'kunsilli lokali differenti u intervisti dwar infurzar u sigurtà fit-toroq. | Ġie konkluż il-kuntratt tal-binja mnejn il-LESA ser tkun qed topera. Sar ukoll it-trasferiment tal-Uffiċjali tal-Komunità mal-LESA.<br><br>Il-liġi dwar it-tibdil fl-isem tal-Gwardjan Lokali għaddiet mill-proċess Parlamentari.<br><br>Kompliet il-kampanja edukattiva biex tiżdied is-sigurtà fit-toroq permezz ta' laqgħat fl-iskejjel u l-kunsilli lokali. | Bdiet ħidma fuq il-binja l-ġdida biex ikunu jistgħu jibdew joperaw l-uffiċini l-ġodda.<br><br>Bdew diskussjonijiet sabiex it-taħriġ lill-Uffiċjali tal-Komunità jkun jista' jingħata fl-akkademja għal korpi dixxiplinarji.<br><br>Tkompliet il-kampanja edukattiva flimkien mal-infurzar stradali u ambjentali. | Mistenni li jitlesta x-xogħol fuq is-sit il-ġdid u tkompli l-kampanja edukattiva permezz ta' laqgħat fi skejjel u kunsilli lokali. Huwa mistenni wkoll li ssir analiżi ta' kif l-aġenzija tkun tista' tifrex l-operat tagħha. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 74 | Il-Gvern ħabbar li se jinvesti fi proġett infrastrutturali kbir li se jiswa aktar minn €150 miljun biex mill-iskart niksbu l-enerġija. Sadattant, il-Gvern ħatar kumitat megħjun minn tekniċi internazzjonali biex jagħtu l-pariri tagħhom dwar l-aħjar teknoloġija li għandha tidħol. | Wasteserv Malta | Beda studju dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-iskart f'Malta, il-previżjoni tal-iskart fil-futur, kif ukoll l-analiżi fiżiċi u kimiċi tal-materjal li ser ikun qed jintefa' fl-inċineratur il-ġdid magħruf bħala Waste-to-Energy. Tħejjew ukoll il-preparamenti għal studju dwar kif tkun affettwata l-kwalità tal-arja. | Bdiet analiżi dwar it-tipi differenti ta' *Public Private Partnerships* li jistgħu jiġu adottati għal dan il-proġett. Bdiet ħidma fuq it-tfassil ta' pjan ta' azzjoni kif ukoll il-konsulenza relatata mad-disinn tal-faċilità. Tkomplew l-istudji dwar is-sitwazzjoni preżenti u futura tal-iskart f'pajjiżna. | Komplew il-preparamenti biex isir studju fuq l-effett li impjant jista' jkollu fuq il-kwalità tal-arja, kif ukoll l-analiżi fiżika u kimika tal-materjal li ser jintefa' fl-inċineratur. Ġie finalizzat il-pjan t'azzjoni għall-implimentazzjoni ta' dan il-proġett permezz ta' *Public Private Partnership*. Sar ukoll xogħol fuq l-istudju dwar il-veġetazzjoni fiż-żona magħrufa bħala Ta' Ħammud fil-Magħtab. | Huwa mistenni li ssir l-evalwazzjoni ta' proposti u offerti minn kumpaniji għall-konsulenza teknika relatata mad-disinn tal-faċilità, filwaqt li jkunu maqbula t-termini biex tiġi ingaġġata konsulenza teknika oħra għat-tħejjija tal-Environmental Impact Assessment (EIA). Dan filwaqt li tiġi konkluża l-analiżi fiżika u kimika tal-materjal li ser jintefa' fl-inċineratur. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 75 | Nedejna proġett pilota ma' terz tal-lokalitajiet kollha Maltin biex l-iskart organiku jinġabar fil-borża l-bajda. Mis-sena li ġejja, dan l-eżerċizzju se jinfirex mal-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex. | Wasteserv Malta | Kompla l-monitoraġġ tal-ġbir tal-iskart fi tlieta u għoxrin lokalità parteċipanti fil-proġett, liema proġett beda fl-2015.<br><br>Bdiet titħejja sejħa għall-offerti għall-kontenituri tal-kċina, boroż bojod għall-iskart organiku u d-distribuzzjoni tagħhom, kif ukoll rigward *wheelie bins* u riklamar. | Saret analiżi fuq l-iskart mitfugħ fil-borża s-sewda fil-45 lokalità l-ġdida li ser jidħlu f'dan il-proġett.<br><br>Ġiet ippubblikata l-Littering Act u tħejjew il-preparamenti sabiex isiru laqgħat ma' 45 kunsill lokali.<br><br>Is-sejħa għall-offerti għall-kontenituri tal-kċina, boroż u d-distribuzzjoni tagħhom ġiet ippubblikata. | Saret ħidma ta' promozzjoni u bdew jidhru messaġġi relatati mat-tħaddim ta' dan il-proġett fuq it-TV, radju, gazzetti u mezzi oħra tal-midja.<br><br>Tlesta l-proċess relatat mas-sejħa għall-offerti u bdew jitqassmu kontenituri, boroż u materjal informattiv ieħor għall-ġbir ta' skart organiku fid-djar fl-ibliet u l-irħula. | Huwa mistenni li jibda l-ġbir ta' skart organiku mill-45 lokalità f'Malta kif previst għall-2018. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 76 | Il-Gvern se jibda wkoll diskussjonijiet mas-settur privat biex jopera skema ta' sistema ta' depożitu fuq kontenituri tax-xorb, kemm ħġieġ kif ukoll plastik, li meta wieħed jiddepożitahom jew jirritornahom, il-konsumatur se jkun qed jirċievi *refund*. | Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Saru konsultazzjonijiet ma' numru ta' *stakeholders*. Ġie propost mudell operattiv għal din l-iskema u tressaq għall-kunsiderazzjoni. Ġie ffinalizzat Impact Assessment Framework u ġiet preparata l-verżjoni finali proposta għal-liġi li tkopri din l-iskema. Kompliet il-ħidma fuq l-Att li jittratta l-Ekonomija Ċirkulari, liema Att ser iservi bħala l-qafas legali li taħtu ser titħaddem din l-iskema. | Il-liġi ġiet approvata u tressqet għall-konsultazzjoni pubblika. Ġie ppreparat fuljett għall-imsieħba kkonċernati biex jispjega kif din l-iskema ta' rifużjoni ser titħaddem, inkluż id-dettalji tal-operat tagħha u l-impatt fuq l-industrija tax-xorb. Il-konsultazzjoni ngħalqet u bdew jiġu evalwati l-kummenti milqugħa sabiex jiġi rivedut l-abbozz tal-liġi għall-approvazzjoni finali. | Tkompliet l-evalwazzjoni tal-kummenti milqugħa waqt il-proċess ta' konsultazzjoni u ġew identifikati r-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni ta' din l-iskema. | Mistennija ssir analiżi dettaljata tal-mudelli operattivi proposti minn *stakeholders* ewlenin waqt il-konsultazzjoni pubblika, u possibbilment jitfasslu reviżjonijiet neċessarji skont direzzjoni li tingħata. Dan iwassal sabiex jintgħażel l-aħjar mudell operattiv ta' kif is-sistema ta' depożitu fuq il-kontenituri tax-xorb ser titħaddem. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 77 | Din is-sena qegħdin isiru preparamenti biex titwaqqaf Ambjent Malta bl-iskop li tindokra u tieħu ħsieb il-wirt naturali tagħna. | Direttorat tal-PARKS | Ġiet abbozzata l-*policy proposal* biex jitwaqqaf Bord ta' Governanza għat-tmexxija ta' Ambjent Malta. | Ġie appuntat id-Direttur Ġenerali ta' Ambjent Malta flimkien mal-Bord ta' Governanza. Komplew il-preparamenti meħtieġa sabiex Ambjent Malta tiskatta l-operat tagħha. | Ambjent Malta ġiet varata uffiċjalment u bdiet l-operat tagħha. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 78 | Se nkunu qegħdin niffukaw fuq l-implimentazzjoni tal-immaniġġjar ta' siti Natura 2000 filwaqt li se nkunu qegħdin nagħmlu l-kampanja tagħna aktar aċċessibbli għaċ-ċittadin. Permezz ta' hekk se nkunu wkoll qegħdin nippromovu infrastruttura ħadra għaż-żoni urbani tagħna. | Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi | Ġew identifikati żoni fuq Kemmuna biex jitħawlu siġar u arbuxelli indiġeni. Tneħħew siġar ta' speċi aljeni kif ukoll skart u materjal ta' kostruzzjoni mormi u sar it-tindif meħtieġ. | Ġiet identifikata żona oħra f'Marsaskala fejn sar xogħol simili ta' tindif, tneħħija ta' skart u materjal ta' kostruzzjoni mormi. Ġie identifikat il-kuntrattur wara l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti biex jikkontrolla l-*pests* f'dan is-sit. | Ġew identifikati żoni oħra f'Daħlet ix-Xmajjel u r-Ramla tat-Torri fejn kompla jsir xogħol simili bħalma sar fis-siti preċedenti.<br><br>Sar it-tindif meħtieġ f'Daħlet ix-Xmajjel bil-għan li din iż-żona ssir aċċessibbli għall-pubbliku.<br><br>Fir-Ramla tat-Torri ġie installat il-*cordoning* neċessarju mal-għaram tar-ramel.<br><br>Tneħħew ukoll speċi aljeni miż-żewġ siti u bdew jitwaħħlu sinjali u tabelli b'informazzjoni għall-pubbliku. | Mistennija tkompli l-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Tmexxija maħsub għas-siti Natura 2000, fosthom fiż-żoni Qasam Barrani u ż-żona magħrufa bħala Ta' Għajn Żnuber fil-Park tal-Majjistral. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 79 | Se nkunu wkoll qegħdin inżidu l-infurzar u ndaħħlu multi ogħla biex tiddaħħal iktar dixxiplina fost il-poplu Malti u naraw li jkollna pajjiż iktar nadif. | Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi | Saret ħidma mill-Awtorità fit-tisħiħ tar-riżorsi umani u fiżiċi fi ħdanha biex tkun tista' żżid l-infurzar ambjentali. Inħarġu sejħiet għall-ingaġġ ta' Direttur għall-Infurzar u għal Compliance Officers filwaqt li tħejjiet sejħa għall-offerti għax-xiri tat-tagħmir meħtieġ.<br><br>Saret ħidma fuq l-infurzar ambjentali u ġie ppubblikat Avviż Legali fil-Gazzetta tal-Gvern li jirregola d-*Daily Penalties* il-ġodda. | Ġie appuntat id-Direttur għall-Infurzar fi ħdan l-Awtorità. Ġie appuntat ukoll l-ewwel Compliance Officer u nħarġet sejħa oħra għall-ingaġġ ta' tliet Compliance Officers oħra.<br><br>Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' tagħmir ġdid.<br><br>Bdew jiġu applikati l-multi ambjentali l-ġodda abbażi tal-Avviż Legali ppubblikat. | Kompla l-proċess ta' reklutaġġ u kompliet il-ħidma sabiex jissaħħaħ l-infurzar permezz ta' xiri ta' *drones*, aktar vetturi għall-ispezzjonijiet kif ukoll taħriġ tal-uffiċjali fl-aspett ta' infurzar ambjentali. | Mistenni li jitlesta l-proċess ta' reklutaġġ u jkompli jingħata t-taħriġ lill-uffiċjali tal-infurzar b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 80 | Sabiex inkomplu nsebbħu l-ambjent, missena d-dieħla l-Gvern se jkun qed jiżra' siġra f'isem kull tifel u tifla li jitwieldu f'pajjiżna. Dan ifisser li kull sena se jkunu qegħdin jitħawlu madwar 4,000 xitla ta' siġar. | Direttorat tal-PARKS | Sar arranġament ma' Identity Malta u l-MITA sabiex tkun tista' tiġi pprovduta l-istatistika dwar it-twelid ta' tfal f'pajjiżna lid-Direttorat tal-PARKS.<br><br>Ġew identifikati s-siti adattati għat-taħwil ta' dawn is-siġar u saret valutazzjoni tal-artijiet disponibbli. Ġew iffinalizzati u nxtraw is-siġar u materjal għall-irrigazzjoni għal dan il-għan, u beda t-taħwil. | Tkompla x-xogħol ta' taħwil u beda x-xogħol fuq is-sistema ta' irrigazzjoni. Dan wassal sabiex jiġu mħawla madwar 3,100 siġra u arbuxell f'sit f'Kemmuna.<br><br>Kompla x-xiri ta' siġar u materjal ieħor neċessarju għall-fażi ta' taħwil li jmiss fil-ħarifa. | Ġew identifikati aktar siti adattati għat-taħwil ta' siġar u ġiet ippreparata l-art għal dan it-taħwil bi preparazzjoni biex dan isir fil-ħarifa. | Mistenni li jsir it-taħwil ta' madwar 1,000 siġra u arbuxell oħra. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

# MINISTERU GĦAT-TRASPORT, INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | Fis-sena li ġejja l-Gvern se jagħti pagament *ex-gratia* għal min kien irreġistra l-vettura ġdida tiegħu fl-2007, liema miżura tiswa 4.9 miljun ewro. | Transport Malta | Tħejjew il-preparamenti għall-implimentazzjoni ta' din l-iskema. | L-iskema ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern. Saret komunikazzjoni ma' dawk kollha eliġibbli taħt din l-iskema u ntbagħtulhom il-pagamenti. | | | Implimentata |
| 48 | L–iskema ta' rifużjoni fuq xogħlijiet fuq proprjetà fil–UCA (Urban Conservation Area) jew fuq bini ieħor skedat band'oħra fl–Ewwel u fit–Tieni Grad, se jkunu qegħdin jingħataw għajnuna ħalli jitnaqsu l–ispejjeż. | Awtorità tal-Ippjanar | Infetħet l-iskema għall-pubbliku, intlaqgħu l-applikazzjonijiet u ġew ipproċessati. | Il-fondi allokati għal din l-iskema ġew utilizzati kollha. | | | Implimentata |
| 52 | Se tkun qed tinfetaħ skema ta' fidi ta' ċnus li jkunu waslu biex jiskadu. | Awtorità tal-Artijiet | Bdiet ħidma fuq it-tfassil tal-iskema kif ukoll tal-Avviż Legali biex jitressqu għall-approvazzjoni meħtieġa. | Tlesta l-Avviż Legali u ntbagħat għall-approvazzjoni. | Komplew id-diskussjonijiet interni dwar kif jista' jissaħħaħ l-Avviż Legali. | Huwa mistenni li l-Avviż Legali jitressaq għall-approvazzjoni interna u titnieda l-iskema l-ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 53 | Fl-2018 se nkunu qegħdin inwaqqfu aġenzija ġdida mmirata biex tieħu ħsieb l-infrastruttura tat-toroq u l-manutenzjoni tagħhom flimkien mal-metodu tal-kuntratti. Dan waqt li tkun iffukata fuq l-oġġettiv li titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku. Din l-aġenzija se taħdem id f'id ma' Transport Malta sabiex tippjana, tmexxi u timplimenta l-iżvilupp u t-titjib tar-*road network* f'pajjiżna. | Aġenzija tat-Toroq u tal-Infrastruttura | Saret ħidma fuq abbozz ta' liġi ġdid biex jitressaq għall-approvazzjoni meħtieġa. | Saru laqgħat ta' konsultazzjoni u informazzjoni dwar it-twaqqif tal-Aġenzija mal-ħaddiema ta' Transport Malta qabel jingħataw l-opportunità li jiffurmaw parti mill-aġenzija l-ġdida. | Il-liġi biex titwaqqaf Infrastructure Malta ġiet approvata mill-Parlament. L-Aġenzija bdiet topera. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 54 | Qiegħed jitħejja pjan sabiex numru sostanzjali ta' toroq minn madwar 160 triq residenzjali jiġu wkoll indirizzati matul is-sena d-dieħla. | Aġenzija tat-Toroq u tal-Infrastruttura | Bdiet ħidma minn Transport Malta fuq l-ewwel żewġ sejħiet għall-offerti għax-xogħol rikjest. | Kompliet il-ħidma minn Transport Malta fuq it-tielet sejħa għall-offerti għal bini ta' toroq.<br><br>Beda studju dwar il-possibilità tal-ħruġ tar-raba' sejħa għall-offerti li tikkonċerna l-bini ta' aktar toroq. | Ġiet imwaqqfa l-Aġenzija tat-Toroq u tal-Infrastruttura. Kompliet il-ħidma fuq il-bini ta' toroq u tlestew disa' toroq arterjali, ħames toroq rurali, tlieta u għoxrin triq residenzjali, waħda industrijali u erba' toroq distributorji. | Mistenni li jkompli x-xogħol fuq il-bini tat-toroq. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 55 | Fuq pjan ta' xogħlijiet mifrux fuq sentejn se tkun qed tiġi modernizzata l-mina ta' Santa Venera billi jsir *upgrade* maġġuri bi dwal aħjar u sistemi li jgħinu fis-sigurtà. | Aġenzija tat-Toroq u tal-Infrastruttura | Saru l-preparamenti neċessarji biex jibda x-xogħol fuq dawl u sistemi ta' sigurtà fil-mina ta' Santa Venera. Tħejjew il-pjanti u l-ispeċifikazzjonijiet. | Kompla x-xogħol fuq il-pjanti l-ġodda u l-ispeċifikazzjonijiet. | Saru konsultazzjonijiet interni ma' Transport Malta dwar il-loġistika tal-immaniġġjar tat-traffiku u ż-żmien tas-sena meta l-aħjar isiru x-xogħlijiet. Ġie mniedi proċess ta' konsultazzjoni dwar ix-xogħlijiet meħtieġa mal-entitajiet konċernati u dawk li għandhom xi servizzi mgħoddija minn din il-mina. | Mistenni li tiġi konkluża l-konsultazzjoni interna u jiġu finalizzati u ppubblikati s-sejħiet għall-offerti maħruġa għax-xogħol meħtieġ, li jinkludi tindif tal-ħitan tal-mina, manutenzjoni tal-istruttura, sistemi għall-ilma tax-xita, sistemi ta' saħħa u sigurtà u ta' emerġenza u tagħmir ta' dawl, fost oħrajn. B'hekk, il-ħidma prevista għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 56 | Fuq pjan ta' xogħlijiet mifrux fuq sentejn se tkun qed tiġi modernizzata l-mina ta' Ħal Kirkop, billi jsir *upgrade* maġġuri bi dwal aħjar u sistemi li jgħinu fis-sigurtà. | Aġenzija tat-Toroq u tal-Infrastruttura | Saru l-preparamenti neċessarji biex jibda x-xogħol fuq dawl u sistemi ta' sigurtà fil-mina ta' Ħal Kirkop. Tħejjew il-pjanti u l-ispeċifikazzjonijiet. | Ingħata wiċċ ġdid ta' asfalt u ġew esplorati metodi ta' tindif ta' nugrufun mill-ħitan tal-mina mid-Diviżjoni tat-Tindif u Manutenzjoni. | Ġie deċiż li x-xogħol fuq din il-mina jitkompla s-sena d-dieħla. | | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 57 | Fuq pjan ta' xogħlijiet mifrux fuq sentejn se tkun qed tiġi modernizzata l-mina ta' Regional Road billi jsir *upgrade* maġġuri bi dwal aħjar u sistemi li jgħinu fis-sigurtà. | Aġenzija tat-Toroq u tal-Infrastruttura | Saru l-preparamenti neċessarji biex jibda x-xogħol fuq dawl u sistemi ta' sigurtà fil-mina ta' Regional Road. Tħejjew il-pjanti u l-ispeċifikazzjonijiet. | Kompla x-xogħol fuq il-pjanti l-ġodda u l-ispeċifikazzjonijiet. | Saru konsultazzjonijiet interni ma' Transport Malta dwar il-loġistika tal-immaniġġjar tat-traffiku u ż-żmien tas-sena li l-aħjar isiru x-xogħlijiet. Bdiet konsultazzjoni dwar ix-xogħlijiet meħtieġa mal-entitajiet inkluż dawk li għandhom xi servizzi mgħoddija minn din il-mina. | Mistenni li tiġi konkluża l-konsultazzjoni interna u jiġu finalizzati u ppubblikati s-sejħiet għall-offerti maħruġa għax-xogħol meħtieġ, li jinkludi tindif tal-ħitan tal-mina, manutenzjoni tal-istruttura, sistemi għall-ilma tax-xita, sistemi ta' saħħa u sigurtà u ta' emerġenza u tagħmir ta' dawl, fost oħrajn. B'hekk, il-ħidma prevista għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 59 | Se nagħmluha aktar faċli biex minn mezz ta' trasport pubbliku taqleb għal wieħed ieħor. Il-postijiet minn fejn jiġi offrut is-servizz tal-*ferry* bejn il-portijiet se jiġu mkabbra u mtejba. | Transport Malta | Tħejjew l-istudji konċettwali filwaqt li tressqu l-applikazzjonijiet għall-permessi għand l-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Tlestew id-dokumenti għas-sejħiet għall-offerti għal diversi servizzi, fosthom Project Management u Superviżjoni kif ukoll servizz ta' Perit/Inġinier.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal servizz ta' konsulenza u preparazzjoni ta' disinji finali tas-*superstructure* għal *landing places* ta' Bormla, Marsamxett u Tas-Sliema.<br><br>Ġew kompluti l-Project Description Statements għas-siti ta' Bormla, Tas-Sliema u Marsamxett. | Tlestew ix-xogħlijiet infrastrutturali fil-moll ta' Marsamxett. Inħadem ix-xogħol tal-ħadid li se jservi biex jissalvagwardja s-sigurtà tal-pubbliku. Tlestew l-istudji tekniċi tal-kunċett.<br><br>Sar xogħol ta' disinn dettaljat fuq l-infrastruttura għas-siti eżistenti f'Bormla, Tas-Sliema u Marsamxett.<br><br>Ġie ffirmat il-kuntratt għas-sejħa tal-offerti relatata mad-disinn tas-*superstructure* għas-siti eżistenti f'Bormla, Tas-Sliema u Marsamxett.<br><br>Kompla x-xogħol fuq it-*tender* għas-servizzi ta' Project Management, Inġinerija u Superviżjoni tax-Xogħlijiet għall-proġetti relatati mal-Ferry Landing Sites. | Tlestiet il-ħdima fuq xogħlijiet relatati mal-aċċessorji neċessarji li jinkludu twaħħil ta' strutturi tal-*fenders*, passarelli mekkanizzati u *railings* biex jerġa' jibda jopera s-servizz mill-moll ta' Marsamxett.<br><br>Ingħalqu s-sejħiet għall-offerti maħruġa għax-xogħlijiet infrastrutturali f'Bormla u f'Tas-Sliema kif ukoll servizz għall-Project Management, Superviżjoni u Inġinerija u bdiet l-evalwazzjoni. Tfasslu erba' *tenders* oħra għal studji ambjentali.<br><br>Ġiet ippreparata talba għall-approvazzjoni interna li tittratta pjan għat-tkabbir u riorganizzazzjoni tal-mollijiet f'Marsamxett li jinkludi tkabbir fl-ispazju allokat għall-*ferry landing place*, | Mistenni li jiġu ffirmati l-kuntratti għal xogħlijiet infrastrutturali f'Bormla u f'Tas-Sliema kif ukoll kuntratti marbuta ma' servizzi ta' Project Management, Superviżjoni u Inġinerija.<br><br>Mistenni wkoll li tinħareġ is-sejħa għall-offerti relatata ma' studji ambjentali u jibdew l-istudji, jitlesta d-disinn arkitettoniku u strutturali tas-*superstructures* u jsiru l-preparamenti għas-sejħiet għall-offerti għal dawn ix-xogħlijiet. Isiru wkoll studji marittimi biex jiġi konfermat id-disinn tal-*breakwater* f'Marsamxett.<br><br>Mistennija wkoll tkompli l-ħidma fuq id-dokumenti meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>B'hekk, il-ħidma prevista għall-2018 tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | bini ta' *breakwater*, skal ġdid u żona modifikata u aħjar għall-użu mid-dilettanti tal-baħar tal-lokalita' u s-sajjieda.<br><br>Kompliet ħidma fuq id-dokumenti meħtieġa mill-Awtorità għall-Ippjanar għall-validazzjoni tal-permessi tas-siti ta' Bormla u Tas-Sliema. | | |
| 60 | Ninsabu impenjati wkoll li ntejbu l-aċċessibilità tal-*bus stops*. Maħsub li jsir investiment f'*bus shelters* ġodda biex dawn ikunu mtejba għaż-żmien tal-lum. | Transport Malta | Tressqu d-disinji tal-*bus shelters* il-ġodda u ġew approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar. Saru *surveys* f'diversi lokalitajiet biex jiġu ppreparati u sottomessi Development Notification Orders u jkunu jistgħu jitwaħħlu l-*bus shelters*. | Kompla l-proċess ta' applikazzjoni għall-permessi mal-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur li se jkun qiegħed jissupplixxi u jinstalla l-*bus shelters* il-ġodda.<br><br>Ġie installat ukoll *prototype* tal-*bus shelters* il-ġodda fuq in-network tat-trasport pubbliku għall-approvazzjoni tal-Awtorità. | Inkisbu total ta' 50 permess ġdid mill-Awtorità biex jitwaħħlu *bus shelters* ġodda f'diversi lokalitajiet.<br><br>Tlesta l-proċess ta' aġġudikar tat-*tender* dwar il-*canopy* għall-Foss ta' San Ġakbu. | Mistenni li jibda x-xogħol ta' twaħħil fuq 30 *bus shelter* ġdid. Mistenni wkoll li tinħareġ l-Order to Start Works fir-rigward tal-*canopy* tal-Foss ta' San Ġakbu u jibda x-xogħol.<br><br>B'hekk, il-ħidma prevista għall-2018 tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Din is-sena nedejna l-iskema fejn kull tfajla u ġuvni li jagħlqu it-18-il sena bdew jingħataw sena Tal-Linja Card b'xejn. Għas-sena d-dieħla, dawk iż-żgħażagħ li s-sena d-dieħla jkollhom l-età ta' bejn 16-il sena u 20 sena se jingħataw l-istess opportunità li jużaw bla ħlas it-trasport pubbliku. | Transport Malta | Dawk iż-żgħżagħ li għandhom bejn 16 u 20 sena u applikaw għal Tal-Linja Card din is-sena ngħatatilhom b'xejn. Sadanittant tnediet il-BUS 20 Campaign li permezz tagħha qed titħaddem din l-iskema. | | | | Implimentata |
| 63 | Se naraw kif insaħħu l-miżura ta' *car pooling* li fil-preżent toffri preferenza fl-użu tal-*bus lanes*. | Transport Malta | Wara diskussjonijiet interni ġie deċiż li din il-miżura tiġi estiża fuq *car sharing* aktar milli *car pooling.*<br><br>Inħarġet sejħa għall-offerti għal servizz ta' *car sharing* u ġie ffirmat kuntratt mal-kumpanija Iżraeljana Car2Go. Dan is-servizz jinkludi l-użu ta' 150 vettura elettrika u 225 *charging pillar*. Is-servizz huwa aċċessibbli minn *mobile app* li permezz tagħha l-klijenti jkunu jistgħu jibbukkjaw vettura. | Ġew identifikati l-postijiet minn fejn se jkun qiegħed jopera dan is-servizz u bdew diskussjonijiet mal-Enemalta u mar-Regolatur għall-Enerġija u s-Servizzi tal-Ilma (REWS) dwar l-infrastruttura meħtieġa għall-flotta ta' vetturi elettriċi.<br><br>Saru konsultazzjonijiet mal-operatur u mal-kunsilli lokali li wrew interess. Saret ukoll l-ordni tax-xiri tal-vetturi u ċ-*charging pillars.* | Waslet l-ewwel kunsinja ta' vetturi elettriċi. Beda wkoll ix-xogħol relatat mat-twaħħil taċ-*charging pillars*. | Mistenni li jitkompla x-xogħol relatat mat-twaħħil taċ-*charging pillars* u jibda jopera s-servizz. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 67 | Se jiġi introdott kunċett ġdid għall-użu ta' rotta bbażat fuq il-kunċett Share the Road. Ġew identifikati żewġ kurituri urbani, wieħed mill-Belt Valletta sa San Ġiljan u ieħor mill-Mosta sal-Università ta' Malta, f'Tal- Qroqq, bl-użu ta' toroq urbani li se jiġu mtejba biex jiffaċilitaw is-sigurtà fl-użu tar-rota u l-mixi. Għal dan il-għan se jitwaħħlu CCTVs u se titnaqqas il-veloċità massima f'dawn it-toroq kif ukoll jiġu introdotti messaġġi elettroniċi li jagħtu prijorità liċ-ċiklist. | Transport Malta | Saret ħidma fuq is-sejħiet għall-offerti li jinkludu servizzi ta' konsulenza fuq rotot, id-disinn tagħhom u x-xiri ta' CCTVs.<br><br>Dan il-proġett huwa kofinanzjat mill-Fond ERDF bħala parti minn proġett SMITHS. | Is-sejħa għall-offerti dwar il-*mapping* u d-disinn tal-kumplament tar-rotot nazzjonali għaddiet mill-proċess ta' evalwazzjoni. Intlaqa' appell u għadda għand il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi (PCRB) għal deċiżjoni.<br><br>Ġew ippubblikati żewġ sejħiet għall-offerti biex jinħatru żewġ konsulenti għar-rotot pilota.<br><br>Is-sejħa għall-offerti għal xiri ta' CCTVs għalqet u beda l-proċess ta' evalwazzjoni. Ġie deċiż li din is-sejħa tingħalaq u terġa' tinħareġ bi speċifikazzjonijiet aġġornati. | L-appell kompla jiġi diskuss mill-PCRB.<br><br>Kompliet il-ħidma fuq is-sejħa għall-offerti relatata mal-ingaġġ ta' żewġ konsulenti kif ukoll ħidma fuq is-sejħa għall-offerti għal xiri ta' CCTVs.<br><br>Kompliet ukoll il-ħidma fuq l-abbozz għas-sejħa ta' offerti għax-xiri u installar ta' apparat ieħor li se jkun installat f'dawn it-toroq. | Mistennija deċiżjoni mill-PCRB u jibda l-*mapping* u d-disinn tal-kumplament tar-rotot nazzjonali.<br><br>Mistenni li jinbeda x-xogħol tal-konsulenti fuq ir-rotot pilota.<br><br>Mistenni li s-sejħa għall-offerti għax-xiri u installar ta' CCTV tiġi ppubblikata u jibda l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti.<br><br>Mistenni wkoll li s-sejħa għall-offerti għax-xiri u installar ta' apparat ieħor tiġi ppubblikata u jibda l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti.<br><br>B'hekk, il-ħidma prevista għall-2018 tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | Ġie ffinalizzat l-abbozz għal sejħa ta' offerti għal xiri u installar ta' apparat ieħor li se jkun installat f'dawn it-toroq. Dan l-apparat jinkludi *traffic lights* apposta li jagħtu prijorità liċ-ċiklisti, *totems* (sinjali ta' informazzjoni diġitali li jaħdmu bid-dawl), kif ukoll *boards* elettroniċi li jindikaw il-massimu ta' veloċità tal-vetturi. | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 69 | Dan il-Gvern se jkompli jieħu miżuri biex jinċentiva lil min irid jinvesti f'karozzi elettriċi u karozzi ibridi (*plug-in*) u dan kemm għal individwi, NGOs, kunsilli lokali kif ukoll kumpaniji kummerċjali. Biex ikompli jippromovi din it-teknoloġija, għas-sena d-dieħla, il-Gvern se jikkonsolida l-inċentivi bħala għotjiet finanzjarji kif ukoll għall-ewwel darba se jeżenta minn kull taxxa tar-reġistrazzjoni karozzi li jaħdmu bl-elettriku, vetturi elettriċi ibridi u derivattivi simili b'awtonomija fuq il-batterija ta' mhux inqas minn 80 km. | Transport Malta | Ġiet ippubblikata Grant Scheme għal xiri ta' karozzi li jaħdmu bl-elettriku kemm ġodda kif ukoll *second hand*. | Bdew diskussjonijiet mal-iState Aid Monitoring Board dwar il-konsolidament ta' inċentivi bħala għotjiet finanzjarji. | L-iskema ġiet approvata u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.<br><br>Wara li l-baġit inizjali allokat għal din il-miżura ġie eżawrit, TM ressqet talba għal aktar fondi, liema talba ġiet approvata b'allokazzjoni addizzjonali ta' €500,000. | Mistenni jkompli t-tħaddim ta' din l-iskema. | Implimentata |
| 70 | Mis-sena d-dieħla mhux se tinġabar il-liċenzja tat-triq għal dawn il-vetturi għal ħames snin minn meta l-vettura tkun ġiet reġistrata għat-triq. Kumpaniji kummerċjali jistgħu jibbenefikaw sa massimu ta' €200,000 jekk jikkwalifikaw skont ir-Regolamenti ta' Għajnuniet mill-Istat. | Transport Malta | Saru l-emendi meħtieġa fil-liġi permezz tal-Att dwar il-Baġit. B'hekk, tneħħa l-ħlas dovut minn fuq il-vetturi li jaħdmu bl-elettriku. Sar tibdil ukoll fis-sistema kompjuterizzata ta' Transport Malta u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 71 | Mis-sena d-dieħla, il-Gvern se jkun qed jerġa' joħroġ inċentivi għal xiri u twaħħil ta' apparat li permezz tiegħu jiġu ċċarġjati vetturi elettriċi. | Transport Malta | Saru taħditiet interni sabiex jiġi stabbilit pjan ta' azzjoni għat-twettiq ta' din il-miżura. | Komplew it-taħditiet f'dan ir-rigward flimkien ma' kunsiderazzjonijiet oħra dwar il-finanzjament ta' dan il-miżura. | Tnediet *grant* indirizzata lill-importaturi tal-karozzi elettriċi ġodda biex itejbu l-infrastruttura relatata ma' ċċarġjar ta' vetturi elettriċi. | Huwa mistenni li l-iskema indirizzata lill-importaturi tal-karozzi elettrici ġodda tibqa' miftuħa. | Implimentata |
| 72 | Għal sena oħra, se jiġu estiżi l-iskemi ta' skrappjar ta' vetturi u l-għoti ta' *grant* għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol. | Transport Malta | L-iskema ta' skrappjar u l-*grant* għal min jaqleb il-vettura tiegħu ġew estiżi u ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. Bdiet ħidma minn Transport Malta biex tilqa' l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |
| 73 | Se jkun qed jingħata *grant* sa massimu ta' €10,000 meta jinxtraw vetturi magħrufa bħala *wheelchair accessible taxi* (WAT). Se jiġi allokat fond ta' €100,000 għal din il-miżura. | Transport Malta | L-iskema twaqqfet permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Bdiet ħidma minn Transport Malta biex tilqa' l-applikazzjonijiet. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 209 | Se nasfaltaw ukoll it-triq tal-Imtaħleb li tintuża għat-tlielaq tal-karozzi. | Transport Malta | Sar xogħol fuq l-installazzjoni ta' *mains* ġodda tal-ilma u ngħata l-asfalt. Sar ukoll xogħol fuq il-kurduna tal-bankina u tlestew il-*guardrails*. | Sar xogħol fit-telgħa tal-Imtaħleb li jinkludi tarmak, bdil ta' kurduna tal-bankina u *guardrails*. Sar ukoll xogħol fi triq li tagħti aċċess għal Triq l-Imtaħleb relatat ma' tindif, installazzjoni ta' *mains* ġodda tal-ilma u tarmak. | | | Implimentata |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 126 | Se nagħtu iktar inċentivi biex jinħolqu impjiegi ġodda mas-settur privat f'Għawdex billi għal kull impjegat li jiġi offrut kuntratt ta' tliet snin jew iżjed, tingħata rifużjoni ta' 30% tal-paga medja ta' impjegat sa massimu ta' €6,000. | Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku | Saru diskussjonijiet interministerjali bejn il-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru għall-Finanzi u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tlestew id-diskussjonijiet u tħejjiet skema bi preparazzjoni għall-pubblikazzjoni. | L-iskema ġiet imnedija. | | Implimentata |
| 127 | Se nkunu qegħdin nallokaw fondi biex tinħoloq skema speċifika biex imprendituri Għawdxin li joperaw fis-settur tat-turiżmu jtejbu l-livell tal-istabbilimenti turistiċi. | Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku | Saru diskussjonijiet interministerjali bejn il-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru għall-Finanzi u l-Ministeru għat-Turiżmu dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tfasslet skema għal dan l-għan u tressqet għall-approvazzjoni tal-Ministeru għall-Finanzi. | Komplew diskussjonijiet interni flimkien mal-Ministeru għall-Finanzi għall-approvazzjoni meħtieġa. | Huwa mistenni li titnieda l-iskema kif previst. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 128 | Se jkunu inkoraġġiti inizjattivi kulturali ġodda biex jippromovu festivals tematiċi f'Għawdex. Din l-inizjattiva se tkun qed tgħin biex tistimula niċċa turistika oħra permezz ta' produzzjonijiet artistiċi. | Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku | Tfassal programm varjat ta' inizjattivi kulturali ġodda u festivals tematiċi f'Għawdex, fosthom il-Gozo Alive, il-Gozo Film Festival u l-Kite Festival.<br><br>Saru diversi attivitajiet kulturali, fosthom il-Fiera tal-Artiġjanat u #Inħobbok.<br><br>Saru l-preparamenti u r-reklamar għall-festival Gozo Alive. | Tkompliet il-ħidma fuq l-organizzazzjoni u t-twettiq ta' diversi inizjattivi kulturali fosthom is-Science in the Citadel, il-Gozo Spring Fair, il-Honey & Bee Festival u l-Festival tat-Tin.<br><br>Ittella' l-festival Gozo Alive.<br><br>Saru wkoll il-preparamenti u nbeda r-reklamar għall-Gozo Film Festival. | Saret ħidma fuq l-organizzazzjoni u t-twettiq ta' aktar festivals bħala parti mill-programm ta' inizjattivi kulturali, fosthom l-Evviva Wine Festival, l-International Food Festival, is-Ceramic Festival, il-Festival tal-Għana, is-Sunset Festival, il-Gozo Film Festival, il-Bread and Tomato Festival, il-Festival tal-Ħut, l-International Folk Festival u l-Wine and Olive Oil Festival. | Mistenni li jkomplu jittellgħu aktar festivals u inizjattivi oħra, fosthom il-Gozo  Kite Festival, l-Opera Festival, l-Organ Festival,Tenebrea, Lejl Imkebbes u l-Festival tal-Baned. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 130 | Proġetti kapitali li kienu diġà nbdew fil-leġiżlatura li għaddiet, bħat-taraġ ta' San Franġisk, għaddejjin bil-proċess tas-sejħiet tal-offerti biex dawn il-proġetti jiġu ffinalizzati. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Tħejja programm għat-twettiq ta' din il-miżura u bdiet ħidma fuq xogħol mekkaniku u elettriku kemm fuq it-taraġ kif ukoll l-uffiċini. | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal xogħlijiet ta' pavimentar kif ukoll it-tlestija tal-uffiċini.<br><br>Sar ftehim bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru għas-Saħħa biex il-bini tal-uffiċini jsir iċ-Ċentru l-ġdid tas-Saħħa fir-Rabat Għawdex. | Il-proċess ta' proċedura kompetittiva tas-sejħa għall-offerti għal xogħlijiet ta' tlestija ġie kanċellat filwaqt li tnieda proċess ieħor ta' akkwist pubbliku.<br><br>Tkompla t-twettiq ta' programm ta' xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi. | Mistenni li jkun konkluż il-proċess ta' akkwist pubbliku sabiex isiru x-xogħlijiet ta' tlestija.<br><br>Ser jitkompla t-twettiq ta' programm ta' xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 131 | Proġetti kapitali li kienu diġà nbdew fil-leġiżlatura li għaddiet, bħad-dar tal-anzjani, għaddejjin bil-proċess tas-sejħiet tal-offerti biex dawn il-proġetti jiġu ffinalizzati. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Tkomplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fid-dar tal-anzjani, Dar San Ġużepp, li tinsab Għajnsielem. Ix-xogħol jinkludi l-bini tad-Dementia Wing.<br><br>Tkompla l-abbozzar fuq sejħa għall-offerti għat-tlestija, xogħol mekkaniku u elettriku u sussegwentement l-operat ta' din id-dar. | Tlesta xogħol ta' kostruzzjoni f'diversi taqsimiet.<br><br>Tkompla x-xogħol fuq is-sejħa għall-offerti għat-tlestija, xogħol mekkaniku u elettriku u l-operat ta' din id-dar. | Tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni u beda x-xogħol ta' restawr tal-parti l-antika tal-binja.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għat-tlestija, xogħol mekkaniku u elettriku u l-operat ta' din id-dar. | Mistenni li jitlesta x-xogħol ta' restawr.<br><br>Mistenni wkoll li ssir l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet milqugħa wara l-ħruġ tas-sejħa għall-offerti għat-tlestija, xogħol mekkaniku u elettriku u l-operat ta' din id-dar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 132 | Fost il-proġetti ġodda għas-sena d-dieħla, wieħed irid isemmi l-*farm* sperimentali fejn se jkun hemm faċilitajiet ġodda għall-bdiewa u għas-sajjieda. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Ġew determinati l-faċilitajiet il-ġodda għall-bdiewa u s-sajjieda maħsuba li jkunu pprovduti mis-sit tal-*farm* sperimentali fix-Xewkija u l-programm ta' xogħlijiet meħtieġa għat-twettiq ta' dan il-proġett. | Saru laqgħat ta' konsultazzjoni mal-*istakeholders* involuti. Bdiet ħidma fuq l-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp. | Kompliet il-ħidma fuq id-disinn tal-pjanti meħtieġa bi preparazzjoni għas-sottomissjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Tkomplew id-diskussjonijiet mal-*istakeholders* involuti. | Mistennija tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp għand l-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 133 | Proġetti ġodda għas-sena d-dieħla; ir-riorganizzazzjoni tal-Yacht Marina biex inżidu l-faċilitajiet. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Bdew diskussjonijiet ma' Transport Malta dwar pjan ta' azzjoni għat-twettiq ta' din il-miżura. | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għall-installazzjoni ta' *demountable pontoon system* fil-Port tal-Imġarr. | Saret l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet għas-sejħa għall-offerti għall-installazzjoni ta' *demountable pontoon system* u ġie ppubblikat ir-riżultat.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti biex isir xogħol ta' tħammil ta' parti mill-Port tal-Imġarr kif ukoll xogħol ta' *upgrading* u bini ta' mollijiet. | Mistenni li jiġi ffirmat il-kuntratt u jibda x-xogħol fuq id-*demountable pontoon system*.<br><br>Mistenni wkoll li ssir l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet milqugħa għas-sejħa għall-offerti relatati ma' xogħol ta' tħammil, *upgrading* u bini ta' mollijiet fil-Port tal-Imġarr, issir l-evalwazzjoni u jiġi ppubblikat ir-riżultat.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 134 | Proġetti ġodda għas-sena d-dieħla; ir-restawr tal-Fanal tal-Ġordan u amenitajiet anċillari oħrajn biex inpoġġu lil Għawdex fuq il-mappa tat-turiżmu relatat mal-fanali. | Direttorat għat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-entitajiet fil-qasam tal-komunikazzjoni (GO, Vodafone u Melita) u diversi *stakeholders* oħra, fosthom l-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni u l-Awtorità tal-Ippjanar, dwar ir-restawr tal-Fanal tal-Ġordan. | Beda x-xogħol ta' restawr li jkopri r-restawr tal-parti ta' ġewwa tal-Fanal. | Tkompla x-xogħol ta' restawr skont il-programm ta' xogħlijiet imħejji. | Mistenni jitkompla x-xogħol ta' restawr u jitwettaq il-pjan ta' ħidma previst għall-2018. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 135 | Qed isir xogħol ukoll fuq it-tfassil ta' *masterplans* għat-tisbiħ ħolistiku tax-Xlendi. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Bħala parti mit-tfassil ta' *masterplan* għall-Bajja tax-Xlendi, saru numru ta' *surveys* tal-bajja u tal-*area* tal-madwar, inkluż il-parkeġġi taż-żona.<br><br>Saret ħidma konġunta ma' Projects Malta biex jitħejjew proposti għall-parkeġġi. | Projects Malta ppreżentaw numru ta' proposti. Wara proċess ta' evalwazzjoni, intgħażlet proposta għar-riġenerazzjoni tal-parkeġġ prinċipali li hemm fi Pjazza Anfori, ix-Xlendi. Sar *survey* dettaljat tas-sit u tlesta l-ewwel abbozz ta' disinji.<br><br>Inħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex isir xogħol ta' *upgrading* tal-*boathouses*. Tħejjiet sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa. | Tlestew id-disinji u l-pjanti għar-riġenerazzjoni tal-parkeġġ fi Pjazza Anfori sabiex jiġu sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għal xogħol ta' *upgrading* tal-*boathouses*.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti oħra biex isir tindif ta' parti mill-Wied tax-Xlendi.<br><br>Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għand l-Awtorità tal-Ippjanar biex isir it-tindif tal-kumplament tal-Wied tax-Xlendi. | Mistennija tiġi sottomessa l-applikazzjoni għand l-Awtorità tal-Ippjanar għar-riġenerazzjoni tal-parkeġġ fi Pjazza Anfori.<br><br>Jinbeda xogħol ta' *upgrading* tal-*boathouses*.<br><br>Mistenni wkoll li ssir l-evalwazzjoni tal-offerti milqugħa għat-tindif fil-Wied tax-Xlendi u tkompli l-ħidma fuq il-permessi meħtieġa.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 136 | Qed isir xogħol ukoll fuq it-tfassil ta' *masterplans* għat-tisbiħ ħolistiku ta' Marsalforn. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Inkiseb il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-*masterplan* għall-Bajja ta' Marsalforn. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 137 | Se jkompli t-tisħiħ tas-servizz ta' trasport lejn u minn Għawdex. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti mill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali għat-tisħiħ tas-servizz ta' trasport lejn u minn Għawdex. | Komplew jintlaqgħu s-sottomissjonijiet. | Tkompla l-proċess relatat mas-sejħa għall-offerti għall-provvista ta' ġarr ta' passiġġieri u vetturi bejn Malta u Għawdex. | Mistenni li jitkompla l-proċess tas-sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 138 | Se jingħata bidu għat-tqegħid tat-tieni *fibre optic cable* bejn iż-żewġ gżejjer. | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Inħarġet sejħa għall-offerti mill-Malta Enterprise għat-tqegħid ta' *fibre optic cable*.<br><br>Kompliet il-ħidma mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jinkisbu l-permessi meħtieġa.<br><br>Beda l-abbozzar ta' Avviż Legali li jiddetermina l-operat tal-*cable*. | Is-sejħa għall-offerti għalqet, saret l-evalwazzjoni u ntbagħtet għall-aġġudikazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti.<br><br>Il-permess għall-iżvilupp inkiseb.<br><br>Tlesta l-abbozz tal-Avviż Legali u komplew id-diskussjonijiet dwar l-użu u l-operat tal-*cable*. | Ġie ffirmat il-kuntratt għat-tqegħid tal-*fibre optic cable*.<br><br>L-abbozz tal-Avviż Legali tressaq għal kunsiderazzjoni interna bi preparazzjoni li jiġi ppreżentat fil-Parlament filwaqt li komplew id-diskussjonijiet dwar l-użu u l-operat tal-*cable*. | Mistenni li jibda x-xogħol relatat mat-tqegħid tal-*fibre optic cable* bejn il-gżejjer kif ukoll jitressaq l-Avviż Legali quddiem il-Parlament. B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 139 | Bħalma se jkun qed isir f'Malta, l-infrastruttura tat-toroq f'Għawdex se tkun inkluża f'dan il-programm estensiv. | Direttorat għal Proġetti u Żvilupp | Tfassal pjan ta' ħidma għal din is-sena li jkopri t-toroq segwenti: Triq il-Ħamrija, ix-Xewkija; Triq Sannat, Ta' Sannat; Triq tad-Dwejra, San Lawrenz; Triq Għajn Ħosna, ix-Xagħra; u Triq Franġisk Portelli, l-Għarb.<br><br>Tfassal pjan ta' ħidma ma' diversi kunsilli lokali f'Għawdex li jkopri xogħol fuq numru ta' toroq oħra li jaqgħu taħt ir-responsabilità amministrattiva tal-kunsilli lokali. | Ġew ippubblikati diversi sejħiet għall-offerti sabiex jibdew ix-xogħlijiet.<br><br>Tlesta x-xogħol fuq parti minn Triq Sannat, Ta' Sannat.<br><br>Beda jitħaddem il-pjan ta' ħidma maqbul mal-Kunsill Lokali u beda xogħol fuq toroq f'Għajnsielem, l-Għarb, Ta' Kerċem, in-Nadur u x-Xagħra. | Komplew jiġu ppubblikati sejħiet għall-offerti sabiex ikomplu x-xogħlijiet.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet fi Triq tad-Dwejra, San Lawrenz, u f'parti minn Triq Għajn Ħosna, ix-Xagħra.<br><br>Kompliet il-ħidma flimkien mal-Kunsilli Lokali u tlestew xogħlijiet f'Għajnsielem (parti minn Triq Żewwieqa); fix-Xagħra (parti minn Triq Għajn Ħosna); fin-Nadur (Triq il-Qortin); fl-Għarb (Triq tal-Virtù u Triq Tumas Cassar); u ż-Żebbuġ Għawdex (Triq Ġdida fi Triq Sagħtrija). Inbdew ix-xogħlijiet f'Ta' Kerċem, San Lawrenz u l-Għasri. | Mistennija li jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq tad-Dwejra, San Lawrenz; f'parti minn Triq Għajn Ħosna, ix-Xagħra, u fi Triq Franġisk Portelli, l-Għarb, kif ukoll jibda xogħol fi Triq il-Ħamrija, ix-Xewkija, u fil-parti l-oħra ta' Triq Sannat, Ta' Sannat.<br><br>Tkompli l-ħidma mal-Kunsilli Lokali fuq xogħol fl-Għasri (Trejqet San Pupulju, Trejqet Dun Ġużepp Cassar, Trejqet id-Dehra, Triq it-Tamal u parti minn Triq il-Fanal); f'San Lawrenz (Triq il-Knisja u Triq il-Wileġ); f'Ta' Sannat (Triq 20 ta' Lulju u parti minn Triq Saguna); fix-Xewkija (Triq il-Knisja); fil-Qala (Triq ta' Kassja u Triq Ġdida fi Triq il-Mitħna) u f'Ta' Kerċem (Triq Wied il-Lunzjata).<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL
U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Kull pensjonant se jkun qed jingħata żieda fil-pensjoni kontributorja u anke mhux kontributorja ta' €2 fil-ġimgħa. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Iż-żieda ta' €2 fil-ġimgħa bdiet tingħata minn Jannar. B'hekk, pensjonanti li jirċievu pensjoni kontributorja għall-irtirar kif ukoll oħrajn li jirċievu pensjoni mhux kontributorja bdew jingħataw iż-żieda mwiegħda. | | | | Implimentata |
| 8 | Se nkunu qegħdin inżidu €200 oħra fl-ammont ta' Pensjoni tas-Servizz li jitnaqqas mill-Pensjoni tas-Sigurtà Soċjali. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Bdiet u tlestiet analiżi interna biex jiġu identifikati dawk il-persuni li huma intitolati għal din ir-reviżjoni fil-pensjoni. Saret ħidma fuq l-ipproċessar tal-każijiet eliġibbli u nħarġu l-pagamenti. B'hekk, minn Jannar, dawk eliġibbli bdew igawdu minn żieda ta' €200 fil-pensjoni tagħhom. | | | | Implimentata |
| 9 | L-għotja ta' €300 fis-sena lil dawk li għalqu l-75 sena u li għadhom jgħixu fid-djar tagħhom se tkompli tingħata tul is-sena d-dieħla. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saret ħidma fuq l-ipproċessar tal-pagamenti u tħallsu 'l fuq minn 27,500 pagament. B'hekk, minn Frar, persuni eliġibbli bdew igawdu mill-għotja ta' €300 fis-sena. | | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | Pensjonanti li jilħqu l-età tal-pensjoni u jibdew jieħdu l-pensjoni iżda jkomplu jaħdmu huma obbligati li jħallsu l-bolla sakemm jagħlqu l-età ta' 65 sena. F'każijiet fejn, speċjalment nisa, il-pensjonant ikollu bolol neqsin u ma jkunx qed jieħu pensjoni sħiħa, mis-sena d-dieħla se ndaħħlu miżura biex malli l-pensjonant jagħlaq 65 sena ssir stima ġdida tal-pensjoni li tikkunsidra wkoll il-bolol li jkunu tħallsu wara l-età tal-pensjoni. B'dan il-mod inkunu qegħdin nagħmlu ġustizzja ma' dawn in-nies ukoll. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Bdiet ħidma flimkien mal-MITA fuq reviżjoni tas-sistema SABS. Is-sistema ġiet aġġornata u l-pensjonijiet ta' dawk eliġibbli bdew jiġu stmati mill-ġdid. | Tlesta t-*testing* fuq is-sistema u bdew ħerġin il-pagamenti biż-żieda fir-rata tal-pensjoni. | | | Implimentata |
| 11 | Pensjonanti tal-irtirar li għadhom ma laħqux l-età ta' 65 sena u jagħmlu xi xogħol mhux *full-time* bħala *self-employed u part-time,* mis-sena d-dieħla se jkunu jistgħu jibdew iħallsu bolla prorata ta' 15 fil-mija tad-dħul nett tagħhom mill-impjieg u mhux bilfors il-bolla sħiħa kif inhuma sal-lum. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Saret ħidma flimkien mal-Justice Unit fuq l-Iskeda 10 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali bl-emendi meħtieġa. | Tħejja abbozz tal-Avviż Legali, ġie approvat internament u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | L-eks ħaddiema tal-korpi tas-snin sebgħin, l-eks ħaddiema tax-xatt, l-eks ħaddiema tal-eks Malta Electricity Board u l-pulizija bdew jirċievu ċ-ċekkijiet li kienu mwiegħda. Għas-sena d-dieħla se nallokaw €10.5 miljun biex inkomplu nindirizzaw dawn l-inġustizzji tal-passat. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Beda jiltaqa' l-Bord għar-Reviżjoni tal-Għotjiet biex jifli l-appelli li ġew milqugħa. Il-Bord temm il-ħidma tiegħu u nħarġu l-pagamenti fejn kienu dovuti. | Bdiet ħidma fuq il-ħruġ ta' pagamenti tal-pensjoni u arretrati lill-eks ħaddiema tal-Malta Electricity Board.<br><br>Infetħet it-tieni sejħa għall-applikazzjonijiet ta' tliet skemi (imsemmija fil-Miżura tal-Baġit) u beda l-proċess ta' verifika. | Ġiet iffinalizzata l-verifika u bdew jinħarġu l-pagamenti lill-benefiċjarji eliġibbli. | Mistenni li jinħarġu l-pagamenti kollha. | Implimentata |
| 19 | Il-Gvern din is-sena se jkun qed iwieżen aktar lil koppji fejn wieħed mill-ġenituri biss jaħdem. Għalhekk is-sena d-dieħla l-ogħla rata ta' In-Work Benefit għal din il-kategorija se titla' minn €350 għal €450 għal kull wild. B'dan il-mod, xorta jibqa' l-inċentiv li jekk it-tieni ġenitur jidħol fid-dinja tax-xogħol, xorta jkun jaqblilhom għax l-ogħla rata ta' In-Work Benefit li jistgħu jirċievu titla' għal €1,200 għal kull wild. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Sar xogħol preparatorju biex ir-rata ogħla ta' In-Work Benefit tiġi riflessa fil-pagamenti ta' April. Inħadmu t-talbiet il-ġodda u tlesta l-iċċekkjar tal-pagamenti. | Inħarġu l-pagamenti bir-rata ogħla kif ippjanat. | | | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | Miżura li konna daħħalna fl-2014 u li tat riżultati tajbin hija dik tat-*tapering* tal-benefiċċji. Biex naraw li din l-iskema tkompli tinfirex, il-perjodu ta' stennija biex wieħed ikun jista' jibbenefika għat-*tapering* tal-benefiċċji se jitnaqqas minn sentejn jgħix fuq il-benefiċċji soċjali għal sena biss. B'hekk ikun hemm tranżizzjoni aktar mgħaġġla mid-dipendenza fuq il-benefiċċji soċjali għad-dinja tax-xogħol u nkomplu nnaqqsu l-faqar b'mod attiv. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Sar l-aġġornament fuq is-sistema SABS biex, b'effett minn Jannar, kull min kien ilu sena jitħallas għajnuna soċjali jiġi eliġibbli għat-*tapering* tal-benefiċċji. | | | | Implimentata |
| 22 | Din is-sena wettaqna riforma sħiħa fil-benefiċċji għall-*carers* bil-għan li ngħinu aktar anzjani jibqgħu jgħixu fi djarhom u fil-komunità. Se nintroduċu ħlas addizzjonali ta' €8.15 fil-ġimgħa għal kull membru ieħor tal-familja jekk persuna miżżewġa titlef id-dritt għal xi għajnuna soċjali oħra jekk tkun intitolata għall-*allowance* miżjuda. F'dan il-każ, id-dħul u l-kapital tal-familja, eskluż l-*allowance* miżjuda, ikun jissodisfa l-evalwazzjoni tal-mezzi għall-għajnuna soċjali. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Ingħata t-taħriġ lill-ħaddiema li jagħmlu parti mid-Direttorat (Benefiċċji mhux Kontributorji) dwar it-tħaddim ta' din il-miżura. Tħejja x-xogħol preparatorju u bdew ħerġin il-pagamenti. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 23 | Mis-sena d-dieħla se nkunu qegħdin nagħtu għajnuna sa massimu ta' €10,000 biex tkopri parti mill-ispejjeż, inkluż fuq vjaġġar, li ġenituri adottivi jagħmlu biex jadottaw wild. Din l-għotja se tkun tapplika wkoll għal dawk li diġà bdew tali proċess adottiv u għadu ma ntemmx. | Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali | Bdiet ħidma interna biex jiġu stabbiliti l-kriterji ta' kif għandha tingħata din l-għajnuna. Saru konsultazzjonijiet mal-Avukat Ġenerali u l-Ministeru biex issir emenda fil-liġi tal-adozzjoni u jingħata aċċess għad-digrieti tal-adozzjoni maħruġin mill-Qrati ta' Malta. Il-kriterji diskussi bdew jiġu ffinalizzati. | Ġie mniedi uffiċjalment Il-Grant tal-Adozzjoni. Ġie maħtur bord sabiex jevalwa l-applikazzjonijiet mill-ġenituri adottivi. Bdiet ħidma fuq l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet sottomessi. | | | Implimentata |
| 24 | Tfal li jkunu tilfu lill-ġenituri tagħhom jitħallsu *allowance* (għall-iltiema) sakemm jagħlqu 16-il sena u malli jagħlqu 16-il sena iżda ma jkunux għalqu 21 sena, jekk ma jkunux qegħdin jaħdmu, jitħallsu *allowance* speċjali (għall-iltiema) b'rata ogħla. Il-Gvern iħoss li din mhix ġusta ma' dawn it-tfal li tippenalizzahom għax jaħdmu. Għalhekk, fl-2018 se nkunu qegħdin inneħħu din ir-restrizzjoni u l-Allowance Speċjali għal Iltima se tibda titħallas sħiħa irrispettivament minn jekk it-tfal ikunux jaħdmu jew le. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Tlesta x-xogħol ta' żvilupp fuq is-sistema SABS sabiex l-*allowance* (għall-iltiema) miżjuda li titħallas bejn is-16 u l-21 sena tibda titħallas sħiħa mingħajr tnaqqis. Bdew jinħarġu l-pagamenti bis-sistema l-ġdida. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 25 | Dan il-Gvern jirrikonoxxi l-imħabba u d-dedikazzjoni li dawk li jiffosterjaw jagħtu lil tfal li ma jkunux tagħhom biex joffrulhom futur aħjar. Min ikun qed jiffosterja jkollu spejjeż addizzjonali. Għalhekk mis-sena d-dieħla se nkunu qegħdin ngħollu l-Foster Care Allowance minn €70 għal €100 fil-ġimgħa u b'hekk se nkunu qegħdin inwettqu wegħda elettorali oħra. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Tlesta x-xogħol ta' żvilupp fuq is-sistema SABS sabiex l-Allowance għall-Fostering tiżdied minn €70 għal €100 fil-ġimgħa. Bdew ħerġin il-pagamenti bir-rati miżjuda minn Jannar. | | | | Implimentata |
| 26 | Persuna li qiegħda taħdem u fl-istess ħin tkun qiegħda tirċievi l-pensjoni kontributorja mhix intitolata għall-benefiċċju għall-mard. Din ir-restrizzjoni tolqot romol li jaħdmu u għandhom tfal dipendenti taħt it-23 sena. Mis-sena d-dieħla, bil-għan li ngħinu dawn ir-romol iżommu l-livell tal-għajxien tagħhom, se nibdew inħallsuhom il-benefiċċju għall-mard. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Tlesta x-xogħol flimkien mal-MITA biex persuni romol eliġibbli jibdew jitħallsu dan il-benefiċċju għall-mard minn Jannar. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Persuni li jkunu qegħdin jgħaddu l-manteniment lill-konjuġi u/jew lit-tfal tagħhom qegħdin jintlaqtu mill-fatt li l-ammont ta' manteniment imħallas jitqies bħala dħul għall-fini tal-*means test* tal-Karta r-Roża. B'hekk, jekk jeċċedu l-iskala tat-test tal-mezzi, qegħdin jiġu mċaħħda milli jingħataw mediċini b'xejn. Se nieħdu passi biex titneħħa din l-anomalija u l-manteniment imħallas jitnaqqas mid-dħul oriġinali meta jinħadem it-test tal-mezzi. B'hekk inkunu qegħdin inkomplu nwettqu l-wegħda li noħolqu aktar konformità fl-evalwazzjoni tal-benefiċċji mhux kontributorji. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Tlesta x-xogħol flimkien mal-MITA fuq l-aġġornament tas-sistema SABS. Din il-miżura daħlet fis-seħħ b'effett minn Jannar. | | | | Implimentata |
| 28 | Wara li fil-Baġit tal-2016 konna żidna l-benefiċċju magħruf bħala Drug Addicts Allowance (DAD), għal dawk maħkumin mill-vizzju tad-droga jew tax-xorb, mis-sena d-dieħla issa se nkomplu nżiduh minn €30 għal €40 fil-ġimgħa. | Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali | Il-pagamenti bir-rati l-ġodda ta' €40 fil-ġimgħa bdew jinħarġu b'effett minn Jannar. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 29 | Għas-sena d-dieħla hemm maħsub xogħol u tagħmir ta' tlett idjar oħra għal adulti b'diżabilità intellettwali, inkluż persuni b'awtiżmu u bi mġiba diffikultuża. | Aġenzija Sapport | Beda xogħol ta' skavar kif ukoll xogħol fuq l-appalti għall-*finishing* u l-għamara ta' żewġt idjar fiż-Żurrieq u l-Qrendi.<br><br>Beda u tlesta x-xogħol ta' *finishing* fid-dar f'Ħaż Żabbar. Id-dar f'Ħaż-Zabbar ġiet inawgurata f'Marzu. | Tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni fiż-Żurrieq u tkompla x-xogħol fil-Qrendi.<br><br>Inkitbu l-appalti għall-*finishing* tad-djar fiż-Żurrieq u l-Qrendi u ntbagħtu għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti. | Inħarġu l-appalti għall-*finishings* kif ukoll beda l-abbozzar ta' appalt għal xiri ta' għamara fid-djar fiż-Żurrieq u l-Qrendi.<br><br>Tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni fid-dar fiż-Żurrieq u kompliet il-ħidma fid-dar fil-Qrendi. | Mistenni li jiġu ffirmati l-kuntratti għall-*finishings* għad-djar fiż-Żurrieq u l-Qrendi filwaqt li jinħareġ l-appalt għall-għamara.<br><br>Mistenni wkoll li jibda x-xogħol ta' installar tal-bibien, is-suffetti u d-dawl fid-djar fiż-Żurrieq u l-Qrendi. B'hekk, il-ħidma prevista għall-2018 tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 30 | Se ssir ħidma biex jingħata bidu għat-twaqqigħ u l-bini mill-ġdid tad-dar residenzjali u ċ-Ċentru għal Matul il-Jum li hemm fil-Qasam tal-Vajrita f'Wied il-Għajn. Il-proġett għandu jieħu madwar erba' snin biex jitlesta. | Aġenzija Sapport | Bdew diskussjonijiet ma' entitajiet varji sabiex jiġi identifikat post adekwat temporanju għar-residenti tal-kumpless Vajrita u għal persuni b'diżabilità li jagħmlu użu miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. | Komplew id-diskussjonijiet mal-entitajiet kif ukoll ħidma dwar it-tfassil ta' pjan għat-tranżizzjoni tar-residenti, klijenti u staff taċ-Ċentru. Beda wkoll xogħol fuq l-appalt ta' twaqqigħ u kostruzzjoni tas-sit. | Bdiet it-tranżizzjoni tar-residenti, klijenti u l-istaff. Inħareġ l-appalt tat-twaqqigħ u kostruzzjoni tas-sit. Beda wkoll xogħol fuq is-siti li se jkunu qed jilqgħu numru ta' klijenti li jagħmlu użu mis-servizzi tal-Aġenzija Sapport fil-Vajrita. | Mistenni li tibda l-ħidma relatata mat-twaqqigħ u l-kostruzzjoni tas-sit filwaqt li jitkompla x-xogħol fuq is-siti li se jilqgħu n-numru ta' klijenti li jagħmlu użu mis-servizzi fil-Vajrita. B'hekk, il-ħidma prevista għall-2018 tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 31 | Il–Kummissjoni għad–Drittijiet tal–Persuni b'Diżabilità, se tniedi taqsima biex tiżgura u tinforza d–drittijiet u l–interessi ta' persuni b'diżabilità u l– familji tagħhom. | Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabbilita | Beda u tlesta l-proċess ta' ingaġġ għall-*assistant manager* bħala parti mill-preparazzjoni għat-tnedija ta' taqsima ġdida fi ħdan il-Kummissjoni. | Beda u tlesta l-proċess ta' ingaġġ ta' *draughtsperson*. | Beda u tlesta l-proċess ta' ingaġġ għall-uffiċjal tal-infurzar. | Mistenni li jintemm il-proċess ta' reklutaġġ u jingħata t-taħriġ biex tkompli tissaħħaħ it-taqsima l-ġdida fi ħdan il-Kummissjoni. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 32 | Se nkomplu ntejbu l-faċilitajiet interni u ambjentali fir-Residenza San Vinċenz de Paule. Ix-xogħol jinkludi t-tkomplija tal-proġett mifrux fuq tliet snin fil-Binja Rużar Briffa li għandu jwassal ukoll għal żieda fl-għadd ta' swali u b'hekk jiżdied l-ispazju sabiex nilqgħu aktar pazjenti f'din ir-residenza. | Residenza San Vinċenz de Paule | Bdiet ħidma mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-ħruġ tal-permess. Beda xogħol fuq it-tfassil ta' żewġ appalti għall-asbestos u skavar. | Saret spezzjoni fuq is-sit flimkien mas-Supretendent għall-Wirt Kulturali għall-ħruġ tal-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Ġew ippubblikati l-appalti u bdiet l-evalwazzjoni. L-evalwazzjoni tal-appalt għall-asbestos ġiet konkluża u l-kuntratt mogħti. | Ġie ffirmat il-kuntratt tal-appalt għall-asbestos.<br><br>Iż-żewġ appalti tal-iskavar u tal-lifts ġew finalizzati u ppubblikati.<br><br>Beda l-abbozzar tal-appalti tal-Mechanical and Engineering u Fire Doors. | Mistenni li jingħalqu ż-żewġ appalti relatati mal-iskavar u l-lifts u tibda l-evalwazzjoni tagħhom. Dan filwaqt li jiġi ffinalizzat l-abbozzar tal-appalti marbuta mal-Mechanical and Engineering u Fire Doors. B'hekk, il-ħidma prevista għall-2018 tkun ġiet imwettqa. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 33 | Residenza San Vinċenz de Paule – Xogħlijiet oħra jinkludu r-rijabilitazzjoni tas-sala għall-pazjenti li jbatu mid-dimenzja u l-iżvilupp mill-ġdid tal-ispiżerija. | Residenza San Vinċenz de Paule | Inħarġu żewġ appalti għal servizzi ta' *finishings* u mekkaniċi, għalqu u ġew evalwati.<br><br>Beda xogħol ta' żarmar u kostruzzjoni mill-ħaddiema ta' San Vinċenz.<br><br>Sar ukoll xogħol marbut mal-ħruġ ta' permess għall-iżvilupp ta' spiżerija. | Saret ħidma fuq xogħol strutturali mill-ħaddiema ta' San Vinċenz flimkien mal-kuntrattur.<br><br>Ġew iffirmati l-kuntratti tal-*finishings*, xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi u beda x-xogħol.<br><br>Kompliet il-ħidma fuq il-permess għall-iżvilupp ta' spiżerija. | Kompliet il-ħidma fuq *finishings*, xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi.<br><br>Ġie ppubblikat l-appalt għall-iżvilupp ta' spiżerija u nħareġ il-permess mill-Awtorità għall-Ippjanar. | Mistennija tkompli l-ħidma fuq *finishings*, xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi kif ukoll l-iżvilupp ta' spiżerija ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 34 | Residenza San Vinċenz de Paule – Se nieħdu ħsieb ukoll li nibdlu l-vetturi qodma ma' oħrajn ġodda mgħammrin b'faċilità ta' arja kundizzjonata. | Residenza San Vinċenz de Paule | Inkiteb l-appalt għax-xiri ta' vetturi ġodda u ntbagħat għall-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti.<br><br>L-appalt ġie ppubblikat u beda l-proċess ta' evalwazzjoni. | Kompliet l-evalwazzjoni tal-appalt għall-vetturi l-ġodda. | Ġiet iffinalizzata l-evalwazzjoni tal-appalt għall-vetturi l-ġodda. | Mistennija tasal l-ewwel konsenja ta' vetturi ġodda. | Implimentata |
| 35 | Matul din is–sena l–Fondazzjoni għas–Servizzi ta' Ħarsien Soċjali kompliet bit–tħejjijiet biex tiftaħ Ċentru Sigur għaż–Żgħażagħ Bniet. Il–mira ta' dan iċ–ċentru hija li jgħin liż–żgħażagħ bniet b'imġieba diffiċli, jitgħallmu l–ħiliet meħtieġa biex jgħixu fis–soċjetà u jipparteċipaw b'mod sħiħ fil–komunità. | Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali | Ġie deċiż li din il-miżura tiġi posposta sakemm jiġu identifikati r-riżorsi meħtieġa. | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 36 | Supportline 179 hija l-linja nazzjonali tat-telefown immexxija mill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, fejn in-nies jistgħu jċemplu biex isibu l-għajnuna. Matul is-sena fuq il-linja jsiru 'l fuq minn 13-il elf telefonata. Il-Fondazzjoni qiegħda tiżviluppa u taġġorna dan is-servizz biex jilħaq dejjem aktar mal-esiġenzi tas-soċjetà moderna. B'dan il-għan saru l-istrutturi meħtieġa, inkluż sistema teknoloġika. | Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali | Ingħata t-taħriġ lill-ħaddiema biex ikomplu jtejbu s-servizz mogħti u bdiet il-ħidma għall-ingaġġ ta' aktar ħaddiema. | Kompla jingħata t-taħriġ. Ġew konklużi s-sejħiet għar-reklutaġġ ta' aktar ħaddiema. | Inħarġet is-sejħa għall-ingaġġ ta' aktar ħaddiema u bdew l-intervisti. | Mistenni li jiġu ingaġġati l-ħaddiema u jibda t-taħriġ. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Fil-Baġit li għadda daħħalna skema ġdida li biha rdoppjajna s-sussidju tal-kera għal min jidħol f'kuntratt tal-kiri legali u regolari. Konna wkoll wessajna t-*thresholds* sabiex aktar persuni jikkwalifikaw għal dan is-sussidju. Sabiex ngħinu aktar nies se nkunu qegħdin nerġgħu nwessgħu dawn it-*thresholds* biex aktar persuni li jgħixu f'postijiet tal-kiri jibdew jibbenefikaw huma wkoll mis-sussidju. L-anzjani li għandhom 65 sena jew aktar se jingħataw *thresholds* speċjali biex jibbenefikaw aktar għal dan is-sussidju. L-Awtorità tal-Housing se tkun qiegħda tippubblika l-kriterji ta' din il-miżura. | Awtorità tad-Djar | Ġew ippubblikati l-kriterji l-ġodda mill-Awtorità tad-Djar flimkien mal-bdil fit-*thresholds* tad-dħul taħt din l-iskema. Intbagħtet ittra lil dawk eliġibbli biex jiġu infurmati biż-żieda fis-sussidju.<br><br>B'hekk, b'effett minn din is-sena, l-applikazzjonijiet il-ġodda li se jiġu sottomessi jkunu jistgħu jiġu proċessati bit-*thresholds* il-ġodda. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 38 | Wara li fl-1 ta' Settembru li għadda daħlet fis-seħħ l-iskema Nikru biex Nassistu, bil-għan li nżidu l-istokk ta' binjiet għal skop ta' *housing* soċjali, fl-ewwel xahar biss, l-Awtorità tad-Djar diġà rċeviet madwar 200 applikazzjoni. Din l-iskema, li tħajjar sidien ta' proprjetà biex jikru l-proprjetà tagħhom lill-Awtorità tad-Djar għal perjodu ta' għaxar snin, se nkunu qegħdin inħalluha miftuħa matul is-sena d-dieħla. | Awtorità tad-Djar | Tressqu għall-kuntratt l-ewwel 22 sid ta' residenzi *finished* u bdew jiġu ppreparati l-kuntratti.<br><br>Resqu wkoll 64 sid ieħor ta' residenzi *shell* jew *on plan* għal ftehim ta' wegħda ta' kirja. Minn dawn, ġew iffirmati 22 *availability agreement.* | Ġew mgħajta 32 sid ieħor ta' residenzi *finished* għall-kuntratt u bdew il-preparamenti biex jiġu ffirmati l-kuntratti.<br><br>Ġew iffirmati 33 availability *agreements* oħra ma' sidien ta' residenzi *shell* jew *on plan*. | Kompliet ħidma fuq il-preparamenti ta' aktar kuntratti ma' sidien ta' postijiet *finished*, *shell* jew *on plan* u l-iffirmar tagħhom. | Mistennija tkompli l-ħidma fuq aktar kuntratti ma' sidien ġodda. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | Sabiex il-Gvern iħajjar sidien ta' residenzi mhux użati li jiġu rranġati u offruti bħala *units* għal skop ta' *housing* soċjali, l-Awtorità tad-Djar se toħroġ skema fejn se toffri assistenza finanzjarja sa massimu ta' €25,000 għal kull residenza fuq xogħlijiet ta' tiswija u rijabilitazzjoni ta' proprjetajiet privati li jinsabu vojta u mitluqa. Biex tingħata din l-għajnuna, is-sidien iridu jintrabtu li jikru l-istess proprjetà lill-Awtorità tad-Djar b'rati ta' kera vantaġġużi għall-perjodu ta' 10 snin, għal skopijiet ta' *housing* soċjali. Dan l-inċentiv se jkun miftuħ għall-ewwel 100 residenza waqt li l-proprjetà trid tkun lesta u fi stat ta' abitazzjoni fi żmien sitt xhur minn meta tkun approvata l-għajnuna sabiex imbagħad tgħaddi għand l-Awtorità biex tinkera għal skopijiet ta' *housing* soċjali. | Awtorità tad-Djar | Ġiet approvata l-iskema mill-Bord tal-Awtorità tad-Djar u ġew finalizzati l-kundizzjonijiet marbuta mal-applikazzjoni. L-iskema ġiet varata fi Frar u l-kundizzjonijiet ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. | L-Awtorità tad-Djar irċeviet 11-il applikazzjoni u beda l-ipproċessar tagħhom. | Tlesta l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet milqugħa u beda xogħol ta' kostruzzjoni min-naħa tal-applikanti nfushom. | Mistenni li jitkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni u jintlaqgħu aktar applikazzjonijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 | Kull anzjan li jkun jgħix f'post mikri mingħand il-Gvern, u wara li jidħol San Vinċenz de Paule jew f'xi dar tal-anzjani inkluż dawk privati jew tal-Knisja taħt xi PPP mal-Gvern, jagħżel li jirritorna ċ-ċwievet tal-post tal-Gvern, jibda jinqatagħlu 20 fil-mija inqas mill-pensjoni tiegħu. Fi kliem ieħor, jekk dak l-anzjan jidħol San Vinċenz u jirritorna ċ-ċwievet tal-post mikri lilu, flok 80 fil-mija tal-pensjoni tibda tinqatagħlu 60 fil-mija waqt li l-kumplament flok jinqatgħulhom 60 fil-mija tal-pensjoni jinqatgħulhom 40 fil-mija. Din il-miżura se tkun tapplika mhux biss għal min jidħol f'xi istituzzjoni tal-anzjani mis-sena d-dieħla 'l quddiem, imma wkoll għal min diġà qed jgħix f'tali istituzzjoni. | Awtorità tad-Djar | Saru konsultazzjonijiet mal-partijiet kollha kkonċernati fuq il-proċeduri u responsabilitajiet tal-entitajiet varji. Sar xogħol ukoll ta' aġġornament fis-sistema tal-pensjonijiet biex tkun tista' tinħadem il-pensjoni bir-rata l-ġdida. Tqassmu fuljetti lill-anzjani fi djar varji tal-anzjani u f'San Vinċenz dwar it-tħaddim ta' din l-iskema. | Il-miżura ġiet imnedija f'April u bdew jintlaqgħu ċ-ċwievet ta' postijiet vakanti. Ingħata bidu għal kampanja ta' informazzjoni u żjarat fid-Djar tal-Anzjani. | Kompliet il-kampanja ta' informazzjoni u komplew il-laqgħat mal-anzjani.<br><br>Komplew jintlaqgħu aktar ċwievet ta' postijiet vakanti. | Mistenni li jintlaqgħu aktar ċwievet ta' postijiet vakanti u jitkompla x-xogħol biex it-trasferiment lura tal-proprjetà jkun effettiv u effiċjenti. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Bil-għan li aktar persuni jiġu megħjuna jsiru sidien ta' darhom, l-Awtorità tad-Djar flimkien mal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) diġà daħlet f'arranġament mal-APS Bank biex jingħataw *social loans* lil 100 sid prospettiv biex jiġu megħjuna jsiru sidien ta' darhom. Din l-inizjattiva kienet suċċess u l-Gvern se jkompli jibni fuqha tant li se jidħol f'arranġamenti simili mal-Bank of Valletta sabiex 300 applikant ieħor ikunu jistgħu jiġu megħjuna jixtru proprjetà u b'hekk isiru sidien ta' darhom huma wkoll. | Awtorità tad-Djar/ Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali | Intlaħaq ftehim bejn l-Awtorità tad-Djar, l-FSWS u l-banek involuti. Ġew evalwati l-każijiet milqugħa u tressqu għall-kunsiderazzjoni tal-banek għas-self meħtieġ. L-iskema u l-kundizzjonijiet marbuta magħha ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. Sa Marzu, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 140 applikazzjoni. | Komplew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u d-diskussjonijiet mal-banek. Dawn wasslu biex jintlaqgħu 307 applikazzjonijiet oħra, li 232 minnhom ġew riferuti għall-*assessment* soċjali. | Intlaqgħu aktar applikazzjonijiet u komplew id-diskussjonijiet mal-banek. | Mistenni li jkomplu jintlaqgħu l-applikazzjonijiet sabiex aktar benefiċjarji jgawdu minn din l-iskema. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 42 | L-Awtorità tad-Djar tinsab viċin li bis-saħħa ta' fondi Ewropej twettaq proġett ta' installar ta' liftijiet u ta' tisbiħ fl-oqsma tal-Bini tal-Gvern. Dan il-proġett estensiv jikkonċerna 109 blokok ta' appartamenti mikrijin mill-Gvern, u b'hekk se jtejjeb il-kwalità tal-ħajja ta' kważi 2,350 resident, fosthom 660 anzjan u 101 persuni b'diżabilità. | Awtorità tad-Djar | Kompla x-xogħol fuq it-twettiq ta' dan il-proġett li jinkludi pubblikazzjonijiet ta' diversi appalti li jkopru xogħol ta' kostruzzjoni, strutturi tal-ħadid, lifts, *finishes* u *landscaping* fost l-oħrajn.<br><br>Saret ħidma wkoll fuq il-proċess biex jinkisbu permessi għall-ewwel 73 blokk maħsuba għall-ewwel fażi tal-proġett. | Beda xogħol ta' kostruzzjoni u *finishes* f'erba' blokok. Ingħalqu numru ta' appalti u ġew iffirmati l-kuntratti.<br><br>Tkompla l-proċess ta' reklutaġġ ta' ħaddiema.<br><br>Kompliet il-ħidma mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jinkiseb permess għal aktar blokok. | Kompla x-xogħol ta' kostruzzjoni u *finishes* filwaqt li komplew jiġu ffirmati aktar kuntratti.<br><br>Kompla wkoll il-proċess fuq il-ħruġ tal-permessi. | Mistenni li jitkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni u *finishes* kif ukoll il-ħidma mal-Awtorità tal-Ippjanar għal ħruġ ta' permessi. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura hija kontinwa. |
| 43 | L-Awtorità tad-Djar fix-xhur li ġejjin se tkompli l-ħidma tagħha fuq programm ta' manutenzjoni jew tisbiħ, skont il-bżonnijiet ta' kull blokka partikolari. | Awtorità tad-Djar | Ġew ippubblikati numru ta' appalti għat-tisbiħ fil-blokok li jinsabu f'Santa Luċija, Ħal Lija, il-Mellieħa u Ta' Giorni. Saret l-evalwazzjonu u ġew iffirmati l-kuntratti. | Beda x-xogħol f'Santa Luċija, f'Ta Giorni u Ħal Lija.<br><br>Saret ħidma biex l-appalt relatat mal-ħidma fil-Mellieħa jerġa jiġi pubblikat. | Kompla x-xogħol f'Santa Luċija, f'Ta' Giorni u Ħal Lija.<br><br>Ġie ppubblikat l-appalt għal xogħol fil-Mellieħa u bdiet l-evalwazzjoni. | Mistennija titlesta l-evalwazzjoni tal-appalt għal xogħol fil-Mellieħa u jibda x-xogħol kif ukoll tkompli l-ħidma f'Santa Luċija, Ħal Lija u Ta' Giorni. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 44 | *Housing* affordabbli – Wasal iż-żmien li jkun hemm diskussjoni miftuħa dwar is-suq tal-kera. Il-Gvern beħsiebu jippubblika White Paper bi proposti dwar dan il-qasam. | Segretarjat Parlamentari għall-Akkomodazzjoni Soċjali | Saret ir-riċerka meħtieġa għall-abbozzar ta' White Paper. Tlesta l-abbozz u tressqet għall-approvazzjoni interna. | Kompliet il-ħidma interna fuq il-White Paper bi preparazzjoni għall-konsultazzjoni pubblika. | Kompliet il-ħidma interna fuq il-White Paper bi preparazzjoni għall-konsultazzjoni pubblika. | Mistennija tiġi finalizzata l-White Paper u toħroġ għall-konsultazzjoni pubblika. | Implimentata |

| | **MIŻURA TAL-BAĠIT** | **DIPARTIMENT** | **KWART 1** Jannar sa Marzu | **KWART 2** April sa Ġunju | **KWART 3** Lulju sa Settembru | **KWART 4** Ottubru sa Diċembru | **KUMMENTI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 226 | Kura fit-tul għall-anzjani – Se ninċentivaw u nixprunaw investiment f'dan il-qasam, kemm permezz ta' investiment mis-settur privat kif ukoll b'diversi proġetti fuq bażi ta' *public private partnership.* | Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità | Ġie ffirmat ftehim għal 107 sodod għal kura fit-tul (*long term care*) f'Casa Paola.<br><br>Bdew ukoll deħlin ir-residenti li kienu qed jistennew biex jidħlu f'dar tal-kura (*care home*). | Kompliet il-ħidma flimkien ma' operaturi privati biex jiġu evalwati proposti ġodda dwar kif aktar sodod residenzjali jkunu jistgħu jintużaw għal kura fit-tul. | | | Implimentata |
| 227 | Matul din is-sena nbeda investiment massiċċ ta' madwar €50 miljun li qed jara l-bini ta' kważi 700 *unit* għall-*housing*. | Social Projects Management Ltd (qabel HPMU) | Beda xogħol ta' tqattigħ fuq disa' siti u tlestew l-ewwel sitta. Ġew ippubblikati l-appalti għal tqattigh ta' tliet siti oħra kif ukoll saru l-preparamenti sabiex joħorġu appalti marbuta ma' xogħol ta' kostruzzjoni u *finishes* fi 12-il sit ieħor. | Tkompla xogħol tat-tqattigħ f'aktar siti.<br><br>Ġew ippubblikati numru ta' appalti u sar l-iffirmar tagħhom. | Kompla xogħol ta' tqattigħ u komplew jiġu ppubblikati aktar appalti ta' kostruzzjoni u *finishes*. | Mistennija tkompli l-ħidma għat-twettiq ta' dan il-proġett massiċċ. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2014 LI TWETTQU FL-2018

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 117 | Reviżjoni tal-Production Sharing Contract | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | OPM | Implimentata |
| 127.1 | Jitfassal pjan nazzjonali għall-ilma | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2016. | MEW | Implimentata |
| 105 | *Medium Term*: Se nagħtu prijorità lill-proġetti li jħaffu t-traffiku f'żoni fejn dan jinġema' sistematikament. Il-*flyover* tal-Kappara se tgħin għal dan il-għan u x-xogħol fuqha mistenni jibda din is-sena. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | MTIP | Implimentata |
| 79 | *Il-Gvern ser jikkummissjona studju soċjoekonomiku u ieħor tekniku flimkien ma' studju dwar l-impatt ambjentali dwar l-effett ta' airstrip itwal f'Għawdex. Wara proċess ta' konsultazzjoni bbażat fuq il-vantaġġi u żvantaġġi ta' dan l-iżvilupp, il-Gvern jieħu deċiżjoni strateġika għall-futur.* | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2018. | MGOZ | Implimentata |
| 121b | Is-sistema tad-dawl, arja kundizzjonata, lifts u twieqi *double glazed*, fil-blokka Rużar Briffa fir-residenza San Vinċenz de Paule, ukoll se tinbidel ma' oħra aktar effiċjenti sabiex titnaqqas l-ispiża għall-enerġija fil-futur. Dan il-proġett, kofinanzjat minn fondi Ewropej, mistenni jiswa € 3.5 miljun. | Din il-miżura ġiet imwettqa flimkien ma' miżura 231 (2017) li saret f'Diċembru 2017. | MFCS | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2015
# LI TWETTQU FL-2018

| MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| Irridu wkoll intejbu l-effiċjenza tagħna f'dan il-qasam sabiex neliminaw il-burokrazija u l-monopolji u b'hekk innaqqsu l-ispiża għall-intrapriżi. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | MEIB | Implimentata |
| Qed naħdmu sabiex f'pajjiżna jkollna *shooting range* ta' livell internazzjonali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | MEDE | Implimentata |
| Ser isir użu mill-Foss tal-Belt madwar is-swar kemm għall-parkeġġ kif ukoll bħala ġnien pubbliku. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru. | MOT | Implimentata |
| Is-sena d-dieħla l-Gvern se jitfa' fuq quddiem riforma fil-qasam tal-liġi tal-istampa (libell) biex niggarantixxu l-libertà tal-espressjoni waqt li nassiguraw li l-liġijiet ikunu jagħmlu sens fiż-żminijiet tal-lum. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | MJCL | Implimentata |
| Il-ħidma tagħna tkompli wkoll fuq proġetti infrastrutturali u b'xogħol estensiv marbut ma'<br>(a) Mużew tal-Arti, MUŻA<br>(b) *Creative clusters*, l-ewwel wieħed marbut mad-disinn<br>(ċ) Restawr ta' siti kulturali | Din il-miżura mistennija tiġi implimentata fl-aħħar kwart tal-2018. | MJCL | Implimentata |
| Fil-qasam agrikolu, matul l-2015 se jitwettaq xogħol sabiex, wara perjodu t'analiżi dwar l-istat tal-agrikoltura f'pajjiżna, titfassal għall-ewwel darba Politika Agrikola Nazzjonali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | MESDC | Implimentata |
| Il-Gvern se jkompli bil-ħidma biex jippromovi l-prodotti Maltin ta' kwalità permezz tad-dħul fis-seħħ tal-qafas u l-marka ta' kwalità nazzjonali, li dwarha tħejjiet liġi din is-sena. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | MESDC | Implimentata |
| Il-Gvern se jibda billi janalizza sewwa l-qagħda fiżika u ambjentali ta' Wied il-Blandun, permezz ta' studju li għalih qegħdin nipprovdu l-flus fil-baġit, sabiex wara nieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn sabiex nirrijabilitaw il-wied. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2017. | MESDC | Implimentata |
| Investiment importanti huwa dak li se nagħmlu fil-*junction* tal-Kappara, liema proġett se jinkludi wkoll investiment ta' €3 miljun biex jiġu mtejba diversi toroq fil-madwar. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | MTIP | Implimentata |

| MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|
| Tfasslu diversi proġetti li mistennija jinbdew fl-2015, fosthom ir-*rapid launch facility* tal-FAM f'Xatt it-Tiben, il-Furjana, u r-restawr tal-Ġnien tal-Argotti fil-Furjana.<br><br>(ċ) (Diversi proġetti): Tisbiħ taz-zuntier tal-knisja ta' Santa Liberata, il-Kalkara<br>(f) (Diversi proġetti): Tisbiħ taz-zuntier tal-knisja tal-Vitorja, l-Isla | (ċ) u (f) Dawn il-miżuri ġew implimentati f'Jannar 2017. | MTIP | Implimentata |
| Dan il-Gvern se jiftaħ toroq ġodda lejn Għawdex, din id-darba bl-ajru. F'dan ir-rigward, qed isiru studji relattivi għall-proġett ta' *rural/green airfield* f'Għawdex. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | MGOZ | Implimentata |
| Se noħorġu skema li tinkoraġġixxi ż-żieda u ż-żamma ta' impjiegi *full-time* fl-industrija tat-turiżmu. Kull operatur li jdaħħal u jżomm impjegati ġodda *full-time*, u/jew jaqleb impjegati tiegħu minn *part-time* għal *full-time*, se jgawdi minn rifużjoni parzjali fil-ħlas tal-bolla. Din ir-rifużjoni se tammonta għas-somma ta' €1000 għal kull impjegat addizzjonali *full-time*. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | MGOZ | Implimentata |
| Matul ix-xhur bejn Novembru u Marzu se jiġi offrut taħriġ ta' jumejn fil-ġimgħa lil dawk il-ħaddiema li jaħdmu fis-settur tat-turiżmu. Min iħaddem se jirċievi ħlas ta' €30 għal kull ġurnata. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2016. | MGOZ | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2016
# LI TWETTQU FL-2018

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 168 | Se tkompli wkoll il-ħidma fuq il-possibbiltà li jkollna *shooting range* ta' livell internazzjonali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | MEDE | Implimentata |
| 159 | Il-Pixxina Nazzjonali<br><br>Wara li sar ħafna xogħol din is-sena, se jkompli x-xogħol ta' mmodernizzar fuq il-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq, fosthom il-bdil tad-*deck* tal-pixxina kif ukoll *retrofitting* ta' inġenji biex il-pixxina ssir aktar *energy friendly* u tiġi ffrankata ħafna enerġija. Se jiġi rijabilitat ukoll ġibjun sabiex ikun jista' jiġbor fih ilma li jerġa' jintuża fl-istess pixxina. | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2017. | MEDE | Implimentata |
| 270 | Kreditu tat-taxxa għal ażjendi li joffru trasport b'xejn lill-ħaddiema tagħhom. Transport Malta se tieħu ħsieb li, flimkien mal-Malta Enterprise, tidħol f'taħditiet mal-korpi kostitwiti, *trade unions* u assoċjazzjonijiet taż-żoni industrijali, biex indaħħlu sistema ta' inċentivi għal dawk il-postijiet tax-xogħol li joffru trasport lill-ħaddiema tagħhom, li jingħaqdu flimkien biex joffru dan it-trasport, jew li jinċentivaw lill-ħaddiema tagħhom biex jużaw it-trasport pubbliku. | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar. | MFIN | Implimentata |
| 275 | Infrastruttura, Tindif u Tisbiħ Rurali: Qegħdin jiġu kkonċentrati diversi attivitajiet u proġetti fi bliet u rħula storiċi bħall-belt kapitali, l-Imdina u t-Tlett Ibliet (Kottonera) sabiex ikomplu jikkumplimentaw il-pjan tal-Gvern ta' rijabilitazzjoni. Dawn ix-xogħlijiet se jiġu intensifikati u hemm proġetti estensivi ppjanati għall-Furjana u l-akkwati tal-Belt Valletta, li jinkludu l-bidu tar-restawr tal-Funtana tat-Tritoni. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | MOT | Implimentata |
| 37a | Qed isir tisħiħ fit-Taqsima ta' Kontra r-Reati Ekonomiċi tal-Pulizija f'dawk li huma riżorsi umani fejn l-Iskwadra telgħet minn sitt Spetturi għal għaxar Spetturi. Qed jiżdiedu n-nies fl-*Investigations Teams* tagħhom ukoll. Għas-sena 2016 huwa maħsub illi din l-Iskwadra tkun imsaħħa billi jiżdiedu nies professjonali oħra magħha bħal *accountants* u professjonisti oħra. Jekk dawn ir-riżorsi ma jinstabux mill-Korp tal-Pulizija, jiġu ingaġġati minn barra l-Korp. Se jkun hemm tisħiħ ukoll fl-għodod użati minn din l-Iskwadra fejn jirrigwarda mezzi analitiċi. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju. | MHAS | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 96 | It-tielet, fil-kamp kummerċjali se nagħtu prijorità lil żewġ oqsma li fis-settur legali fl-aħħar ġenerazzjonijiet ta' snin waqgħu lura il-kamp tal-falliment (*bankruptcy proceedings*) u l-kamp tal-infurzar tal-kuntratti. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju. | MJCL | Implimentata |
| 89b | Il-proġett MUŻA | Din il-miżura mistennija tiġi implimentata fl-aħħar kwart tal-2018. | MJCL | Implimentata |
| 356 | Fl-isfond ta' dan kollu qed jitlesta wkoll *operational review* fid-Direttorat tal-Parks u dan sabiex minbarra viżjoni ġdida dan ikollu riżorsi adegwati għall-operat u l-investimenti ġodda. Hemm il-ħsieb ukoll li ġaladarba dan l-istess Ministeru jlesti l-proġett tar-restawr tas-Salini, dawn jgħaddu flimkien mal-art bassasa tal-madwar għand waħda mill-għaqdiet ambjentali sabiex isir wieħed mill-akbar santwarji tal-għasafar f'Malta. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | MESDC | Implimentata |
| 276 | Restawr tal-Ġnien Botaniku tal-Argotti. Qegħdin jiġu kkonċentrati diversi attivitajiet u proġetti fi bliet u rħula storiċi bħall-belt kapitali, l-Imdina u t-Tlett Ibliet (Kottonera) sabiex ikomplu jikkumplimentaw il-pjan tal-Gvern ta' rijabilitazzjoni. Dawn ix-xogħlijiet se jiġu intensifikati u hemm proġetti estensivi ppjanati għall-Furjana u l-akkwati tal-Belt Valletta, li jinkludu l-bidu tar-restawr tal-Ġnien Botaniku tal-Argotti. | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | MESDC | Implimentata |
| 374 | Se jsiru applikazzjonijiet biex jiġu restawrati postijiet storiċi f'Għawdex, fosthom l-akkwedott li kien iwassal l-ilma minn Santa Luċija sar-Rabat, il-Mitħna tax-Xewkija u l-Għar ta' Kalipso. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | MGOZ | Implimentata |
| 77 | Il-programm għall-2016 jinkludi proġetti fi tliet lokalitajiet, fosthom blokk ta' 48 *unit* fil-Ħamrun fejn hu ppjanat li jsiru xogħlijiet ta' tiswija u tibdil ta' soqfa u kontrabjut waqt li se jsir ukoll *upgrading* sħiħ tal-partijiet komuni u estensivi tal-blokka. Dan jinkludi tibdil ta' servizzi ta' dawl, ilma u drenaġġ, tibdil ta' madum u aperturi, kif ukoll tindif u tibjid fil-partijiet komuni. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar. | MFCS | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2017 LI TWETTQU FL-2018

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 77 | Biex il-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq inġibuha fi stat aħjar, fl-2017 se nkomplu nwettqu programm ta' xogħol fejn se naqilgħu d-*deck* u nagħmluh mill-ġdid u nagħmlu wkoll manutenzjoni tal-art tal-*istands*. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Settembru 2017. | MEDE | Implimentata |
| 82 | Ser inkunu qed naħdmu wkoll fuq *shooting range* ġdida permezz ta' sejħa pubblika. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | MEDE | Implimentata |
| 31 | Kif jitlestew il-*commissioning* u l-ittestjar fuq l-impjanti tal-ilma, se nkunu qed inżidu mas-seba' miljun metru kubu ta' ilma ġdid. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | MEW | Implimentata |
| 144 | Is-sena li ġejja se nwettqu pass ieħor lejn soċjetà li tirrispetta tassew u bil-fatti l-orjentazzjoni sesswali ta' persuni LGBTIQ meta se nagħmlu proċess ta' konsultazzjoni dwar l-għoti tad-demm minn persuni omosesswali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2018. | MEAE | Implimentata |
| 155 | Il-Fond Ewropew għall-Investiment Strateġiku (EFSI) hu strument importanti li jista' jkompli jixpruna t-tkabbir ekonomiku tagħna. Wara li waqqafna l-Bank Malti għall-Iżvilupp, issa qed inħejju pjanijiet biex permezz ta' dan il-bank inkunu nistgħu nibbenefikaw ukoll mill-fondi tal-EFSI biex noħolqu aktar opportunitajiet ta' investiment. | Din il-miżura ġiet implimentata f'April. | MFIN | Implimentata |
| 39 | Fl-2017 Projects Malta trid tara li l-proġetti li sar qbil dwarhom bejn il-Gvern u l-privat jimxu mal-parametri maqbula. Fost dawn hemm l-investiment fl-Isptar San Luqa, l-Isptar Karen Grech u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn ix-xogħol fl-Isptar San Luqa mistenni jinbeda din is-sena waqt li x-xogħol f'Għawdex mistenni jibda kmieni s-sena d-dieħla. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Marzu. | MOT | Implimentata |
| 99 | Il-programm ta' dan ix-xogħol jinkludi wiċċ ġdid lit-toroq tal-Belt Valletta speċjalment fiż-żoni residenzjali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju. | MOT | Implimentata |
| 283 | Se jkun hemm ukoll immaniġġjar aħjar tal-bajjiet tagħna; inżidu l-livell ta' sigurtà f'żoni turistiċi prominenti, intejbu l-faċilitajiet sanitarji, u naraw li l-indafa pubblika fil-pajjiż inġenerali tingħata l-attenzjoni li jixirqilha. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | MOT | Implimentata |
| 9 | Fix-xhur li ġejjin Projects Malta se tkun qed tara l-vijabilità li toħroġ sejħa pubblika biex il-bini li qabel kien l-isptar navali fl-Imtarfa jinbidel fi skola indipendenti internazzjonali li toffri korsijiet li jwasslu għal Baċellerat Internazzjonali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | MOT | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | META TWETTQET | MINISTERU | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 257 | Din is-sena stess se nkunu qed immexxu 'l quddiem liġi ġdida li se ddaħħal skrutinju fuq il-ħatra ta' *chairpersons* ta' awtoritajiet ewlenin u ta' ambaxxaturi bl-involviment sħiħ ta' dan il-Parlament. | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar. | MJCL | Implimentata |
| 264 | Fost dawn insibu l-Mużew il-Ġdid tal-Arti (MUŻA) fil-Berġa tal-Italja. | Din il-miżura mistennija tiġi implimentata fl-aħħar kwart tal-2018. | MJCL | Implimentata |
| 268 | Ir-rijabilitazzjoni tal-knisja tal-Ġiżwiti | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju. | MJCL | Implimentata |
| 302 | Se ninvestu biex nagħmlu *upgrading* tal-*picnic area* ta' Ta' Qali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | MESDC | Implimentata |
| 2 | Fil-qasam tal-ippjanar is-sena d-dieħla se nkunu qed nibdlu d-Dipartiment tal-Artijiet f'awtorità awtonoma bi struttura li aktar taqbel maż-żminijiet tal-lum.<br><br>L-awtorità tkun trid taqleb is-sistema kurrenti ta' *files* għal waħda diġitali biex tassigura aktar effiċjenza u trasparenza fil-proċess amministrattiv.<br><br>L-awtorità trid tfassal standards ta' kif għandhom isiru l-valutazzjonijiet tal-proprjetà b'mod professjonali. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju. | MTIP | Implimentata |
| 101 | Bini mill-ġdid u pavimentar tal-*promenade* fil-Qajjenza | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju. | MTIP | Implimentata |
| 136 | Matul l-2017 se nkunu qed noħorġu *white paper* li permezz tagħha nagħtu bidu għal proċess ta' konsultazzjoni dwar id-devoluzzjoni ta' ċerti responsabbiltajiet għall-gżira ta' Għawdex. L-għan tagħna hu li ssir diskussjoni mifruxa dwar dawk l-attivitajiet amministrattivi u xogħol ieħor marbut direttament mal-gżira Għawdxija u dwar jekk u kemm hu fattibbli li dawn jibdew jaqgħu taħt tmexxija u direzzjoni li tittieħed minn Għawdex stess. Dan kollu jifforma parti minn proċess ta' deċentralizzazzjoni li fl-istess ħin ikun qed jagħti aktar leħen lill-Għawdxin. | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu. | MGOZ | Implimentata |

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU